# TITOLU V
# ĊITTADINANZA

## ARTIKOLU II-99
## Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

**1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi, skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.**

**2. Il-membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet.**

**<u>Barranin Jirrappreżentaw lil Malta?</u>**

Innutaw kif kull barrani minn kull Stat Membru jkun jista' joħroġ għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew daqs li kieku kien ċittadin ta' dak l-Istat Membru li jkun mar jgħix fih.

L-aktar li dan l-Artikolu jista' jaffettwa huma Stati Membri żgħar, għaliex jekk imorru skoss ċittadini minn Stat Membru jew Stati Membri oħra faċilment li jtellgħu kandidat minn tagħhom minflok ċittadin ta' dak l-Istat Membru.

Imma Stati Membri żgħar qatt ma jkunu jistgħu jagħmlu hekk, għaliex iċ-ċittadini tagħhom ikunu ftit wisq meta' mqabbla ma dawk ta' l-Istat Membru li jkunu marru fih, u għalhekk kważi jkun impossibbli li huma jtellgħu ċittadin minn tagħom fi Stat Membru ieħor.

Dan ifisser li jekk ikomplu ġejjin barranin f'Malta nistgħu naslu f'sitwazzjoni fejn joħorġu l-kandidat tagħhom u jitla minflok kandidat Malti u aktar niġu ottu.

Din m'hijiex xi ħrafa jew ħolma, għaliex wieħed jista' jara kif hemm rappreżentanti barranin ta' Stati Membri minflok ċittadini naturali ta' dawk l-Istati Membri.

Kif ġara fl-Istati Membri kbar aktar u aktar jista' jiġri f'Malta bil-popolazzjoni żgħira tagħna u bin-numru kbir ta' barranin li qegħdin jiġu hawn.

Nittamaw li dak iż-żmien qatt ma jasal għaliex il-poplu Malti jkun qam qawma sewwa fuq tiegħu u jkun bewweġ lill-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea flimkien mas-settlers kolonizzaturi u l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin.

## ARTIKOLU II-100
## Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali

**Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u d-dritt li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn jirrisjedi skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.**

## L-Istess Kummenti

Dan huwa l-istess bħall-Artikolu ta' qabel, bid-differenza li dan huwa dwar il-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant jgħoddu l-istess kummenti li għamilna għall-Artikolu ta' qabel.

### ARTIKOLU II-101
### Dritt ghal amministrazzjoni tajba

**1. Kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-ħwejjeġ li jirrigwardawha trattati b'mod imparzjali, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni.**

**2. Dan id-dritt jinkludi:**

**a) id-dritt ta' kull persuna li tagħti l-opinjoni tagħha, qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha ħażin;**

**b) id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għat-taghrif uffiċjali miġbura dwarha, filwaqt li jiġu rispettati l-interessi leġittimi ta' kunfidenzjalita' u tas-segretezza professjonali u tan-negozju;**

**ċ) l-obbligu ta' l-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.**

**3. Kull persuna għandha d-dritt li l-Unjoni tagħmel tajjeb għal danni kkaġunati mill-istituzzjonijiet jew l-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri.**

**4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tal-Kostituzzjoni u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.**

## Għalfejn ma Tagħmilx Tajjeb il-Persuna Stess?

M'hemmx x'wieħed jgħid ħafna fuq dan l-Artikolu, għaliex mhux li tagħti l-opinjoni tiegħek ikun jgħodd, imma jekk dik l-opinjoni jingħatax każha.

Barra minn hekk, x'tippretendi l-Unjoni Ewropea, li l-istituzzjonijiet u l-impjegati tagħha jagħmlu l-ħsara u ma jħallsux ta' għemilhom?

Imma tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li ma jingħadx li l-mexxejja jew dawk li jkunu ħadu d-deċiżjoni li biha tkun saret il-ħsara jħallsu minn buthom, u għalhekk sejrin ikunu ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, fosthom aħna, li sejrin inkunu qegħdin inħallsu mit-taxxi tagħna għall-iżbalji tagħhom.

Kieku tassew l-Unjoni Ewropea riedet li kulħadd iħallas ta' għemilu kienet iddaħħal f'dan l-Artikolu li kull min jagħmel ħsara b'deċiżjoni li jkun ħa jkollu jħallas minn butu tal-ħsara li jkun għamel.

Imma kieku tagħmel hekk min jaf kemm jiġu mfittxija għad-danni l-Kummissarji u l-Uffiċjali għolja tagħha għad-deċiżjonijiet żbaljati jew żbilanċjati li jieħdu.

Barra minn hekk, jekk tikteb b'ilsien uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mhux bilfors li għandek jedd li tirċievi tweġiba bl-istess ilsien?

Inkella l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tgħaddik biż-żmien jekk tagħmillek l-ilsien tiegħek ilsien uffiċjali u ma twegbikx bih.

U xi ngħidu għall-famuż ***Corpus Juris***, il-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea li biċċa biċċa qed tiddaħħal f'numru ta' regolamenti?

Din hija liġi moqżieża li jixirqilha li jinkiteb ktieb dwarha ħalli kulħadd ikun jaf kif l-Unjoni Ewropea trid li jsir spjunaġġ fuq kull persuna fl-Istati Membri u li l-istess liġi tagħmel farsa mid-drittijiet tal-bniedem.

Dan huwa l-qerq li hemm mill-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Culpa in Eligendo</u>**

Tajjeb li ngħidu li l-prinċipju li min jagħmel il-ħsara jrid iħallas ta' għemilu ilu jeżisti fil-liġijiet tagħna anki jekk il-ħsara jikkawżaha l-Gvern.

Mhux biss, imma għandna Artikolu apposta fil-Liġi Ċivili Maltija fejn anki min iqabbad li xi ħaddiem tiegħu jagħmel xi xogħol u dan jagħmel il-ħsara jrid iħallas għaliex ma jkunx ħa ħsieb li l-ħaddiem tiegħu jkun kapaċi jagħmel dak ix-xogħol. L-Avukati jafu dan bħala "***culpa in eligendo***".

Dan huwa Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili u jgħid li,
"Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi."

Fil-fatt hemm numru mhux ħażin ta' kawżi fejn iċ-ċittadini Maltin għamlu u rebħu kawżi kontra l-Gvern li minħabba nuqqasijiet ikkawżalhom danni, għalkemm id-danni jitħallsu mit-taxxi tagħna.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea ma qiegħda tagħmel xejn ġdid li ma kienx fil-liġijiet Maltin ħafna qabel ma ħolmu bl-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU II-102**
**Dritt ta' aċċess għal dokumenti**

**Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.**

**Aċċess Limitat**

Tinsewx li waqt li hawnhekk qiegħed jingħad li kull persuna għandha jkollha aċċess għad-dokumenti, aktar qabel rajna li dan l-aċċess irid ikun regolat b'liġi li tista' ma tħallix ċerti dokumenti li jintwerew.

Barra minn hekk, jekk tassew hemm trasparenza u l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijet tagħha m'għandhomx x'jaħbu, għalfejn qegħdin jillimitaw dan il-jedd biss għall-persuni li jkunu joqgħodu jew ikollhom l-uffiċċju tagħhom fi Stat Membru?

Jekk ikunu marru joqgħodu barra mill-Unjoni Ewropea għalfejn m'għandhomx ikollhom l-istess jedd?

U jekk il-persuni li jkun ntlaqtu minn xi ħaġa ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li ma jkunux ċittadini jew ikollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għalfejn m'għandhomx ikollhom ukoll jedd għad-dokumenti li jolqtuhom?

**ARTIKOLU II-103**
**Ombudsman Ewropew**

**Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.**

**Eċċezzjoni tal-Qrati**

Waqt li kif għedna aktar qabel meta' konna qegħdin naraw l-Artikolu l-ieħor dwar l-Ombudsman li mhux x'tgħid jgħodd, imma x'tagħmel, hawnhekk għandna l-eċċezzjoni li l-Qrati ta' l-Unjoni Ewropea ma jistax isir ilment kontra tagħhom waqt li jkunu qegħdin jaġixxi fix-xogħol ġudizzjarju tagħhom.

Fi kliem ieħor, persuna tista' tilmenta li ma ttrattawhiex tajjeb jekk kellha mpjieg magħhom, imma ma tistax persuna li kellha kawża quddiem il-Qrati ta' l-Unjoni Ewropea tilmenta li l-Qrati ma qatgħux tajjeb fil-każ tagħha.

Dan huwa suġġett delikat għaliex hemm argumenti kbar ħafna jekk l-Ombudsman għandux jidħol fix-xogħol tal-Qrati.

Min-naħa waħda qishom il-Qrati 'il fuq mil-liġi, waqt li min-naħa l-oħra hemm l-argument li ma jistax ikun li jkun hemm min jindaħal fix-xogħol tal-Qrati.

Għaldaqstant dan huwa suġġett delikat ħafna b'argumenti twal u kuntrarji u mhuwiex f'postu li jiġi ttrattat f'dan il-ktieb.

Bħal ma għedna fl-Artikolu ta' qabel, jekk il-persuni li jkun ntlaqtu minn amministrazzjoni ħażina ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li ma jkunux ċittadini jew ikollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għalfejn m'għandhomx

ikollhom ukoll jedd li jindirizzaw lill-Ombudsman u mhux ikollhom joqgħodu jidħlu l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU II-104**
**Dritt ta' petizzjoni**

**Kull ċittadin ta' l-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew.**

**Kummenti**

Jedd ieħor li ma jfissirx li l-petizzjoni trid tintlaqa', imma għalmenu għandek jedd li tagħmilha.

L-istess kummenti li għamilna dwar jekk il-persuni ma jkunux joqgħodu fl-Unjoni u jkunu xorta waħdu ntlaqtu minn deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, għalfejn m'għandhomx ikollhom ukoll jedd li jagħmlu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew minflok ma joqgħodu jmorru quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU II-105**
**Liberta' ta' moviment u ta' residenza**

**1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt ta' liberta' ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri.**

**2. Il-liberta' tal-moviment u tar-residenza tista' tingħata, skond il-Kostituzzjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru.**

**Periklu Għalina**

L-ewwel nett diġa' ġbidna l-attenzjoni li l-jedd li kull ċittadin ta' kull Stat Membru jmur joqgħod fejn irid fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor ifisser li l-Istati Membri m'għadx għandhom jedd li ma jaċċettawx lil xi ħadd li jmur joqgħod għandhom.

Barra minn hekk, kull barrani jkollu l-istess jeddijiet għall-proprjeta', servizzi soċjali, jedd għax-xogħol b'kompetizzjoni diretta maċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru joqgħodu fih, u dak kollu li ċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru jkollhom jedd għalih.

Dawn ikunu lesti li jaħdmu b'pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol anqas milli jkunu lesti jaċċettaw il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru, u għaldaqstant ifarrkulhom il-pagi u l-kundizzjonijet tax-xogħol li jkunu ilhom żmien twil jiġġieldu biex jiksbuhom.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea tagħti l-jedd li kull ċittadin minn kull Stat Membru jkun jista' jmur joqgħod, jaħdem u jkollu l-istess jeddijiet daqs iċ-ċittadini

ta' dak l-Istat, biex il-kapitalisti Ewropej ikollhom minn fejn jagħżlu u jfarrku dak kollu li l-ħaddiema jkun irnexxilhom jiksbu matul iż-żmien.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li anki ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw l-istess jeddijiet.

Għaldaqstant, kull ċittadin ta' pajjiżi li ma jkunux Stati Membri imma li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim magħhom li ċittadini tagħhom jistgħu jaħdmu fl-Istati Membri jkollhom ukoll il-jedd li jmorru jaħdmu f'kull Stat Membru ieħor.

Dan ifisser li mhux biss ikunu ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jmorru jfarrku l-ħaddiema ta' l-Istati Membri l-oħra, imma anki ċittadini minn pajjiżi terzi li normalment jew ma jkollhomx xogħol f'pajjiżhom jew ikunu mħallsin bis-soldi, u għalhekk ikunu lesti li jaċċettaw kull xogħol b'kull paga u b'kull kundizzjoni.

B'hekk l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kostituzzjoni tagħha kif ukoll permezz tar-regolamenti tagħha dejjem qiegħda tfarrak lill-ħaddiema fl-Istati Membri tagħha kollha biex igawdu ċerti kapitalisti kbar speċjalment ta' l-Istati Membri kbar tagħha.

Barra minn hekk, tinsewx li Malta hija żgħira ħafna u hija wieħed mill-aktar postijiet popolati fid-dinja. Dalwaqt nibdew naħbtu ma xulxin jekk nibqgħu nħallu barranin jiġu joqgħodu hawn u jixtru l-proprjeta'

Dan il-fatt ikompli jaggrava s-sitwazzjoni tad-djar f'Malta li mhux biss se nispiċċaw biex jekk nibqgħu nibnu ma jibqa' l-ebda roqgħa ħamrija f'Malta, imma bin-numru ta' barranin li jiġu l-proprjeta' sejra tkompli togħla mas-sema.

Dan ifisser ukoll li ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin se jkollhom jissallbu aktar milli huma msallba u jagħmlu għomorhom kollu mdejjna mal-banek biex iħallsu d-dar li jkunu xtraw biex ikunu jistgħu jibdew familja.

Aktar 'il quddiem lanqas ikunu jistgħu jixtru dar fejn joqgħodu bl-isplużjoni tal-prezzijiet u l-kera wkoll ma jkunux jistgħu jlaħħqu miegħu.

Tgħid għad naraw nies jorqdu barra bħal ma hemm fi Stati membri oħra, jew nerġgħu bħas-snin sittin meta kellna ħafna familji li jiżżewġu u joqgħodu mal-ġenituri tagħhom?

Ftakru li din kienet is-sitwazzjoni fis-snin sittin li ġiet rimedjata fis-snin sebgħin minn Gvern tal-Ħaddiema li qassam eluf ta' djar, appartamenti u artijiet bi ftit flus, mhux bħal-lum meta trid eluf kbar għall-art u eluf oħra għall-permessi qabel biss tkun bdejt.

Malta kienet l-għira ta' ħafna pajjiżi, speċjalment Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, fejn persentaġġ kbir tal-popolazzjoni Maltija hija s-sid tad-dar tagħha, grazzi għall-miżuri li kienu ttieħdu minn Gvern tal-Ħaddiema.

Dan kollu qiegħed jispiċċa minħabba l-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropea li kull ċittadin minn kull Stat Membri jista' jmur joqgħod f'kull Stat Membru ieħor u jixtri proprjeta' hemmhekk.

L-unika triq biex neħilsu minn dan il-madmad li qiegħed jeqirdilna dak kollu li bnejna bi tbatija kbira matul is-snin hija li nitilqu l-lejla qabel għada, kif għandna kull jedd u

setgħa li nagħmlu, mill-ħakma kolonjali illegali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU II-106
## Protezzjoni diplomatika u konsulari

**Kull ċittadin ta' l-Unjoni jkun intitolat, fit-territorju ta' pajjiż terz li fih l-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin ma jkunx rappreżentat, li jgawdi mill-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kull Stat Membru, bl-istess kondizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.**

### Naqblu b'Riserva

Din naqblu fuqha b'riserva, għaliex l-ewwel nett tajjeb li jkun min ikun isib il-wens u l-ħarsien ta' xi ħadd meta' jkun f'pajjiż barrani, u t-tieni dan kien u għadu jsir minn pajjiżi li jiftehmu ma pajjiżi oħra fejn ma jkollhomx rappreżentanza diplomatika biex il-pajjiż l-ieħor jieħu ħsieb il-ħtiġjiet taċ-ċittadini tagħhom.

Għedna li naqblu magħha b'riserva għaliex waqt li naqblu magħha ma naqblux li Malta tibqa' fil-jasar ta' l-Unjoni Ewropea, imma dejjem jista' jsir ftehim kif dejjem sar minn u ma' pajjiżi differenti biex fejn ma jkunx hemm rappreżentant tagħhom jieħdu ħsieb iċ-ċittadini tagħhom xi rappreżentant jew rappreżentanti ta' pajjiżi oħra.

## TITOLU VI
## ĠUSTIZZJA

### ARTIKOLU II-107
### Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali

**Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni jigu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

**Kull persuna għandha d-dritt għal smiegħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibilita' li tieħu parir, ikollha difiża u tkun rappreżentata.**

**Għajnuna legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx riżorsi biżżejjed, fil-każjiet fejn din l-għajnuna hija neċessarja sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.**

<u>**Fil-Liġijiet u l-Kostituzzjoni ta' Malta**</u>

Hawnhekk tajjeb ngħidu li anki dawn il-jeddijiet jinsabu fil-liġijiet u l-Kostituzzjoni tagħna, u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna bihom.

Imma l-aktar importanti huwa li tinnutaw li dawn il-jeddijiet u libertajiet huma garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li jekk tgħaddi l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, din tkun fuq il-liġijiet kollha u anki fuq il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dan ifisser li minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni tagħna kif ukoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tkun torbot.

Għaldaqstant, il-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha l-Karta tal-Jeddijiet tagħha jfisser li kif rajna aktar qabel, l-aħħar qorti dwar dawn il-jeddijiet sejra tkun il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk, bl-iskuża li dawn il-jeddijiet huma mħarsa mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tipprova taqta' barra l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, biex mhux biss tkun tista' permezz tal-Qorti tagħha taqta' kif ikun jaqbel għaliha, imma l-Unjoni Ewropea ma tkunx taħt il-kontroll ta' Qorti barranija.

### ARTIKOLU II-108
### Preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża

**1. Kull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi.**

**2. Għandu jiġi garantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kull min ikun imputat.**

**Jeddijiet fil-Liġijiet Maltin**

Jeddijiet li bħall-oħrajn jinsabu wkoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta u f'konvenzjonijiet oħra.

Imma nfakkru kif bis-sistema kriminali li trid iddaħħal l-Unjoni Ewropea, dik magħrufa bħala sistema inkwisitorja, huwa l-akkużat li jrid jipprova li huwa innoċenti, u mhux il-prosekuzzjoni li tkun qiegħda takkużah li trid tipprova li huwa ħati.

Dawn huma l-ħniżrijiet ta l-Unjoni Ewropea li kulħadd jipprova jaħbihom.

Barra minn hekk, innutaw li l-Unjoni Ewropea permezz ta' dawn il-provvedimenti u provvedimenti oħra li għandha u li anki għad trid iddaħħal qed tidħol fil-qasam tal-kamp kriminali li dejjem kien regolat minn kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** skond is-soċjeta' tiegħu u mhux skond soċjetajiet f'pajjiżi oħra.

Fil-fatt, pajjiżi differenti għandhom liġijiet kriminali differenti.

Hemm pajjiżi li għandhom dik imsejħa sistema akkużatorja, fejn hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li l-akkużat huwa ħati, bħal ma jsir hawn Malta u fl-Ingliterra fost oħrajn, u s-sistema inkwiżitorja, fejn ikun l-akkużat li jrid jipprova li m'huwiex ħati ta' dak li jkun qiegħed jiġi akkużat bih.

Is-sistema li trid iddaħħal l-Unjoni Ewropea u li hija s-sistema li tinsab f'ħafna Stati Membri tagħha hija s-sistema inkwisitorja, u tissejjaħ hekk għaliex tkun qisek qiegħed fl-Inkwiżizzjoni għaliex tkun inti li trid tipprova li m'intix ħati mhux il-prosekuzzjoni.

Tinsewx li anki s-sistema tal-ġuri ma tridhiex l-Unjoni Ewropea, u għalhekk kien sar dak l-attakk kollu fuq is-sistema tal-ġuri hawn Malta.

Qegħdin taraw kif wara kull ħaġa li ssir ikun hemm xi ħaġa moħbija warajha?

**ARTIKOLU II-109**
**Prinċipji ta' legalita' u proporzjonalita' ta' reati u ta' pieni**

**1. L-ebda persuna m'għandha tinstab ħatja ta' reat għal xi att jew ommissjoni li fiż-żmien meta sar jew saret ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew id-dritt internazzjonali.**

**Lanqas m'għandha tingħata piena ogħla minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li jsir r-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena tkun applikabbli.**

**2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' kwalunkwe persuna għal kwalunkwe att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien**

**jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunita' tan-nazzjonijiet.**

**3. Is-severita' tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.**

**Tifsir**

Dawn ukoll huma provvedimenti li jinstabu f'liġijiet u konvenzjonijiet oħra, inklużi fil-liġijiet tagħna.

Madankollu, dan l-Artikolu jitkellem dwar "**reat fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat"**, u aktar l-isfel infissru d-differenza, kif ukoll li kien reat imma dan ma baqax jiġi meqjus hekk kbir u tnaqqset il-piena, u f'ċerti każi, anki jispiċċa minn reat.

L-ewwel nett, fil-kamp kriminali hemm il-prinċipju li l-piena hija s-soċjeta' li tkun qiegħda tikkastiga lil min ikun kiser il-liġi, waqt li fil-kamp ċivili il-kwistjoni hija bejn tnejn min-nies jew aktar fejn il-partijiet ikunu qed jallegaw li l-parti jew partijiet l-oħra jkunu kisru xi drittijiet tagħhom. Dan ma jfissirx li reat kriminali m'għandux ukoll effetti ċivili.

**Kodiċi Kriminali ta' Malta**

Fil-fatt, il-Kodiċi Kriminali tagħna jagħmel distinzjoni li tfiehem ukoll dan kollu. Artikolu 3 jgħid li,

1. **(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili**
2. **(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.**
3. (3) **L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.**

Artikolu 4(1) jgħid li,
**L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Gvern, illi jmexxiha fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew ta' l-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ, skond il-liġi.**

Id-distinzjoni hija li fil-kamp kriminali l-Gvern ikun qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjeta' u jitlob **il-kundanna** tal-ħati, waqt li fil-kamp ċivili jintalab **il-ħlas** tal-ħsara li tkun saret.

Għalhekk, jekk xi ħaġa ma kinitx reat kriminali meta saret ma tistax tieħu passi jekk wara tibda titqies bħala reat, għaliex minħabba li meta tkun saret is-soċjeta' ma tkunx tqisha bħala xi ħaġa li ma tkunx qiegħda tagħmlilha ħsara, u għalhekk ma tistax tikkastiga xi ħaġa li ma tkunx qed tagħmillek ħsara.

Barra minn hekk, fil-kamp kriminali l-liġijiet ma japplikawx retroattivament, jiġifieri għal dak li jkun sar qabel iddaħħlu, għaliex inkella ċ-ċittadini qatt ma jkunu jafu fejn qegħdin barra li bil-kastigi fil-kamp kriminali aktarx tkun qiegħed tilgħab bil-liberta' tal-persuna.

Dwar meta dak ir-reat ma jitqiesx aktar bħala reat, ma jittieħdux passi kontra dik il-persuna għaliex jitqies li s-soċjeta m'għadhiex tqis li dik l-azzjoni hija reat minħabba li s-soċjeta' ma tkunx għadha tqis li dik l-azzjoni tagħmel ħsara lis-soċjeta'.

Barra minn hekk, jekk inti tikkastiga persuna għaliex tkun għamlet xi ħaġa b'kastig akbar milli tipprovdi l-liġi dak in-nhar jew li ma tkunx għadha meqjusa bħala reat u għalhekk meqjusa li ma tagħmilx ħsara lis-soċjeta' tkun qiegħed tikkastiga persuna għalxejn b'xejn.

Tant dan huwa minnu, li jekk wieħed iħares lejn l-ewwel paragrafu jinduna li dan jgħid li "**L-ebda persuna m'għandha tinstab ħatja ta' reat għal xi att jew ommissjoni li fiż-żmien meta sar jew saret ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew id-dritt internazzjonali.**"

Kif ukoll li,
**"Lanqas m'għandha tingħata piena ogħla minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li jsir r-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena tkun applikabbli."**

Fil-każ li ma jibqax reat, ma tistax tingħata piena, għaliex tkun qiegħed tikkastiga lil xi ħadd għalxejn. Jiġifieri persuna tiġi kkastigata għal xi ħaġa li ma tkunx għadha meqjusa li tagħmel ħsara lis-soċjeta'.

## <u>Differenza bejn Att u Ommissjoni</u>

Id-differenza bejn att u ommissjoni hija li att ikun xi ħaġa li saret meta mhux suppost waqt li ommissjoni hija xi ħaġa li ma tkunx saret meta suppost.

Il-liġi xi minn daqqiet titlob jew tordna li xi ħadd ma jagħmilx xi ħaġa, u għalhekk jekk jagħmilha min jagħmilha jkun għamel jew wettaq att jew reat, u għalhekk jingħad li kkommetta jew għamel dak ir-reat.

Waqtiet oħra l-liġi trid li xi ħadd jagħmel xi ħaġa, u għalhekk min ma jagħmilhiex ikun għamel jew wettaq reat ta' ommissjoni, jiġifieri li ma jkunx għamel dak mitlub minnu mil-liġi.

Bħal dejjem, ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu, għaliex dawn il-prinċipji ilhom snin twal ħafna fil-Kodiċi Kriminali tagħna.

Imma l-aktar ħaġa li tridu tinnutaw huwa kif issa l-Unjoni Ewropea anki fil-kamp kriminali qed tindaħal fejn dan minn dejjem kien il-qasam ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, tant li Stati differenti kellhom u għandhom liġijiet kriminali differenti li japplikaw biss fit-territorju tagħhom.

Imma l-Unjoni Ewropea li tgħid li trid tirrispetta d-diversita' ta' l-Istati Membri ma tridx tirrispettaha f'dan il-qasam u trid li kulħadd ikun l-istess, skond ma tordna, jew aħjar jordnaw, il-mexxejja arroganti, kolonjalisti u imperjalisti tagħha.

**ARTIKOLU II-110**
**Dritt li wieħed ma jiġix ġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat**

**L-ebda persuna ma tista' terga' tkun proċessata jew punita fi proċeduri kriminali għal reat li tiegħu tkun diga' instabet mhux ħatja jew ikkundannata fi ħdan l-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.**

**Il-Prinċipju *Ne Bis In Idem***

Dan huwa prinċipju li jinsab tista tgħid fil-liġijiet kriminali kollha, u huwa dak il-prinċipju magħruf bħala "***ne bis in idem***" u fis-sistema Amerikana magħruf bħala "**double jeopardy**".

Fi kliem ieħor, persuna li tkun għaddiet proċeduri kriminali u tkun jew inħelset jew ġiet ikkundannata u s-sentenza ssir finali jew fi kliem il-paragrafu, "**daħlet in ġudikat**", jiġifieri jew kien hemm appell u ġie maqtuh jew ma kienx hemm appell u għadda żmien ta' l-appell u għalhekk is-sentenza saret finali, trid tiġi applikata, u ma terġax tgħaddi proċeduri fuq l-istess reat.

Dan l-Artikolu jidher sabiħ, imma wieħed għad irid jara kif l-Unjoni Ewropea tista' ddur ma dan il-provvediment biex tilħaq l-għanijiet tagħha speċjalment bil-proposti tagħha għal-liġi kriminali Ewropea li kienet għamlet f'dak li kien magħruf bħala ***Corpus Juris***.

## TITOLU VII
## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA

### ARTIKOLU II-111
### Kamp ta' l-applikazzjoni

**1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett xieraq tal-prinċipju ta' sussidjarjeta' u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni. Għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u għandhom ukoll jirrispettaw il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fil-partijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.**

**2. Din il-Karta ma testendix il-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni u ma toħloq l-ebda kompetenza jew l-ebda kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fil-partijiet oħra tal-Kostituzzjoni.**

**<u>Kompetenza ta' l-Unjoni</u>**

L-ewwel ma rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa li bil-Malti tajjeb ngħidu "**maħsuba**" u mhux "**intiżi**" li meta t-tradutturi qalbuha għall-ilsien Malti wżaw il-kelma Taljana u tawha bixra Maltija meta għandna l-kelma Maltija għaliha.

Waqt li min daqqa t'għajn tista' taħseb li dan l-Artikolu qiegħed jillimita l-jeddijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, ftakru li l-Unjoni Ewropea għamlet din il-karta tagħha tal-jeddijiet fundamentali u għalhekk għandha l-kompetenza f'dan il-qasam.

Mhux biss, imma ftakru wkoll li skond din l-istess Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, rajna li aktar 'il quddiem ċerti affarijiet sejrin ikunu jistgħu jinbidlu b'mod differenti minn kif hemm il-ħsieb li tiġi adottata issa, jiġifieri li ma terġax titressaq quddiem l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom biex juru jekk jaqblux jew le.

Min jista' jiggarantilna li aktar 'il quddiem il-Kostituzzjoni ma tiġix amendata b'mod li l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet jingħataw aktar kompetenzi, jeddijiet u setgħat?

### ARTIKOLU II-112
### Kamp ta' l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji

**1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalita' jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn huma meħtieġa u fejn ġenwinament jilħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew iservu l-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.**

**Jeddijiet u Libertajiet Skond il-Karta**

Minħabba li dan l-Artikolu huwa xi ftit twil, sejrin naqsmuh biċċa biċċa. Innutaw kif l-ewwel subartikolu qiegħed iħalli li jiġi limitat l-eżerċizzju tad-jeddijiet u libertajiet magħrufa minn din l-istess Karta.

Waqt li tistenna li b'xi mod ikun hemm limitazzjonijiet biex ħadd ma jirfes jew ikażbar il-jeddijiet ta' ħaddieħor, madankollu hemm parti f'dan is-subartikolu li tassew għandha tħasseb lil kull min għandu għal qalbu l-jeddijiet fundamentali tal-bniedem.

Innutaw kif jingħad li "**Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalita' jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn huma meħtieġa u fejn ġenwinament jilħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni**"

X'jiġri jekk l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea aktar 'il quddiem ikunu li minħabba l-iskuża tat-terroriżmu kaġun ta' l-indħil tagħha fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra jew ikunu li għandha tiddaħħal il-lieva biex tkabbar l-armata tagħha, jew li persuna tista' tiġi arrestat u miżmuma għal żmien twil bl-iskuża tat-terroriżmu, jew għal kull għan li l-mexxejja federalisti tagħha jddeċiedu li għandhom jagħmlu?

M'hemmx l-iċken dubju li minkejja li l-jeddijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huma magħrufa mill-Kostituzzjoni, xorta waħda sejrin ikunu jistgħu, permezz ta' dan is-subartikolu, jitnaqqsu, jiġi limitati, u anki jekk ikun meħtieġ jitneħħew biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha.

Qegħdin taraw kif ikun il-qerq ta' l-Unjoni Ewropea li dak li jkun jidher li l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħtik b'id waħda, l-istess Unjoni Ewropea tkun qiegħda tieħodulek bl-id l-oħra?

**Kundizzjonijiet u Limiti**

**2. Id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Karta li huma previsti f'partijiet oħra tal-Kostituzzjoni għandhom jiġu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti definiti fiha.**

Dan is-subartikolu qiegħed ikompli jsaħħaħ dak li jipprovdi s-subartikolu ta' qablu u anki subartikoli u Artikoli oħra, u qiegħed jissottometti l-eżerċizzju tal-jeddijiet u libertajiet fundamentali għal dak kollu li l-Unjoni Ewropea jfettlilha tgħid li huma l-għanijiet tagħha u taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti magħmula minnha.

**Tifsir u Applikazzjoni**

**3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dawk id-drittijiet ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-disposizzjoni ma żżommx lid-dritt ta' l-Unjoni milli jipprovdi protezzjoni aktar estensiva.**

Taħseb li dan is-subartikolu qiegħed jgħid ħafna u fil-fatt ma qiegħed jgħid xejn. L-ewwel nett ma jistax ikun li Konvenzjoni dwar il-jeddijiet u libertajiet fundamentali li inti tkun iffirmajt tkun tfisser l-affarijiet mod, u l-istess affarijiet inti tfissirhom mod ieħor.

Innutaw ukoll li jingħad li dawn id-drittijiet għandhom ikollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom mill-Konvenzjoni msemmija, imma ma jingħadx li l-każistika, jiġifieri l-każi li jkunu nqatgħu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa jiffurmaw parti mid-dritt, jiġifieri l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk, l-Unjoni Ewropea ma tkunx marbuta bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, imma tkun ħielsa li tagħti deċiżjonijiet skond kif ikun jaqblilha.

It-tieni, dejjem kien il-jedd ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jiffirma xi konvenzjoni dwar il-jeddijiet u libertajiet fundamentali bħal ma hija l-Konvenzjoni Ewropea tal-Kunsill ta' l-Ewropea, li jista' jagħti aktar jeddijiet, libertajiet u ħarsien milli jkunu msemmija fil-Konvenzjoni.

Il-prattika dejjem kienet li Stat li jkun iffirma xi konvenzjoni bħal dik imsemmija l-inqas li jista' jagħti huma dawk il-jeddijiet, libertajiet u ħarsien imsemmija fil-Konvenzjoni, imma qatt, ħadd u xejn ma żamm lil xi Stat milli jagħti aktar.

Għaldaqstant, dan is-subartikolu ma huwa qiegħed jagħti xejn aktar milli dejjem kien il-jedd ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jagħti liċ-ċittadini tiegħu jew lil kull min ikun fit-territorju tiegħu.

Madankollu, innutaw li dan ifisser ukoll li l-Unjoni Ewropea qiegħda u ilha taġixxi bħala Stat Federali, għaliex huwa **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li għandu l-jedd li jagħti jeddijiet u libertajiet fundamentali flimkien ma ħarsien, u huwa **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li għandu jedd li jekk irid jiffirma jew ma jiffirmax konvenzjoni.

Għandna raġun ngħidu li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali u li l-qbil u d-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni tagħha jkun biss l-aħħar pass fit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

<u>**Tradizzjonijiet Kostituzzjonali Komuni**</u>

**4. Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jemanaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet.**

L-ewwel nett, bil-Malti ngħidu "**joħorġu**" u mhux "**jemanaw**" bħal ma qalu dawk li tħallsu eluf ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti.

Anzi issa mhux ħażin hafna, għaliex jekk taraw it-traduzzjoni li saret qabel iġġibu għajnejkom wara widnejkom bl-iżbalji banali u enormi li kien fiha.

Dan huwa subartikolu tat-taħwid, għaliex il-jeddijiet u libertajiet fundamentali u l-ħarsien mogħti liċ-ċittadini ta' l-Istat Membri m'humiex interpretati kollha l-istess fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali fl-Istati Membri kollha, imma biss uħud minnhom.

Innutaw li qiegħed jingħad "**fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri**" u mhux skond jew fit-tradizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Għaldaqstant, huwa biss fejn hemm tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni li sejjer ikun hemm interpretazzjoni komuni f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet kostituzzjonali.

Fejn ma jkunx hemm tradizzjonijiet komuni jridu bilfors jiġu nterpretati differenti skond it-tradizzjonijiet kostituzzjonali ta' dak l-Istat Membru meta jkun il-Qorti ta' dak l-Istat Membru li tkun qiegħda taqta' l-kawża, u skond kif jidrilha l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jekk il-kawża titla' quddiemha.

Mela waqt li jingħad li dawn huma jeddijiet u libertajiet fundamentali mogħtija mill-Unjoni Ewropea u għalhekk suppost li jiġu nterpretati l-istess kullimkien, f'dan is-subartiklu qiegħed jingħad li ma jiġux interpretati l-istess fl-Istati Membri kollha għaliex mhux kollha għandhom l-istess interpretazzjoni tagħhom.

Kieku l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha tassew jemmnu fihom kienu jagħmluhom japplikaw u jiġu nterpretati kollha l-istess fl-Istati Membri kollha, għaliex jekk tassew huma jeddijiet u libertajiet fundamentali u huma skond il-Karta li tagħmel parti minn din il-Kostituzzjon, għandhom ikunu l-istess kullimkien u jkollhom interpretazzjoni li jagħtu l-akbar ħarsien.

Hawnhekk jista' jkun hemm min jgħid li l-Unjoni Ewropea m'hijiex Stat Federali għaliex kieku kienet tordna li jkunu kullimkien l-istess fl-Istati Membri tagħha, imma niftakru li mhux bilfors li Stat Federali jordna kollox l-istess fl-Istati Membri kollha, għaliex l-istess għanijiet jistgħu jintlaħqu minkejja li l-kliem tal-liġi ta' l-Istati Membri jistgħu jkunu differenti.

## <u>Differenzi</u>

Tajjeb li tkunu tafu li f'ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea m'hemmx li persuna arrestata trid titressaq quddiem il-Qorti u tiġi akkużata jew tinħeles fi żmien 48 siegħa kif għandna hawn Malta, jew fi żmien 24 siegħa kif hemm fl-Ingliterra, imma tista' tinżamm anki xhur sħaħ arrestata mingħajr ma titressaq quddiem il-Qorti.

Tajjeb li nfakkru meta l-Avukat Dr Joe Brincat xi snin ilu kien tela' l-Italja biex jiddefendi klijent tiegħu u kien inżamm arrestat intortament bi skuża jew oħra, waqt li kellhom ikunu l-protesti anki quddiem l-Ambaxxata Taljana biex kien inħeles mingħajr ma ttieħdu passi kontrih għaliex ma kien għamel xejn fuqhiex jiġi arrestat.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha daħħlu dan is-subartikolu, ħalli dawk il-pajjiżi li għandhom dawk it-tradizzjonijiet ikunu jistgħu jżommuhom għaliex hekk jaqbel għall-Unjoni Ewropea. Ħalli ngħidu għaliex.

**_Corpus Juris_ bil-Ħabi**

L-Unjoni Ewropea riedet li jkollha l-liġi kriminali tagħha, u għalhekk għamlet laqgħat li kienu miftuħa biss għal ftit nies ħalli kemm jista' jkun ma joħorġux dettalji, fejn bdew jitfasslu Artikoli għal din il-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea magħrufa wkoll bħala ***Corpus Juris***.

Tajjeb li tkunu tafu li wieħed minn dawn l-Artikoli jipprovdi li persuna li mhux tkun għamlet, imma jkun biss suspettat li għamlet jew bi ħsiebha tagħmel xi reat kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, tkun tista' tinżamm arrestata għal sitt xhur sħaħ mingħajr ma titressaq quddiem xi Qorti, u meta jgħaddu s-sitt xhur ikunu jistgħu jerġgħu jiġġeddu bi tliet xhur oħra.

Dan barra ħafna ħniżrijiet oħra li jinsabu fil-***Corpus Juris*** li jixraqlu li jinkiteb ktieb sħiħ dwaru.

Jista' xi ħadd jgħidilna kif jista' jkun jaf jekk xi ħaddieħor ikollux ħsieb li jagħmel xi ħaġa, f'dan il-każ kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, jekk ma jkunx jaqra l-imħuħ?

Bilħaqq, hawnhekk irridu niftakru li l-Unjoni Ewropea trid li jsir spjunaġġ fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha permezz ta' l-ittappjar tat-telefon u mezzi oħra ta' komunikazzjoni skond ma jingħad fl-istess ***Corpus Juris***.

Dawn kollha huma l-ħniżrijiet li jinsabu fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u li kollha ġew moħbija miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex ma jkunux jafu għal x'hiex kienu deħlin.

Għaldaqstant, tajjeb li nfakrukom li l-kunsens tagħkom kien ittieħed bil-qerq, bil-gideb, bin-nofs veritajiet, bil-wegħdi foloz u theddid, li kif għedna fid-Dikjarazzjoni Solenni tagħna jagħmlu l-kunsens tagħkom difettuż, it-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea null u mingħajr effett, u għalhekk m'aħniex u m'inthomx marbuta bil-kunsens u nistgħu nitilqu x'ħin irridu mill-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea.

**Interpretazzjoni u Legalita' Biss**

**5. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta li fihom prinċipji jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda minn Istituzzjonijiet, korpi u aġenziji ta' l-Unjoni, u b'atti ta' l-Istati Membri meta dawn qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' l-interpretazzjoni u ddeterminazzjoni tal-legalita' ta' dawn l-atti.**

Li qiegħed jingħad fis-subartikolu 5 huwa li l-prinċipji msemmija f'din il-Karta jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ b'liġijiet u ordnijiet meħuda mill-istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea u, fejn l-Unjoni Ewropea tħallilhom xi jedd, l-Istati Membri.

Dawn il-liġijiet u ordnijiet ma jistgħux jiġu msemmija minn xi ħadd fil-Qorti bħala xi ħaġa li jagħtu xi jedd jew li qed jiksru xi jedd ta' xi ħadd, iżda jistgħu jissemmew biss

għal għan ta' interpretazzjoni, jiġifieri biex jiġu nterpretati, u biex, kif jingħad fl-istess subartikolu, tiġi determinata l-legalita' tagħhom.

Fi kliem ieħor, il-liġijiet jew atti oħra li jistgħu jsiru biex jiddaħħlu fis-seħħ il-jeddijiet u libertajiet fundamentali ma jagħtux jeddijiet u libertajiet oħra, imma jkunu biss dwar kif jistgħu jiġu eżerċitati l-jeddijiet imsemmija fil-Kostituzzjoni, jew aħjar fil-Karta li tagħmel parti minn din il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

**Kunsiderazzjonijiet Farsa**

**6. Għandha tittieħed kunsiderazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikat f'din il-Karta.**

Dwar subartikolu 6, li qiegħed jingħad huwa li l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikati f'din il-Karta għandu jingħata kont sħiħ tagħhom, jiġifieri jitqiesu meta tqum xi kwistjoni fuq dawn il-jeddijiet u libertajiet.

Imma ftakru li kif urejna, il-liġijiet u prattiċi nazzjonali huma differenti fl-Istati Membri, u huma biss dawk li huma komuni għall-Istati Membri li jitqiesu.

Fejn m'humiex komuni ma jistgħux jiġu meqjusa, u għalhekk il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea sejra jkollha fejn tixxala biex tagħmel l-interpretazzjoni tagħhom hija.

Innutaw ukoll li huwa tassew li jingħad li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, imma ma jingħadx li għandhom jintagħżlu jew li persuna għandha tgawdi mill-aħjar prattiċi nazzjonali fost l-Istati Membri.

Qegħdin taraw kif tgħaddi minn fejn tgħaddi dejjem sejra tkun il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi dwar kull kwistjoni, jedd u liberta' mogħtija minn din il-Karta li hija parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kemm isir logħob bil-kliem biex taħseb li qiegħed tingħata xi jeddijiet li jkunu fost l-aħjar fil-liġijiet u prattiċi nazzjonali ta' l-Istati Membri meta fil-fatt ma jkun hemm xejn x'jorbot biex tkun tista' tgawdi minnhom?

Tasew li kif ngħidu bil-Malti, "**duħħan bla xiwi**".

**Linji Gwida**

**7. L-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri.**

L-istess bħas-subartikolu ta' qabel, l-ispjegazzjonijiet huma biss gwida u minkejja li għandhom jiġu meqjusa, m'hemm xejn li jorbot lill-qrati ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni Ewropea li jridu jimxu ma' l-aħjar interpretazzjoni.

Madankollu, tajjeb li wieħed jiftakar li jekk ma jingħatawx kunsiderazzjoni li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jidrilhom dovuta, malajr joħroġ xi regolament li jkun jorbot lill-qrati nazzjonali biex jobduhom.

Dan ma jfissirx li jkunu qegħdin jingħataw l-aħjar kunsiderazzjoni ta' interpretazzjoni, għaliex kif rajna l-Unjoni Ewropea m'hijiex marbuta li tieħu l-aħjar interpretazzjoni ta' l-Istati Membri li jagħtu l-aħjar u l-aktar ħarsien liċ-ċittadini.

Tajjeb li tinnutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea dejjem tissemma qabel l-Istati Membri, li jfisser li dejjem qiegħda tingħata preċedenza bħala Stat Federali qabel l-Istati Membri tiegħu.

**ARTIKOLU II-113**
**Livell ta' protezzjoni**

**Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jirrestringi jew li jolqot ħażin id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mid-dritt ta' l-Unjoni u mid-dritt internazzjonali u minn konvenzjonijiet internazzjonali li fihom jipparteċipaw l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.**

**<u>Aktar Qerq</u>**

Dan ukoll huwa Artikolu li taħsbu li qiegħed isalva xi jeddijiet jew libertajiet, imma rridu niftakru li l-jeddijiet u libertajiet huma msemmija fil-Karta li hija parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk hija l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi dwarhom.

Imma l-qerq huwa wkoll għaliex jekk teżaminaw sewwa dak li qiegħed jingħad, tindunaw li dawn ma jitnaqqsux u ma jiġux affettwati ħażin jekk ikunu f'konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri **<u>kollha</u>** jkunu fiha.

Għaldaqstant, jekk ma jkunux kollha membri fiha, xorta waħda tkun il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li jkollha jedd li tgħid kif għandhom jiġi nterpretati u eżerċitati l-jeddijiet u l-libertajiet fundamental msemmija fil-Karta u l-Kostituzzjoni Ewropea li jistgħu jkunu msemmija wkoll fid-dritt internazzjonali jew f'xi konvenzjoni internazzjonali.

Fi kliem ieħor ukoll, l-Unjoni Ewropea permezz tal-Qorti tagħha stess sejra tkun tista' tinterpreta, tnaqqas u taffettwa ħażin il-jeddijiet u libertajiet fundamentali msemmija f'din il-Karta, għaliex biex ma tagħmilx hekk iridu jkunu jissemmew f'xi konvenzjoni internazzjonali li l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri **<u>kollha</u>** jkunu parti fiha.

Għalkemm jista' jingħad li b'dan l-Artikolu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imħarsa mill-Konvenzjoni Ewropea tal-Kunsill ta' l-Ewropa huma mħarsa, l-avukati jridu joqgħodu attenti biex meta' jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem idaħħlu l-allegat ksur kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Membru, kemm taħt il-Karta ta' l-Unjoni Ewropea, u kemm taħt il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Qegħdin taraw kif dejjem tridu toqgħodu attenti għal kull kelma li tingħad jew ma tingħadx f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-Unjoni Ewropea għaliex faċli li taqgħu fin-nasba tal-qerq tagħha u tal-mexxejja tagħha?

**ARTIKOLU II-114**
**Projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt**

**L-ebda disposizzjoni ta' din il-Karta m'għandha tiġi interpretata b'mod li timplika dritt li ssir attivita' jew isir xi att li hu intiż biex jeqred xi wieħed jew waħda mid-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti f'din il-Karta jew biex jillimitahom b'mod aktar estiż minn kif previst f'din il-Karta.**

**<u>Jeddijiet Limitati</u>**

Anki dan l-Artikolu ma l-ewwel daqqa t'għajn taħseb li sejjer iżomm lill-Unjoni Ewropea jew lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea milli jnaqqsu xi jeddijiet u libertajiet fundamentali li jinsabu f'din il-Karta.

Imma nnutaw li ma jingħadx hekk, imma biss li ma tistax issir xi attivita' jew xi att li hu intiż, jiġifieri maħsub, biex jeqred jew jillimita xi jeddijiet jew libertajiet aktar milli kif maħsuba f'din il-Karta.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea permezz tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea stess sejra tkun tista' mhux biss tnaqqas kemm ikunu effettivi dawn il-jeddijiet u libertajiet sakemm ma teqridhomx għal kollox, imma sejra tkun tista' effettivament kważi teqridhom u xorta ma tkun għamlet xejn kontra tagħhom għaliex ikunu baqgħu minkejja li jkunu tnaqqsu b'mod li kważi jkunu nġiebu fix-xejn.

Dan dejjem jista' jsir għaliex, bħala eżempju, jingħad li minħabba t-terroriżmu jkun meħtieġ li jittieħdu passi u jiġu limitati l-jeddijiet fundamentali, u għalkemm jiġi limitati li kważi jinġiebu fix-xejn, ikun hemm l-iskuża tat-terroriżmu biex jitħarsu l-jeddijiet ta' l-oħrajn.

Innutaw ukoll li l-istess Artikolu qiegħed jgħid "**jew biex jillimitahom b'mod aktar estiż minn kif previst f'din il-Karta."**

Mela anki l-istess Artikolu qiegħed jagħraf li anki din l-istess karta li hija parti mill-Kostituzzjoni u għalhekk l-istess Kostituzzjoni proposta ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tillimita dawn il-jeddijiet u libertajiet fundamentali.

Ma tridux tinsew ukoll li waqt li din il-Kostituzzjoni bħalissa trid issib il-qbil tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri u/jew taċ-ċittadini tagħhom fejn se jsir referendum għaliex il-membri parlamentari tagħhom ma kienux arroganti, aktar 'il quddiem tista' tinbidel jew tiġi emendata mingħajr ma' ċ-ċittadini jiġu konsultati.

Dan huwa l-qerq li permezz tal-logħob bil-kliem l-Unjoni Ewropea tipprova tagħmel u tgħaddi ż-żmien b'kull min jaqra mingħajr ma joqgħod jaħseb fuq dak li jkun qiegħed jaqra, kif jagħmlu l-maġġoranza assoluta tan-nies għaliex ma joqgħodux jaħsbu li l-Unjoni Ewropea trid tqarraq u sejra tqarraq bihom.

## PARTI III
## POLITIKA U FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## TITOLU I
## DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

### ARTIKOLU III-115

**L-Unjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-politika u l-attivitajiet differenti previsti f'din il-Parti, billi tqis l-għanijiet kollha ta' l-Unjoni u skond il-prinċipju tal-konferiment ta' kompetenzi.**

**Kummenti**

Fi kliem ieħor, dak li jingħad f'din il-parti tal-Kostituzzjoni ma jistax jittieħed għalih waħdu, imma jrid jittieħed qies ta' kollox skond kif ikunu l-għanijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea u skond min ikun ingħata l-kompetenza li jiddeċiedi dwar l-affarijiet biex ikun hemm qbil f'kull politika u attivita'.

### ARTIKOLU III-116

**Fl-attivitajiet kollha previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn in-nisa u l-irġiel.**

**Xejn Ġdid**

Xejn ġdid li ma kienx hemm diġa' fil-liġijiet u l-Kostituzzjoni tagħna, imma l-fatt li qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea għandha timmira biex tneħħi kull diskriminazzjoni u tmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jfisser li fl-Istati Membri tagħha għad hemm fejn hemm din id-diskriminazzjoni.

Kieku ma kienx jingħad li timmira biex tneħħi kull diskriminazzjoni, mhux hekk?

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea stess tagħmel diskriminazzjoni, għalkemm mhux bejn nisa u rġiel, għaliex kif jingħad f'din l-istess Kostituzzjoni tagħha, il-Kummissarji ma jridx ikun hemm dubju dwar l-impenn Ewropew tagħhom.

B'hekk l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħmel **diskriminazzjoni politika** għaliex dawk li huma **ewroxettiċi** qatt m'għandhom ċans li xi darba jsiru Kummissarji.

### ARTIKOLU III-117

**Meta tkun qiegħda tiddefinixxi u timplimenta l-politika u l-azzjonijiet previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiziti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' l-impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xieraq, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.**

**Impjiegi**

Ammissjoni mill-aktar ċara li wara aktar minn ħamsin sena l-Unjoni Ewropea għadha ma rnexxilhiex li tagħti dawk l-affarijiet imsemmija f'dan l-Artiklu liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha.

Għandha livelli għolja ta' nies mingħajr xogħol, servizzi soċjali jitfarrku kif turi t-theddida għall-pensjonijiet, numru kbir ta' tallaba fl-Istati Membri, u nies b'diżabilita' jittallbu biex jgħixu.

Ma rnexxilhiex tagħmel hekk u tirranġa dawn l-affarijiet meta kienet għadha ffurmata minn ftit Stati Membri, aħseb u ara kemm sejjer jirnexxilha issa li saret iffurmata minn 25 pajjiż li ħafna minnhom huma ħafna aktar lura mill-Istati Membri li kellha qabel.

**ARTIKOLU III-118**

**Fid-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li tikkumbatti d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjoni jew il-konvinzjoni, id-disabilita', l-eta' jew l-orjentazzjoni sesswali.**

**Diskriminazzjoni**

Anki għal dawn ix-xorta ta' diskriminazzjoni m'hemm xejn ġdid li mhux diġa' kellna liġijiet u l-Kostituzzjoni tagħna.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li dejjem neħħa kull diskriminazzjoni kontra n-nisa meta tahom il-vot, paga ndaqs daqs l-irġiel, u affarijiet oħra li jekk tistaqsu lil min għandu ftit taż-żmien m'hemmx dubju li jgħidilkom jew issibuhom fuq il-gazzetti.

Kien ukoll Gvern tal-Ħaddiema li neħħa l-mistħija li kien hemm qabel fejn dawk b'diżabilita' kienu jinħbew u qatt ma jitħallew joħorġu mid-dar ħalli jekk jista' jkun ħadd ma jkun jaf bihom.

Kien Gvern tal-Ħaddiema li neħħa d-diskriminazzjoni reliġjuża, fejn dawk li kienu mal-Partit tal-Ħaddiema kienu jindifnu f'parti miċ-ċimiterju li ma kinitx ikkonsagrata u maqtuha għaliha u li kienu jsejħulha l-miżbla.

Għaldaqstant, ħadd ma jista' jgħid li l-Gvern tal-Ħaddiema mhux biss emmen f'dawn il-prinċipji, imma ħaddimhom fil-prattika waqt li ħaddieħor każbarhom.

Min-naħa l-oħra, il-fatt ta' l-oriġini razzjali jew etnika jfisser li l-Gvern Malti jew min iħaddem ma jistax jimpjega Maltin u ma jimpjegax barranin biex il-ħaddiema u l-familji Maltin u Għawdxin ikollhom ix-xogħol imħares u jaqilgħu ħobżhom hawn Malta stess, għaliex l-Unjoni Ewropea tinterpretaha li min jagħmel hekk ikun qiegħed jagħmel diskriminazzjoni fuq bażi razzjali jew etnika.

Dan kemm jekk il-barranin ikunu minn Stati membri oħra, kemm jekk ikunu minn pajjiżi li l-Unjoni Ewropea għandha fehim magħhom li ċ-ċittadini tagħhom jistgħu jmorru joqgħodu u jaħdmu f'kull Stat Membru, u kemm jekk ikunu immigranti illegali.

Dan ifisser li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin jitilfu ħobżhom waqt li l-barrani mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim magħhom li ċittadini tagħhom jistgħu jmorru joqgħodu u jaħdmu fl-Istati Membri u l-immigranti illegali se jeħdulhom xogħolhom u ħobż il-familji tagħhom, għaliex jekk ma jsirx hekk tkun qiegħda ssir diskriminazzjoni razzjali jew etnika.

Dan huwa dak li tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Jekk ma tridux li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali rridu nfittxu nitilqu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-119

**Il-ħtiġiet tal-protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet ta' l-Unjoni previsti f'din il-Parti, b'mod partikolari bil-għan ta' promozzjoni ta' l-izvilupp sostenibbli.**

### Bejn il-Kliem u l-Fatti

M'hemm xejn li ma tistax taqbel miegħu, għaliex huwa fl-interess ta' kulħadd li jitħares l-ambjent.

Madankollu, innutaw kif il-Gvern ma tħalliex li jwaqqaf xorb u affarijiet oħra li jiddaħħlu f'Malta fi fliexken u konterituri tal-plastik, u issa jrid jagħmel taxxa biex dawk l-affarijiet jerġgħu jiġu wżati jew jinqerdu.

L-ewwel tgħidli li trid tħallihom jidħlu bilfors, imbagħad tagħmilli t-taxxi talli nħallihom jidħlu.

Dan huwa l-qerq li hemm fl-Unjoni Ewropea, għaliex kieku tassew trid tħares l-ambjent ma tħallix li jintużaw affarijiet li jħammġu u jagħmlu ħsara kbira lill-ambjent imbagħad tintaxxak għaliex tkun użajthom.

Inkella minn fejn l-Unjoni Ewropea ddaħħal l-eluf tal-miljuni minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ħalli l-magħżula ta' l-Unjoni Ewropea jitħallsu s-salarji fenominali tagħhom u jkomplu jixxalaw minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Tinsewx li flimkien maċ-ċittadini ta' l-Istat Membri l-oħra issa hemm aħna wkoll li qegħdin niġu ntaxxati bil-kbir biex insostnu lill-Gvern u lill-Unjoni Ewropea fil-politika ta' tberbiq mingħajr ebda rażan tagħhom u tal-mexxejja tagħhom.

Barra minn hekk, kif tista' titwemmen li trid żvilupp sostenibbli jekk tibqa' tħalli t-taxxi fuq prodotti li jistgħu jintużaw minflok il-prodotti taż-żejt?

Kif tista' titwemmen meta tibqa' tħalli t-taxxi fuq pannelli fotovoltajċi li jiġġeneraw l-enerġija elettrika mid-dawl tax-xemx?

Hemm ħafna prodotti oħra li kulħadd jista' jaħseb fuqhom, imma l-fatti jibqgħu li f'dak kollu li tgħid u tagħmel l-Unjoni Ewropea hemm baħar jaqsam, għaliex kif jgħid il-qawl li "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**".

## ARTIKOLU III-120

**Il-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra ta' l-Unjoni.**

### Aktar Qerq mill-Mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea

Anki dan l-Artikolu juri l-qerq ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha. Innutaw li l-ħarsien tal-konsumatur huwa suġġett għal affarijiet oħra, għaliex kif jgħid dan l-Artikolu, "**Il-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra ta' l-Unjoni.**

Mela l-ewwel nett il-ħarsien tal-konsumatur m'huwiex l-ewwel ħaġa għall-Unjoni Ewropea, għaliex dan huwa suġġett għal politika u attivitajiet oħra ta' l-Unjoni.

Barra minn hekk, kieku l-Unjoni Ewropea tassew trid tħares il-konsumatur ma tħallix jintużaw eluf ta' kimiċi inklużi kuluri artifiċjali mill-kumpaniji Ewropej fi prodotti ta' l-ikel li ma nafux l-effetti tagħhom fuq tul ta' żmien, li ħafna minnhom qed jinstab li jħallu effetti mhux mixtieqa fuq in-nies.

Kieku l-Unjoni Ewropea tassew trid tħares il-konsumatur ma tħallix prodotti modifikati ġenetikament jitkabbru u jidħlu fis-suq meta wkoll ma nafux l-effetti tagħhom fuq il-bniedem.

Kieku l-Unjoni Ewropea tassew trid tħares l-interessi tal-konsumatur ma tintaxxax bil-kbir affarijiet li jiġu minn pajjiżi oħra li m'humiex membri, jekk tassew trid li l-konsumatur igawdi minn prezzijiet irħas.

Jista' jingħad li dan tagħmlu biex tħares l-impjiegi fis-setturi tagħha, imma waqt li l-levies li l-Gvern Malti kien jagħmel fuq prodotti barranin biex iħares l-impjiegi tal-ħaddiema Maltin ma kienux aċċettabbli għall-Unjoni Ewropea u kellu jneħħihom, hija tagħmel il-levies u d-dazju fuq prodotti minn pajjiżi mhux membri tagħha biex tħares l-impjiegi tagħha.

Mhux biss, imma waqt li qabel il-Gvern Malti kellu wkoll dħul minn dawn il-levies u għalhekk forsi seta' b'xi mod inaqqas xi taxxi oħra, issa tilifhom u jkollu jdaħħal taxxi oħra biex jagħmel tajjeb għat-telf tagħhom u tad-dazju li issa jmorru għall-Unjoni Ewropea minflok għall-Gvern Malti.

Il-ħażin huwa wkoll li issa anki aħna qiegħed ikollna nħallsu l-levies u dazji li l-Unjoni Ewropea tordna fuq l-affarjiet li jidħlu min pajjiżi li mhumiex membri tagħha, u l-Gvern Malti ma jista' jagħmel xejn biex affarijiet ma jħallsux id-dazju u levies li tordna l-Unjoni Ewropea.

Ma' dawn tidħol ukoll it-taxxa tal-VAT li kellha tiddaħħal bifors minħabba l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Waqt li qabel din kienet tibqa' kollha għand il-Gvern, issa parti minnha trid bilfors tmur għall-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kemm morna minn taħt bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea?

Ikollna nħallsu taxxi biex inpattu għat-telf tad-dazju u levies li tilef il-Gvern, ikollna nħallsu wkoll dazju u levies għal kull ma nġibu li ma jkunx ġej minn xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea, il-levies u dazju jmorru għand l-Unjoni Ewropea, u jkollna nħallsu wkoll parti mit-taxxa inġusta tal-VAT lill-Unjoni Ewropea.

Sejrin nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea jew sejrin inqumu waħda sewwa fuq tagħna u nibgħatuha ssaqqi l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

## ARTIKOLU III-121

**Fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika ta' l-Unjoni dwar l-agrikoltura, is-sajd, it-trasport, is-suq intern, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, billi l-annimali huma ħlejjaq konxji, jqisu b'mod sħiħ il-ħtiġiet għal trattament xieraq ta' l-annimali, filwaqt li jirrispettaw id-disposizzjonijiet leġislattivi jew amministrattivi u l-użanzi ta' l-Istati Membri b'mod partikolari fir-rigward ta' riti reliġjuzi, tradizzjonijiet kulturali u patrimonju reġjonali.**

### Ħarsien ta' l-Annimali

Dan huwa Artikolu dwar il-ħarsien ta' l-annimali li kulħadd għandu jaqbel ma l-għanijiet tiegħu, anki jekk ma naqblux mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Madankollu nnutaw li qiegħed jingħad li għandhom jitħarsu "**l-użanzi ta' l-Istati Membri b'mod partikolari fir-rigward ta' riti reliġjuzi, tradizzjonijiet kulturali u patrimonju reġjonali.**"

Dan minħabba li ċerti reliġjonijiet jordnaw kif għandhom jinqatlu l-annimali, u biex nieħdu eżempju, ċerti reliġjonijiet iridu li jitħanxar għonq l-annimal biex jiżvina minflok ma jinqatel b'tir ta' arma tan-nar jew jingħata xokk elettriku biex jintilef minn sensih biex imut b'mod li ma jbatix.

Bl-istess mod, hemm il-ġlied tat-toru fi Spanja fejn il-barri kull darba jiddaħħlu lanez f'għonqu u fejn jinzerta fejn jibda jiżvina bil-mod sakemm il-matador jirnexxilu jsiblu l-vina f'għonqu bix-xabla.

Hemm eżempji oħra fi Stati Membri oħra, imma naħsbu li dawn huma biżżejjed biex nuru xi rridu nfissru.

Ara għal dawn l-affarijiet l-Unjoni Ewropea ma jinteressahiex li l-annimali jbatu sakemm imutu bl-iskuża ta' "**riti reliġjuzi, tradizzjonijiet kulturali u patrimonju reġjonali.**"

## ARTIKOLU III-122

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli I-5, III-166, III-167 u III-238, u meta jitqies il-post okkupat minn servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali bħal servizzi li kulħadd fl-Unjoni jattribwilhom valur kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali u territorjali tagħha, l-Unjoni u l-Istati Membri, kullħadd fil-kompetenzi rispettivi tiegħu u fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, għandhom jieħdu ħsieb li dawn is-servizzi joperaw fuq bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet, b'mod partikolari kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi dawn il-prinċipji u jiffissaw kondizzjonijiet mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri, skond il-Kostituzzjoni, li jipprovdu, jikkummissjonaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi.**

### Territorju Wieħed

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea xejn ma jaħirbilha, u kollox irid ikun regolat b'liġijiet Ewropej li għandhom jgħidu kif dawn is-servizzi għandhom jaħdmu skond il-prinċipji u kundizzjonijiet li jagħmlu l-istess liġijiet Ewropej magħmula u maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif is-servizzi għandhom ikunu biex jppromwovi, jew aħjar bil-Malti imexxu 'l quddiem, il-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Jista' xi ħadd jibqagħlu l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri huwa territorju tagħha meta trid li anki dawk li jipprovdu s-servizzi jew aħjar is-servizzi nfushom għandhom jippromwovu, jew aħjar bil-Malti jmexxu 'l quddiem, il-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni Ewropea?

Jista' xi ħadd jibqagħlu l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali li jaħkem b'id tal-ħadid fuq l-Istati Membri tiegħu u fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

### Suq Ħieles

Innutaw ukoll kif jingħad li "**għandhom jieħdu ħsieb li dawn is-servizzi joperaw fuq bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet, b'mod partikolari kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom.**"

Fi kliem ieħor iridu jaħdmu fuq is-sistema tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u ma jkunux jistgħu jiġu mgħejjuna permezz ta' sussidji għaliex inkella ma jkunux qed jimxu skond "**b'mod partikolari kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji.**"

**<u>Finanzjati mill-Istati Membri</u>**

Innutaw li filwaqt li "**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi dawn il-prinċipji u jiffissaw kondizzjonijiet**", dan huwa "**mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri, skond il-Kostituzzjoni, li jipprovdu, jikkummissjonaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi".**

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tagħmel il-liġijiet u l-kundizzjonijiet kif dawn għandhom jitmexxew u l-Istati Membri jipprovdu u ċ-ċittadini tagħhom jiffinanzjaw dawn is-servizzi.

Qegħdin taraw għaliex kien hemm min qal li xejn ma għandu jkun b'xejn u kulħadd għandu jħallas ta' kollox?

Qegħdin taraw għaliex kollox qiegħed isir bil-ħlas u li barra mill-ħlas tiddaħħal ukoll it-taxxa immorali u misħuta tal-VAT ħalli anki l-Unjoni Ewropea tieħu sehemha minnha?

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea taħdem u taġixxi bħala Stat Federali u din il-Kostituzzjoni, jekk tkun approvata, sejra tkun l-aħħar pass jew wieħed minn ta' l-aħħar li jikkonfermaha bħala Stat Federali?

## TITOLU II
## NON-DISKRIMINAZZJONI U ĊITTADINANZA

### ARTIKOLU III-123

**Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalita' kif previst fl-Artikolu I-4(2).**

**Ma Jistax Jiffavorixxi liċ-Ċittadini Maltin**

Innutaw dak li għedna aktar qabel, li kollox huwa regolat mill-Unjoni Ewropea jew l-istituzzjonijiet tagħha permezz tal-liġijiet jew liġijiet Ewropej tagħha.

Dak li hemm f'dan l-Artikolu jfisser li l-Gvern ma jista' jagħmel xejn biex iħares ix-xogħol u l-ħobż tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin għaliex inkella jiġi akkużat li jkun qiegħed jiddiskrimina ma' ċittadini minn Stati Membri oħra u nies oħra li jkollhom permess jaħdmu f'xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma lanqas ma jista' jkollu xi skema li biha ċittadini Maltin u Għawdxin jingħataw xi ħaġa, ngħidu aħna, djar bi prezzijiet irħas, jew anki djar b'għajnuna fil-ħlas tal-kera minħabba l-kundizzjoni soċjali ta' min japplika għalihom, u ma jagħtix l-istess jeddijiet lil kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan jidher mill-aktar ċar jekk taraw l-aħħar skema ta' għajnuna għal min jixtri l-ewwel dar tiegħu, fejn anki ċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jingħataw l-istess għajnuna għaliex ma tistax issir diskriminazzjoni magħhom.

Ma jistax il-Gvern Malti jagħmel l-iskejjel b'xejn għat-tfal taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u ma jagħtix l-istess jeddijiet lit-tfal taċ-ċittadini barranin li jkunu joqgħodu hawn Malta.

Mhux biss, imma jrid jagħtihom ukoll edukazzjoni fl-ilsien u l-kultura tagħhom b'xejn kif jingħad fir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni għaliex inkella jkun qiegħed jiddiskrimina magħhom fuq bażi ta' nazzjonalita' jew etnika.

Ħallas it-taxxi u għamel dak kollu li tordna l-Unjoni Ewropea poplu Malti u Għawdxi la ħallejt lil min jgħaddik biż-żmien, sakemm terġa' tiddeċiedi li tieħu r-riedni f'idejk u titlaq minn taħt dan il-madmad kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandek kull jedd u setgħa li tagħmel.

Tista' tkun arroganti aktar minn hekk l-Unjoni Ewropea?

### ARTIKOLU III-124

**1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni u fil-limiti tas-setgħat mogħtija minnha lill-Unjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tiġi kumbattuta d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew il-konvinzjoni, id-disabilita', l-eta' jew l-orjentazzjoni sesswali. Il-Kunsill**

**għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

**Liġi Ewropea kontra d-Diskriminazzjoni**

Fi kliem ieħor, il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata s-setgħa biex ikun jista' jiddeċiedi li jagħmel kull liġi jew il-famuża liġi kwadru li jkun jidhirlu biex tiġi miġġielda diskriminazzjoni msejsa kif jingħad fl-ewwel subartikolu.

Mhux għaliex għandha ssir diskriminazzjoni, imma kif għedna qabel, il-qawl jgħid li "**il-karita' tibda d-dar**", jiġifieri l-ewwel għandhom jiġi ppreferuti ċ-ċittadini Maltin, imbagħad il-barranin, imma dan m'huwiex aċċettabbli għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-istess jiġri bl-immigranti illegali li nħalluhom joqgħodu pajjiżna li minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea diġa' qiegħdin u aktar se nitwikkew bihom, għaliex jekk ma ntuhomx l-istess drittijiet u servizzi soċjali bħal ma għandhom iċ-ċittadini Maltin niġu akkużati li qed niddiskriminaw magħhom minħabba r-razza tagħhom.

Il-quddiem tkunu tafu sewwa x'qegħdin ngħidu u kemm dan huwa minnu meta tibdew idduqu l-arroganza tagħhom u taraw it-tkissir u l-ħsarat li jagħmlu bħal ma jagħmlu fi Stati Membri oħra.

Kif tistgħu taraw, kollox jinsab f'idejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha bl-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jagħmlu bilfors dak li jordnawlhom jew jeħlu l-multi li tordna l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li jagħmlu dak li jkun fl-interess tagħhom u taċ-ċittadini tagħhom l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea?

**Anki Prinċipji b'Liġi Ewropea**

**2. B'deroga mill-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi prinċipji bażiċi għal miżuri ta' inċentivi ta' l-Unjoni u tiddefinixxi dawn il-miżuri, sabiex jagħtu sostenn lill-azzjonijiet meħuda minn Stati Membri sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.**

Fi kliem ieħor, il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jagħmlu u jgħidu x'inhuma l-prinċipji bażiċi biex iħeġġu lill-Istati Membri li jeħduhom u jappoġġjaw l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, imma ma jistgħux jordnaw li jkun hemm armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jiġifieri li kollha jsiru l-istess.

Madankollu, dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu tant ikunu jitolbu li jsiru affarijiet b'mod li kullimkien jintlaħqu l-istess għanijiet għalkemm jista' jkun hemm differenza fil-kliem, li prattikament ikun ifisser li l-liġijiet ta' l-Istati Membri jkunu saru l-istess mingħajr ma l-istess liġijiet jew liġijiet Ewropej ikunu qegħdin jitolbu li jiġu l-istess, jiġifieri armonizzati.

## ARTIKOLU III-125

**1. Jekk jidher li hi meħtieġa azzjoni mill-Unjoni biex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt, previst fl-Artikolu I-10(2)(a), ta' kull ċittadin li jmur minn post għal ieħor u jirrisjedi liberament u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabbilixxu miżuri għal dak l-għan.**

**Iżżid l-Indħil bil-Mod il-Mod**

Innutaw kif dak li għedna qabel dwar kif l-Unjoni Ewropea l-ewwel tibda bil-mod, imbagħad dejjem iżżid l-indħil tagħha qiegħed jiġri wkoll f'dan l-Artikolu.

Innutaw kif jekk ikun hemm xi Stat Membru jew Stati Membri li b'xi mod ikunu qegħdin ifixklu lil xi ċittadin minn xi Stat Membru ieħor li jmur joqgħod bil-liberta' kollha fit-territorju tagħhom, il-Kunsill tal-Ministru sejjer ikun jista' jagħmel kull liġi jew liġi kwadru biex dan ma jitħalliex isir.

Dan ifisser li minkejja li l-Kostituzzjoni trid tgħaddi bil-qbil ta' l-Istati Membri u anki taċ-ċittadini tagħhom u jekk ma jkunx hemm dan il-qbil ma tgħaddix, il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata s-setgħa li jibdel din il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex effettivament dak li jkun qiegħed isir meta jsiru liġijiet li l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet setgħat għalihom.

Fi kliem ieħor, minkejja li l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, sempliċi liġi Ewropea sejra tkun tista' tagħti dawk is-setgħat meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija. Dan huwa dak li jfisser dan is-subartiklu. Xejn aktar u xejn anqas.

Dan ma jfissirx li l-Unjoni Ewropea mhux diġa' kellha regolamenti dwar kif kull ċittadin minn kull Stat Membru jista' jmur joqgħod u jaħdem f'kull Stat Membru ieħor, imma issa dawn kollha qegħdin jiddaħħlu fil-Kostituzzjoni tagħha biex jingħataw aktar saħħa.

**Kollox Regolat mill-Kunsill**

**2. Għall-istess għanijiet previsti fil-paragrafu 1 u jekk il-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet għas-setgħat meħtieġa, miżuri li jikkonċernaw passaporti, karti ta' l-identita' permessi ta' residenza jew kull dokument ieħor ta' dan it-tip u miżuri li jikkonċernaw is-sigurta' soċjali jew il-protezzjoni soċjali jistgħu jiġu stabbiliti b'liġi jew liġi kwadru tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**Il-Passaporti. Aħna Meqjusa Kriminali**

Innutaw kif il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata wkoll aktar setgħa mill-Istati Membri, għaliex wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, sejjer ikun jista' jagħmel liġijiet u liġijiet kwadri Ewropej biex jirregola dawk l-affarijiet kollha msemmija f'dan is-subartikolu.

Biex nieħdu eżempju, innutaw kif il-Kunsill sejjer ikun jista' jirregola l-passaporti.

Issa tajjeb li tkunu tafu li l-Unjoni Ewropea diġa' qiegħda tirregola l-passaporti billi trid li jiddaħħlu dettalji elettroniċi bħal ma huma l-marki tas-swaba u l-għajnejn u dettalji personali oħra, qishom iċ-ċittadini kollha huma l-akbar kriminali li kulħadd irid iżomm għajnejgħ fuqhom.

Hekk qiegħda tistmahom l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

**Hekk qiegħda tistma lilek u lil qrabatek. Ta' kriminali.**

**<u>Karta ta' Identita'</u>**

Innutaw kif il-Kunsill tal-Ministri sejjer ikun jista' jindaħal ukoll fuq il-karta ta' identita' u fuq il-permessi ta' residenza, jiġifieri biex wieħed ikun jista' joqgħod fi Stat Membru li ma jkunx ċittadin tiegħu.

Fi kliem ieħor, il-Kunsill tal-Ministri se jkun jista' jordna jekk ikunx hemm karta ta' identita', x'dettalji jiddaħħlu fuq il-karta ta' identita', min irid ikollu karta ta' identita', u dak kollu li jidrilhom il-mexxejja federalisti arroganti u qarrieqa ta' l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri.

**<u>Is-Sigurta' Soċjali</u>**

Is-sigurta' soċjali, u kif sejjer ikun qiegħed jindaħal fl-oqsma kollha li bil-liġi internazzjonali huma jeddijiet ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Tinsewx li taħt is-sigurta' soċjali jaqgħu l-pensjonijiet, il-beneficċji ta' min ma jkunx qiegħed jaħdem, l-allowance tat-tfal, relief, djar soċjali, ħlas tal-bolla, u kull servizz ieħor li inthom tistgħu taħsbu fuqu.

X'ma jispiċċawx imfarrkin is-servizzi soċjali fl-Istati Membri jekk l-Unjoni Ewropea tindaħal f'kollox fosthom li kull min jiġi minn Stat Membru ieħor għandu jedd għas-servizzi soċjali kollha daqs li kieku twieled u għamel għomru kollu jħallas it-taxxi bħal kull ċittadin ieħor Malti għax irid jiġi stmat bl-istess kundizzjonijiet.

Trid tkun mgħammad u mogħmi wara l-Unjoni Ewropea biex ma tindunax bil-mixja pass wara pass wara pass bit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bil-konsegwenzi kollha li dan il-pass iġib fuq l-Istati Membri.

Innutaw li jingħad li "**miżuri li jikkonċernaw is-sigurta' soċjali jew il-protezzjoni soċjali jistgħu jiġu stabbiliti b'liġi jew liġi kwadru tal-Kunsill".**

Dan ifisser l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' permezz ta' liġi Ewropea tordna, bħala eżempju, li l-eta' tal-pensjoni titla' għal kemm ikun jidrilha, li jkun hemm pensjonjiet privati bilfors, u kull ordni oħra li l-istituzzjonijiet u l-mexxejja federalisti tagħha jidrilhom li għandhom jordnaw f'dan il-qasam. Stennew u taraw.

Huma jordnaw u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, fosthom aħna, jħallsu t-taxxi biex jagħmlu tajjeb għall-ordnijiet tagħhom.

## ARTIKOLU III-126

**Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tiddetermina l-arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt, previst fl-Artikolu I-10(2)(b), sabiex kull ċittadin ta' l-Unjoni jkun jista' jivvota u joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi mingħajr ma jkun ċittadin ta' dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew. Dawn l-arranġamenti jistgħu jipprovdu għal derogi meta ġustifikati minn problemi speċifiċi għal Stat Membru.**

**Id-dritt tal-vot u d-dritt li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jiġu eżerċitati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-330(1) u l-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tiegħu.**

<u>**Barranin Jirrappreżentaw lil Malta**</u>

Qegħdin taraw dak li għedna aktar qabel li kull ċittadin minn kull Stat Membru sejjer ikun jista' joħroġ bħala kandidat mhux biss għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, imma anki bħala kandidat għall-Parlament Ewropew.

Tinsewx li ġbidna wkoll l-attenzjoni li jekk fi Stat Membru żgħir bħal Malta jkunu ġew ħafna barranin, faċilment li joħroġ wieħed minnhom u jitla' minflok xi kandidat Malti jew Għawdxi, u b'hekk ikun kompla naqqas in-numru ta' membri parlamentari Ewropej li għandna.

Qegħdin taraw kif il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħad s-setgħa biex ikun jista' jagħmel liġi jew liġi kwadru biex jgħid kif dawn il-jeddijiet mogħtija lil ċittadini barranin li bil-jedd kollu jmorru joqgħodu fi Stat Membru għandhom jeżerċitawhom?

Qegħdin taraw kif kull Stat Membru tilef il-jedd mogħti mil-liġi internazzjonali lil kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jiddeċiedi dak kollu li jista' jsir fit-territorju tiegħu, liema jedd ittieħed mill-Unjoni Ewropea u jista' jiġi eżerċitat mill-Kunsill tal-Ministri li huwa istituzzjoni tagħha?

<u>**Qumu Kontra l-Barrani**</u>

Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi, ħalli terġa' tinfeda mill-ħakma kolonjali tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u terġa' tieħu postok u jeddijietek fost **l-Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** tad-dinja.

Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi, ħalli flimkien, b'idejna stess, bir-rieda tagħna li ma nibqgħux maħkuma mill-mexxejja federalisti arroganti kolonjalisti ta' l-Unjoni Ewropea, nerġgħu nieħdu l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

Ħadd u xejn ma jista' jżommna milli nagħmlu dan, jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin.

## ARTIKOLU III-127

**L-Istati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi, kif previst fl-Artikolu I-10(2)(c).**

**L-Istati Membri għandhom jibdew in-negozjati internazzjonali neċessarji sabiex tiġi assigurata din il-protezzjoni.**

**Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita din il-protezzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**Aktar Setgħat Għall-Unjoni Ewropea**

Huwa tajjeb li kulħadd ikollu ħarsien meta jkun f'xi pajjiż barrani, u għal dawn l-għanijiet sikwit jintlaħaq ftehim bejn Stati li ma jkollhomx rappreżentanza f'xi Stat ieħor ma' Stat li jkollu rappreżentanza biex iċ-ċittadini tiegħu jkollhom fejn jirrikorru u jsibu l-ħarsien meħtieġ jekk tinqalalhom xi ħtieġa.

Madankollu, innutaw kif il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħti s-setgħa lill-Kunsill tal-Ministri biex ikun jista' jagħmel liġi Ewropea biex jirregola kif dan il-ħarsien għandu jsir, u għaldaqstant ma jibqax il-jedd ta' l-Istati Membri li jirregolaw dawn l-affarijiet.

Setgħa oħra meħudha mingħand l-Istati Membri u mogħtija lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex tkun tista' tirregolaha hija permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha, u t-tmiem ta' setgħa oħra li skond il-liġi internazzjonali hija ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran.**

## ARTIKOLU III-128

**Il-lingwi li bihom kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jindirizza l-istituzzjonijiet u l-korpi skond l-Artikolu I-10(2)(d), u li jkollu tweġiba, huma dawk elenkati fl-Artikolu IV-448(1). L-istituzzjonijiet u korpi previsti fl-Artikolu I-10(2)(d) huma dawk elenkati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu I-19(1) u l-Artikoli I-30, I-31 u I-32 u l-Ombudsman Ewropew ukoll.**

**Ilsna ta' Korrespondenza**

Dan huwa jedd ta' kull persuna li tindirizza lil kull awtorita' bl-ilsien tagħha, għaliex kull ilsien, għax bil-Malti ngħidu lsien u mhux lingwa, għandu jkun meqjus l-istess u għandu jingħata l-istess importanza.

L-ebda lsien ma għandu xi ħaġa li biha huwa għandu jitqies inqas minn xi lsien ieħor.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea ma hija tagħti xejn li ma jistħoqqx lil kull ilsien.

**ARTIKOLU III-129**

**Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tliet snin dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-8 u ta' dan it-Titolu. Dan ir-rapport għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-iżvilupp ta' l-Unjoni.**

**Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' żżid mad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu I-10. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-liġi jew il-liġi kwadru konċernata m'għandhiex tidhol fis-seħħ qabel ma tiġi approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

**<u>Rapport u Aktar Setgħat għall-Kunsill</u>**

Dan huwa Artikolu li qiegħed jorbot lill-Kummissjoni li tippreżenta rapport kull tliet snin dwar dak li jkun sar skond l-Artikoli 1 sa 8 lill-istituzzjonijiet imsemmija.

Bl-istess mod, il-Kunsill qiegħed jingħata s-setgħa li jżid mal-jeddijiet imsemmija fl-Artikolu I-10 li jittratta dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-jeddijiet taċ-ċittadini li jmorru joqgħodu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor, u drittijiet oħra li rajna aktar qabel. Tagħmlu tajjeb jekk terġgħu tmorru tarawhom ftit.

Dan ifisser ukoll li l-Kunsill se jkun jista' jkompli jkisser lill-ħaddiema ta' kull Stat Membru u jeqirdilhom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom kif ukoll is-servizzi soċjali kollha billi jagħti aktar drittijiet lil ċittadini ta' Stat Membru meta jmorru fi Stat Membru ieħor.

Irridu niftakru wkoll li barra milli jżid, il-Kunsill tal-Ministri jista' jagħmel affarijiet oħra li diġa' rajna u m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrepetuhom.

Tajjeb li tiftakru li meta l-Kunsill u l-Istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jagħmlu dawn l-affarijiet, huma jkunu qegħdin jeżerċitaw setgħat u jeddijiet li jkunu ħadu mingħand l-Istati Membri.

Dan ifisser li l-mexxejja federalisti kolonjalisti arroganti ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jilħqu l-għanijiet li dejjem kellhom li jagħmlu lill-Unjoni Ewropea Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar modern li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin fejn il-barrani jordna u aħna nagħmlu kollox skond ma jkun ordna?

## TITOLU III
## POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI

## KAPITOLU I
## SUQ INTERN

## SEZZJONI 1
## STABBILIMENT U FUNZJONAMENT TAS-SUQ INTERN

## ARTIKOLU III-130

**1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tiżgura l-funzjonament tas-suq intern, skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni.**

**<u>Setgħat Kbar Għas-Suq Intern</u>**

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha qiegħda tingħata s-setgħa li tagħmel dak kollu meħtieġ biex twaqqaf is-suq intern.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea għadha mhijiex kuntenta kif inhuwa s-suq intern, u għad trid tiżviluppah ħafna aktar.

**<u>Żona Mingħajr Fruntieri</u>**

**2. Is-suq intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha il-moviment liberu ta' persuni, servizzi, merkanzija u kapital huwa żgurat skond il-Kostituzzjoni.**

Innutaw dak li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu, li s-suq intern għandu jkun "**jinkludi żona mingħajr fruntieri interni**" bil-moviment ħieles ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital.

Dan ifisser li jekk kien hemm xi dubju li l-fruntieri interni bejn l-Istati Membri kienu għadhom hemmhekk issa spiċċa.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri lanqas fruntieri ma baqgħalhom?

Kif jistgħu jżommu kontroll jekk m'għandhomx fruntieri li juru safejn għandhom jedd jikkmandaw? Dan huwa eżempju mill-aktar ċar li l-Istati Membri lanqas fit-territorju li suppost huwa tagħhom m'għadhom jikkmandaw.

Kif jistgħu jżommu lil xi ħadd, xi merkanzija, xi servizz jew kapital li jidħol jew joħroġ mit-territorju tagħhom jekk l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qiegħed jordna li kollox għandu jidħol u joħroġ mingħajr xkiel għaliex ikollhom suq wieħed mingħajr l-ebda fruntieri interni?

Qegħdin taraw kif il-jeddijiet mogħtija mil-liġi internazzjonali lil kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** spiċċaw fix-xejn għall-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**Regolamenti u Deċiżjonijiet**

**3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw il-linji gwida u l-kondizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat progress bilanċjat fis-setturi kollha konċernati.**

Qegħdin taraw kif il-Kunsill tal-Ministri li huwa istituzzjoni oħra ta' l-Unjoni Ewropea qiegħed jingħata l-jedd li jagħmel dak kollu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija f'dan is-subartiklu?

Għaldaqstant, huwa l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha li tordna dak kollu li jrid isir mill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet tal-mexxejja federalisti tagħha.

**Miżuri u Derogi Temporanji Biss**

**4. Meta tfassal il-proposti tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' l-isforz li ċerti ekonomiji li juru differenzi fl-iżvilupp ikollhom isostnu għall-istabbiliment tas-suq intern u tista' tipproponi miżuri xierqa.**

**Jekk dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' derogi, għandhom ikunu ta' natura temporanja u għandhom jikkawżaw l-inqas disturbi possibbli lill-funzjonament tas-suq intern.**

Fi kliem ieħor, li qiegħed jingħad huwa li l-Kummissjoni għandha tagħti każ ta' diffikultajiet li minħabba fihom ikunu qegħdin isiru sforzi f'ċerti Stati Membri biex ilaħħqu ma l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk infakkru f'dak li ġara lill-Irlanda fejn l-Unjoni Ewropea ordnatilha biex tibdel l-estimi finanzjarji tagħha għaliex ma kienux skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li kellha problemi kbar fl-ekonomija tagħha.

Qegħdin taraw kemm jingħata każ tad-diffikultajiet ta' l-Istati Membri? L-aqwa l-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel kif temmen l-Unjoni Ewropea u l-mexxeja mingħajr kuxjenza tagħha, u ma jimpurtax li l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ibatu l-konsegwenzi.

Innutaw li minkejja li l-Istati Membri jista' jkollhom diffikultajiet kbar, xorta waħda jekk jingħataw xi derogi biex ma jagħmlux dak ordnat minnhom minnufih, dan ikun għal ftit żmien biss kif jingħad fit-tieni paragrafu, imma fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda jkunu jridu jagħmlu dak li jkunu ordnati mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-131

**L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin bil-ħsieb li flimkien jieħdu d-disposizzjonijiet meħtieġa li jżommu l-funzjonament tas-suq intern milli jiġi milqut minn miżuri li Stat Membru jista' jiġi msejjah sabiex jieħu fil-kaz ta'**

**disturbi interni serji li jolqtu l-ordni pubbliku, fil-każ ta' gwerra, tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra, jew sabiex jitwettqu l-obbligi li jkun aċċetta sabiex tinżamm il-paċi u s-sigurta' internazzjonali.**

**<u>Disturbi fl-Ordni Pubbliku u Gwerra</u>**

Dan l-Artikolu juri bl-aktar mod ċar li l-liġijiet u regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jwasslu biex f'xi Stat Membru partikolari, jew anki fi Stati Membri oħra, iqumu storbjijiet kbar miċ-ċittadini tagħhom kaġun tal-piżijiet li dawn ikollhom iġorru.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li dan jista' jsir minħabba li dawn l-istorbjijiet jistgħu jkunu riżultat ta' xi avventura jew bawxata militari, bħal ma għamlu Spanja, l-Italja u l-Ingliterra fl-Iraq, għaliex dak huwa li jrid jitfisser li dak l-Istat Membru jkun aċċetta l-obbligi bil-għan li jinżammu s-sigurta' u l-paċi internazzjonali. Dan huwa li jfissru disturbi interni serji.

Qeghdin taraw kif l-Unjoni Ewropea qieghda tlesti biex jekk xi Stat Membru taghha, u nafu li hemm minnhom li jħobbu jidħlu f'avventuri militari u fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra, jidħol f'xi bawxata, l-Istati Membri jieħdu passi biex minkejja dak li jkun qieghed jiġri f'dak l-Istat Membru, il-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles minghajr l-ebda rażan jibqa' ghaddej qisu ma jkun qieghed jiġri xejn?

Daqshekk huwa sagru l-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma hawn ta' min jitħasseb ukoll dwar dak li hawn fil-Kostituzzjoni dwar it-twaqqif ta' l-Armata ta' l-Unjoni Ewropea u l-forzi ċivili u militari.

Tgħid dawn qiegħed jiġi ppjanat biex jintużaw ukoll fi Stat jew Stati Membri li ċ-ċittadini tagħhom ikunu qamu kontra l-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħakma kolonjali tagħha?

Staqsu għalfejn qiegħda tissemma l-Gwerra. Tgħid il-mexxejja federalisti għandhom il-ħsieb li jdaħħlu lill-Istati Membri fi gwerra biex, bħala eżempju, jaħtfu taħt idejhom iż-żejt li hemm fil-Lvant Nofsani kif kien qabel?

Tridu li nibqgħu taħt dan il-jasar u l-madmad kolonjali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bil-perikli li dan il-jasar qiegħed iġib miegħu?

Fittxu qumu fuq tagħkom bħal ma qamu missierijietkom biex ħadu **l-Indipendenza,i l-Ħelsien u s-Sovranita'** minn taħt il-ħakma tal-barrani, ħalli anki aħna nfittxu nitilqu minn dan il-periklu tas-sħubija u minn taħt il-ħakma u l-madmad imperjalista, kolonjali u illegali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-132

**Jekk xi miżuri meħuda fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikoli III-131 u III-346 ikollhom l-effett li jikkawżaw distorsjoni tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat Membru konċernat, teżamina kif dawn il-miżuri jistgħu jiġu addattati għar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni.**

**B'deroga għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-360 u III-361, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru jistgħu jġibu l-każ direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-Kummissjoni jew l-Istat Membru jikkunsidraw li Stat Membru ieħor ikun qiegħed jabbuża mis-setgħat previsti fl-Artikoli III-131 u III-346. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti s-sentenza tagħha in camera.**

**<u>Is-Suq Ħieles Suprem, Anki fi Gwerra</u>**

Innutaw kif minkejja dak kollu li jkun għaddej minnhu dak l-Istat Membru, dak li jimporta għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea huwa l-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan. Dak huwa dak li jfisser l-ewwel subartikolu.

Tant dan huwa minnu, li jekk xi Stat Membru jieħu xi passi minħabba dak li jkun qiegħed jiġri kaġun ta' l-istorbijiet kbar jew anki minħabba li jkun fi gwerra, u Stat Membru ieħor iqis li dan ikun qiegħed jagħmel użu ħażin mill-poteri maħsuba fl-Artikli msemmija, jista' jtella lil dak l-Istat Membru quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif minkejja dak kollu li jkun għaddej l-Unjoni Ewropea jinteressaha biss l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan?

Kif jistgħu l-ħaddiema jistennew xi ħniena mill-mexxejja federalisti arroganti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex ma jitilfux xogħolhom u ħobżhom jekk lanqas stat ta' gwerra u storbjijiet kbar fi Stat Membru ma jistgħu b'xi mod ifixklu l-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha?

Il-fatt li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tagħti s-sentenza tagħha "**in camera**", jiġifieri fil-privat u mhux pubblikament ma jfisser xejn, għaliex dak li jkollha taqta' xorta waħda taqtgħu fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea.

**SEZZJONI 2**
**MOVIMENT LIBERU TA’ PERSUNI U TA’ SERVIZZI**

**Subsezzjoni 1**
**Ħaddiema**

**ARTIKOLU III-133**

**1. Il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni.**

**2. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq ċittadinanza bejn ħaddiema ta’ l-Istati Membri fir-rigward ta’ impjieg, ta' remunerazzjoni u ta' kondizzjonijiet oħra ta’ xogħol u ta' impjieg hija pprojbita.**

**3. Il-ħaddiema għandhom id-dritt, soġġett għal limitazzjonijiet ġustifikati fuq bażi ta’ ordni pubbliku, sigurta’ pubblika jew saħħa pubblika:**

**a) li jaċċettaw offerti ta’ impjieg li fil-fatt isirulhom;**

**b) li jmorru minn post għal ieħor liberament fit-territorju ta’ Stati Membru għal dan l-għan;**

**c) li joqogħdu fi Stat Membru bl-iskop ta’ impjieg skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg ta’ ċittadini ta’ dak l-Istat stabbiliti b’liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva;**

**d) li jibqgħu fit-territorju ta’ Stat Membru wara li jkunu impjegati f’dak l-Istat, soġġetti għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu nkorporati f’regolamenti Ewropej adottati mill- Kummissjoni.**

**4. Dan l-Artikolu m’għandux japplika għall-impjieg fis-servizz pubbliku.**

**<u>Moviment Liberu tal-Ħaddiema</u>**

Innutaw kif dan l-Artikolu qiegħed jagħti jedd lill-ħaddiema kollha li jmorru fejn iridu u f’liema Stat Membru jkunu jrid biex ifittxu x-xogħol u jaħdmu u jridu jingħataw l-istess jeddijiet daqs il-ħaddiema l-oħra ta’ dak l-Istat Membru.

Dan ifisser dak li għedna aktar qabel, jiġifieri li Stat Membru ma jistax jagħti xogħol liċ-ċittadini tiegħu minflok lil ħaddiema minn Stati Membri oħra, speċjalment jekk ikollhom esperjenza jew kwalifiki aktar miċ-ċittadini tiegħu.

Innutaw kif ma tista’ ssir l-ebda diskriminazzjoni kontra ħaddiema minn Stati Membri oħra.

Aħna ma rridux infissru li għandha ssir diskriminazzjoni mal-ħaddiema barranin, għaliex jekk jaħdmu għandhom jingħataw l-istess kundizzjonijiet u pagi, imma kif jgħid il-qawl li “**l-karita’ tibda mid-dar”**, jiġifieri l-ewwel jaħdmu u jieklu tal-familja, imbagħad il-barranin.

Huwa għalhekk li aħna rridu li l-ewwel jaħdmu l-ħaddiema Maltin u Għawdxin u ma jonqsulhom xejn mill-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom minħabba li l-ħaddiema barranin ikunu lesti li jaċċettaw kundizzjonijiet li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin ma jistgħux jaċċettaw.

Jekk imbagħad ikun hemm aktar xogħol u l-ħaddiema Maltin u Għawdxin kollha jkunu jaħdmu, ħalli jaħdmu l-ħaddiema barranin ukoll biex anki huma jgawdu mill-ġid, imma l-ewwel u qabel kollox għandhom jiġu l-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Li ma rridux aħna huwa li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familja tagħhom għaliex xogħolhom jittieħed mill-ħaddiema barranin kif diġa' qiegħed jiġri issa u kif sejjer ikompli jiġri u jiżdied aktar 'il quddiem bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll li jekk ikun hemm xi kundizzjonijiet dwar il-jedd li l-ħaddiema jibqgħu f'dak l-Istat Membru wara li jkunu ħadmu hemmhekk, dawn il-kundizzjonijiet iridu jsiru biss b'regolamenti Ewropej, jiġifieri magħmula mill-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha u mhux minn xi Stat Membru.

Fil-fatt, l-Unjoni Ewropea diġa' għandha regolamenti bħal dawn, imma issa qegħdin jissemmew ukoll fil-Kostituzzjoni biex jingħataw aktar saħħa kif l-istess qiegħda tingħata aktar saħħa l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tilfu kull jedd li jikkmandaw u jirregolaw dak kollu li jsir fit-territorju tagħhom u, bl-istess argument, l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha u mhux aktar ta' l-Istati Membri?

L-unika eċċezzjoni hija dwar ħaddiema fis-settur pubbliku, imma anki din ma tantx tista' ddum wisq, għaliex diġa' kien hemm każi fejn il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li huma biss ċerti mpjiegi li għandhom x'jaqsmu mas-sigurta' nazzjonali, bħal ma huma l-pulizija, armata u s-servizzi sigrieti li jistgħu jimpjegaw biss ċittadini ta' dak l-Istat Membru u ma jimpjegawx ċittadini ta' Stati Membri oħra.

Tinsewx li l-Unjoni Ewropea trid li kollox jiġi privitazzat u kollox ikun bil-ħlas ħalli jistagħna l-privat, u għalhekk xejn ma niskantaw li anki servizzi li s'issa dejjem kienu jingħataw minn dipartimenti tal-Gvern jibdew jiġu privitazzati kif sar mill-industriji parastatali u entitajiet oħra.

## ARTIKOLU III-134

**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq il-moviment liberu tal-ħaddiema, kif definiti fl-Artikolu III-133. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Din il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha timmira, b'mod partikolari, li:**

**a) tiżgura koperazzjoni mill-qrib bejn servizzi nazzjonali ta' l-impjiegi;**

**b) tabolixxi dawk il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi u dawk il-perijodi ta' kwalifika fir-rigward ta' eliġibbilta' għal impjieg disponibbli, kemm jekk jirriżultaw minn legislazzjoni nazzjonali kif ukoll ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri, illi jekk jinżammu jostakolaw il-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-ħaddiema;**

**c) tabolixxi dawk il-perijodi ta' kwalifika u restrizzjonijiet oħra previsti kemm taħt leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri li jimponu fuq ħaddiema ta' Stati Membri oħra kondizzjonijiet li jirrigwardaw l-għażla libera ta' impjieg li huma differenti minn dawk imposti fuq ħaddiema ta' l-Istat konċernat;**

**d) tistabbilixxi mekkanizmi xierqa li jġibu flimkien l-offerti ta' impjieg ma' l-applikazzjonijiet għall-impjieg u li jiffaċilitaw li jintlaħaq bilanċ bil-kondizzjoni li jkun evitat theddid serju għal-livell ta' l-għajxien u għal-livell ta' l-impjieg fid-diversi reġjuni u industriji.**

## Theddid Kbir għall-Ħaddiema u l-Familji Maltin

Qegħdin taraw kif kollox huwa regolat mill-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha permezz tal-liġijiet Ewropej, anki kif il-ħaddiema jridu jingħataw il-jeddjiet kollha biex imorru jaħdmu f'liema Stat Membru ieħor iridu?

Innutaw dak li jgħid subinċiż (a), u kif il-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Taħriġ, jew kif hija magħrufa l-ETC, minħabba l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea kellha tniżżel kull sejħa għall-impjiegi f'Malta u Għawdex fuq l-internet biex kull ċittadin minn kull Stat Membru jkun jista' japplika għalih.

Huwa b'hekk li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin ma jistgħux isibu xogħol, għaliex il-ħaddiema barranin qegħdin jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol miżeri li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin ma jistgħux jaċċettaw u qegħdin jiġi mpjegati ħaddiema barranin li qegħdin jeħdulhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom waqt li min iħaddimhom ikompli jfawwar bwietu bil-liri.

## Tneħħija ta' Ostakli u Theddid Serju

Innutaw kif subinċiżi (b), (ċ) u (d) jordnaw li għandhom jitneħħew kull ostakli li minħabba fihom il-ħaddiema barranin ma jkunux jistgħu jmorru fi Stat Membru ieħor u jieħdu xogħol il-ħaddiema ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Innutaw kif subinċiż (d) jgħid li l-mekkaniżmi magħmula mill-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjonijiet għall-impjieg ikunu b'mod li "**jkun evitat theddid serju għal-livell ta' l-għajxien u għal-livell ta' l-impjieg fid-diversi reġjuni u industriji".**

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea stess qiegħda tammetti li l-mekkaniżmi tagħha joħolqu u jistgħu joħolqu theddid għall-għixien u għall-livell ta' mpjiegi fid-diversi reġjuni u industriji, imma għandu jiġi evitat li dan ikun theddid serju.

Serju u m'huwiex xorta waħda jfisser li l-mekkaniżmi tagħha jkunu qegħdin jolqtu ħażin l-impjiegi u l-livell ta' għixien tal-ħaddiema kif jistgħu jixhdu l-ħeddiema

Maltin u Għawdxin, imma l-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li jinsabu jgħumu u mgħarrqin fl-ewros ma jimpurtahomx mit-theddid għall-ħaddiema.

Dak huwa dak li tordna l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federali tagħha, u dak huwa li jkollhom jagħmlu l-Istati Membri, għaliex kif kien intqal, "**la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk**."

**<u>Perjodi ta' Kwalifika</u>**

Innutaw ukoll kif permezz ta' dan l-Artikolu l-Unjoni Ewropea tkun qegħda tneħħi kull perjodu ta' kwalifika li jista' jkun hemm qabel xi ħaddiem minn xi Stat Membru ieħor ikun jista' japplika għall-impjieg, kif ukoll għal liema impjieg jista' japplika.

Din ukoll hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-ħaddiema Maltin u Għawdxin qeghdin jitilfu x-xogħol u ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom li qegħdin jittieħdu minn ħaddiema barranin.

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea bil-ħaddiema Maltin u Għawdxin jitilfu x-xogħol u ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom?

Meta rridu nistgħu nitilqu minn dan il-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu u ħadd u xejn ma jista' jżommna.

**ARTIKOLU III-135**

**L-Istati Membri għandhom, fil-qafas ta' programm konġunt, jinkoraġġixxu l-iskambju ta' ħaddiema żgħażagħ.**

**<u>Iridu Jinqdew biż-Żgħażagħ</u>**

Anki f'dan l-Artikolu wieħed jista' jara kif l-Unjoni Ewropea trid li l-Istati Membri jħeġġu speċjalment il-ħaddiema żgħażagħ imorru jaħdmu fi Stati membri oħra.

Dan għaliex il-ħaddiema żgħażagħ aktar hemm ċans li forsi jibnu familja u joqgħodu fi Stat Membru ieħor, u b'hekk aktar tkompli timmina lill-Istati Membri tagħha biex tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha.

Barra minn hekk, il-ħaddiema barranin speċjalment żgħażagħ ikunu jistgħu jfarrku l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru fih, għaliex l-ewwel nett ma jkollhomx l-esperjenza la tax-xogħol u lanqas tal-ħajja, u barra minn hekk ikunu jifilħu jidħlu għal xogħol ta' strapazz b'pagi u kundizzjonijiet anqas milli jkunu ġabu l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru bi ġlied u tbatijiet kbar.

B'hekk jitfarrku l-ħaddiema ta' kull Stat Membru u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom biex l-industrjalisti l-kbar Ewropej ikunu jistgħu jerdgħu demm il-ħaddiema u jħaxxnu bwiethom aktar milli huma.

**ARTIKOLU III-136**

**1. Fil-qasam tas-sigurta' soċjali, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi dawk il-miżuri li huma meħtieġa biex ikun hemm liberta' ta' moviment għal ħaddiema billi tagħmel arranġamenti sabiex jiżguraw għal impjegati migranti u dawk li jaħdmu għal rashom u d-dipendenti tagħhom:**

**a) aggregazzjoni tal-perjodi kollha meqjusa taħt il-liġijiet tal-pajjiżi differenti, biex jinkiseb u jinżamm id-dritt għal benefiċċju u tal-kalkolu ta' l-ammont ta' benefiċċju;**

**b) il-ħlas ta' benefiċċji lil persuni residenti fit-territorji ta' l-Istati Membri.**

<u>**Barranin bil-Benefiċċji Soċjali**</u>

Innutaw kif biex aktar isir faċli li ħaddiema barranin imorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor, dan l-Artikolu qiegħed jordna li għandhom isiru liġijiet u liġijiet kwadru Ewropew biex jagħmlu dawk il-miżuri meħtieġa ħalli l-ħaddiema kollha, kemm dawk impjegati u kemm dawk li jaħdmu għal rashom, jitneħħilhom kull xkiel.

Għal dan il-għan, il-liġijiet imsemmija jridu jirregolaw kollox kif jingħad fis-subinċiżi (**a**) u (**b**). Ħalli narawhom flimkien.

Subinċiż (**a**) qiegħed jordna li kull perjodu ta' mpjieg f'kull Stat Membru li kull ħaddiem ikun għamel għandu jitqies biex jinkisbu u jinżammu l-jeddijiet għal benefiċċju u l-kalkolu ta' kemm ikun il-benefiċċju.

Dan ifisser li jekk dak l-Istat Membru li jkunu marru fih ikollu liġi li biex min ikun spiċċa qiegħed irid ikun għamel ċertu żmien jaħdem, u għalhekk ikun ħallas ammont ta' bolol tas-sigurta soċjali biex jingħata l-benfiċċju tal-qagħad, iż-żmien li huwa jkun ħadem fi Stati Membri oħra jkun jgħodd ukoll.

Innutaw ukoll kif is-subiniċiż (**b**) qiegħed jordna li l-liġijiet Ewropej, jiġifieri dawn magħmula mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federali tagħha jridu jirregolaw anki l-ħlas ta' benefiċċji lil persuni li joqgħodu fit-territorji ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, jekk ħaddiem barrani jkun ħadem f'diversi Stati Membri, u jispiċċa mingħajr xogħol, ma jistax jingħad mill-Istat Membru li jkun mar jaħdem l-aħħar fih li dak il-ħaddiema m'huwiex intitolat għall-benefiċċju tal-qagħad, relief, housing b'xejn u servizzi soċjali oħra għaliex ma ħadimx biżejjed f'dak l-Istat Membru, imma kull żmien li huwa jkun ħadem f'kull Stat Membru ieħor ikun jgħodd daqs li kieku sar f'dak l-Istat Membru.

Kif tindunaw mis-subinċiż (**b**), anki kemm għandu jingħata benefiċċji min ikun mar joqgħod fi Stat Membru ieħor irid jiġi regolat mil-liġijiet Ewropej.

Qegħdin taraw għaliex is-servizzi soċjali kollha fl-Istati Membri kollha qegħdin jitherrew, jinsabu taħt theddida kbira u serja, u sejrin jispiċċaw fix-xejn bil-liġijiet u regolamenti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti tagħha?

**L-Istati Membri Jittallbu l-Ħniena**

**2. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropej previst fil-paragrafu 1 jolqot l-aspetti fundamentali tas-sistema ta' sigurta' soċjali tiegħu, inkluż il-kamp ta' l-applikazzjoni, il-kost jew l-istruttura finanzjarja, jew jolqot l-bilanċ finanzjarju ta' dik is-sistema, jista' jitlob li l-kwistjoni tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-suspensjoni, jew:**

**a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396, jew**

**b) jitlob il-Kummissjoni tissottometti proposta ġdida; f'dak il-każ, l-att propost oriġinarjament għandu jitqies li ma ġiex adottat.**

L-ewwel nett niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti tajjeb ma ngħidux "**il-kost**", imma l-"**ispiża**", imma dawk li tħallsu eluf kbar ta' liri biex qalbu din il-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti din ma kienux jafuha. Sempliċiment qabdu l-kelma bl-Ingliż "**cost**" u kitbuha kif tinħass bil-Malti. Dak gherf. Trid tkun mort l-Universita' biex tkun tafu.

Huwa tassew li l-kelma l-sipiża hija mnissla mill-kelma taljana "spesa", imma dik hija antika ħafna u issa saret tagħmel parti mill-vokabilarju Malti.

Madankollu jista' jkun li għamluha apposta biex min ikun qiegħed jaqra u ma tantx ikun jifhem ma jindunax li riedu jgħidu l-ispiża ħalli ma joqgħodx jaħseb fuqha u fuq kemm ikun għad irid jħallas aktar minħabba l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan is-subartikolu jgħid x'għandu jsir jekk Stat Membru jkunu sejrin jinħolqulu problemi kbar minħabba xi liġi li tkun sejra ssir għal dan il-qasam u tkun sejra tolqot l-aspetti fundamentali tas-sistema tiegħu. Huwa jista' jitlob li l-kwistjoni tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Ewropew u jsir dak li qiegħed jingħad.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea stess permezz ta' dan is-subartikolu qiegħda tammetti li l-liġijiet tagħha mhux biss jolqtu l-aspetti fundamentali tas-sistema tas-sigurta' soċjali ta' l-Istati membri, imma saħansitra anki l-finanzi u l-bilanċ finanzjarju tagħha.

Huwa għalhekk li hemm periklu serju fuq is-servizzi soċjali ta' pajjiżna, speċjalment il-pensjonijiet li l-Unjoni Ewropea dejjem riedet li jogħlew anki aktar minn 65 sena.

Aktar 'il quddiem tkunu tafu li dak li qegħdin ngħidu huwa is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa bħal ma dejjem għedna.

Minkejja dawn l-effetti u l-piżijiet kbar li jintefgħu fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom, xorta waħda l-Unjoni Ewropea tibqa' tagħmel dawn l-affarijiet, anzi issa daħħlet ukoll dan il-jedd fil-Kostituzzjoni tagħha biex ma jkunx hemmm dubju dwar il-jedd u s-setgħa tagħha.

Għalkemm jingħad li Stat Membru li jkun milqut hekk ħażin jista' jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kunsill Ewropew, madankollu, isir li jsir, dejjem sejjer jibqa' l-jedd ta' l-Unjoni Ewropea li jekk ma tgħaddix mill-bieb tgħaddi mit-tieqa. Dak li jgħid l-Artikolu III-396 narawh aktar 'il quddiem.

**Subsezzjoni 2**
**Liberta' ta' stabbiliment**

**ARTIKOLU III-137**

**Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, għandhom jiġu pprojbiti restrizzjonijiet fuq il-liberta' ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' aġenziji, sussidjarji jew fergħat minn ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru.**

**Ċittadini ta' Stat Membru għandhom id-dritt, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li jibdew u jwettqu attivitajiet bħal persuni li jaħdmu għal rashom u li jistabbilixxu u jamministraw imprizi, b'mod partikolari kumpanniji jew ditti fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-142, taħt il-kondizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini proprji bil-liġi ta' l-Istat Membru fejn isir dan l-istabbiliment, bla ħsara għas-Sezzjoni 4 rigward il-kapital u l-pagamenti.**

**<u>Theddida għal min Jaħdem għal Rasu</u>**

Jista' jibqagħlek l-iċken dubju meta taqra dan l-Artikolu, li l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea spiċċalhom għal kollox il-jedd li jirregolaw min jidħol fit-territorju tagħhom u x'jagħmel?

Jekk tinnutaw tajjeb tindunaw li ċittadin minn Stat Membru ieħor lanqas għandu għalfejn jiġi joqgħod hawnhekk, imma jista' jiftaħ kumpanija jew kumpanija sussidjarja, stabbiliment, aġenzija u dak kollu li jissemma u ma jħaddimx impjegat wieħed Malti jew Għawdxi, imma jħaddem ħaddiema barranin biss u l-Gvern ma jkun jista' jgħidlu jew jagħmillu xejn. Din hija theddida kbira għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Tridu li nibqgħu taħt dawn l-ordnijiet, il-jasar u l-madmad kolonjali tal-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti tagħha, jew sejrin inqumu waħda sewwa fuq tagħna u nqalftu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** qaddejja servili tiegħu l-barra u nibgħatuhom jixxejjru u jsaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell?

Hemm bżonn li nqumu fuq tagħna u nqumu waħda sewwa, għaliex tajjeb li niftakru li ħadd qatt ma ta' xi jedd lil xi ħaddieħor fuq platt tal-fidda, imma kull min kiseb xi ħaġa kisibha biss għaliex iġġieled għaliha.

Kuraġġ. Inqumu biex niddikjaraw **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna u neħilsu mill-madmad kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea if għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**ARTIKOLU III-138**

**1. Liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex tinkiseb il-liberta' ta' stabbiliment fir-rigward ta' attivita' partikolari. Għandhom jiġi adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Kollox bil-Liġi Ewropea**

L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu juri b'mod l-aktar ċar kif l-Unjoni Ewropea trid li kollox isir permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea ħalli ma jkun hemm l-ebda dubju li l-Istati Membri jridu jobdu kollox.

Dan ifisser li l-Gvern Malti ma jista' jwaqqaf lil ħadd milli jiġi hawn Malta u jeżerċita xi attivita', aktar u aktar jekk dik l-attivita' tkun is-suġġett ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea.

B'hekk, kull min jaħdem għal rasu wkoll għandu theddida fuq rasu għax-xogħol u l-ħobż tiegħu u tal-familja tiegħu.

**Setgħat Kbar**

**2. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom taħt il-paragrafu 1, b'mod partikolari:**

**(a) billi jagħtu, bħala regola ġenerali, trattament ta' prijorita' lil attivitajiet fejn il-liberta' ta' stabbiliment tagħmel kontribuzzjoni b'valur partikolari għall-iżvilupp tal-produzzjoni u tan-negozju;**

**b) billi jiżguraw koperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex tiġi aċċertata s-sitwazzjoni partikolari fl-Unjoni ta' l-attivitajiet varji konċernati;**

**ċ) billi jabolixxu dawk il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi, kemm jekk jirrizultaw minn leġislazzjoni nazzjonali kemm jekk minn ftehim preċedentement konkluż bejn l-Istati Membri, li jekk jinżammu kienu jostakolaw il-liberta' ta' stabbiliment;**

**d) billi jiżguraw li ħaddiema minn Stat Membru impjegati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jistgħu jibqgħu f'dak it-territorju sabiex jibdew attivitajiet hemmhekk bħala persuni li jaħdmu għal rashom, meta jissodisfaw il-kondizzjonijiet li huma kienu jkunu meħtieġa jissodisfaw li kieku kienu qegħdin jidħlu f'dak l-Istat fiż-żmien meta kellhom l-intenzjoni jibdew dawn l-attivitajiet;**

**e) billi jippermettu lil ċittadin ta' Stat Membru li jakkwista u juża art u bini li jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, sa fejn dan ma jkunx f'konflitt mal-prinċipji previsti fl-Artikolu III-227(2);**

**f) billi jwettqu l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-liberta' ta' istabbiliment f'kull fergħa ta' attivita' ikkunsidrata, kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet biex jiġu stabbiliti aġenziji, fergħat jew sussidjarji fit-territorju ta' Stat Membru u kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul ta'**

**personal ta' l-istabbiliment prinċipali għal posizzjonijiet amministrattivi u ta' sorveljanza f'tali aġenziji, fergħat jew sussidjarji;**

**g) billi jikkordinaw sa fejn meħtieġ u bl-iskop li jirrendu ekwivalenti l-garanziji meħtieġa, fl-Istati Membri, mingħand is-soċjetajiet kummerċjali fis-sens tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-142, biex jiġu protetti l-interessi kemm tas-soċji kif ukoll ta' terzi persuni;**

**h) billi jaċċertaw ruħhom li l-kondizzjonijiet ta' stabbiliment mhumiex distorti b'għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri.**

<u>**Innutaw Kollox**</u>

Meta tkomplu taqraw dan l-Artikolu tindunaw kemm l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-Istituzzjonijiet u l-liġijiet tagħha tirregola u tindaħal f'kollox, kullimkien, u f'kull qasam u kif l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn biex ifixklu xi ċittadin ta' Stat Membru ieħor milli jmur fit-territorju tagħhom u jagħmel dak kollu li ċ-ċittadini tagħhom jistgħu jagħmlu.

Innutaw kif "**bħala regola ġenerali, trattament ta' prijorita' lil attivitajiet fejn il-liberta' ta' stabbiliment tagħmel kontribuzzjoni b'valur partikolari għall-iżvilupp tal-produzzjoni u tan-negozju".**

Dan ifisser dak li dejjem għedna, li għall-Unjoni Ewroepa l-ewwel ma jiġi huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li huwa l-Alla falz tagħha.

Innutaw kif minkejja li jista' jkun li kien hemm xi ftehim anki minn qabel bejn l-Istati Membri li jista' jkun qiegħed ifixkel id-dritt ta' stabbiliment dan irid jitneħħa.

Innutaw kif anki jekk ikun hemm ħaddiema minn Stati Membri oħra li jkunu impjegati u jispiċċaw mill-impjieg, dawn xorta waħda għandhom il-jedd li jibqgħu fejn ikunu marru u jibdew jaħdmu bħala persuni li jħaddmu lilhom infushom.

Innutaw kif mhux biss ċittadini li jkunu marru fi stat Membru ieħor għandhom jedd li jaħdmu bħala mpjegati u anki għal rashom, imma jridu jingħataw il-jedd li jakkwistaw u jużaw art u bini biex ikunu jistgħu jaħdmu għal rashom.

Innutaw kif ma jista' jkun hemm l-ebda restrizzjoni jew kondizzjonijiet **"biex jiġu stabbiliti aġenziji, fergħat jew sussidjarji fit-territorju ta' Stat Membru u kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul ta' personal ta' l-istabbiliment prinċipali għal posizzjonijiet amministrattivi u ta' sorveljanza f'tali aġenziji, fergħat jew sussidjarji".**

Fi kliem ieħor, jistgħu jiftħu negozju, aġenziji jew sussidjarji mingħajr l-ebda xkiel u barra minn hekk jistgħu jħaddmu ċittadini barranin u ma jħaddmu lanqas ċittadin wieħed ta' dak l-Istat Membru li jkunu fetħuhom fih.

U tinsewx li minn fuq, dak l-Istat Membru li jkunu marru fih irid jagħtihjom il-jedd li jakkwistaw u jużaw l-art tiegħu.

Irridu wkoll niġbdu l-attenzjoni tagħkom għall-fatt li kemm il-Parlament Ewropew, kemm il-Kunsill tal-Ministri u kemm il-Kummissjoni għandhom jedd li jaraw li dak kollu msemmi f'dan l-Artiklu jsir kollu mill-Istati Membri, fosthom li ma jagħtux xi għajnuna u b'hekk jgħawwġu l-kundizzjonijiet tas-suq u ta' l-istabbiliment.

Anki jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu xi għajnuna, din għandha tingħata lil kulħadd u mhux liċ-ċittadini tagħhom biss, u ma tistax tgħawweġ il-kundizzjonijiet ta' l-istabbiliment tal-ħaddiema barranin.

Dan ifisser il-madmad tas-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mmexxija mill-mexxejja federalisti tagħha. Tgħin ħaddiema barranin biex jeqirdu lil tiegħek.

Tridu li nibqgħu taħt din il-ħakma kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea bil-ħaddiema Maltin jitilfu hobżhom u bil-**QUISLINGS** imexxu lil Malta skond l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-139

**Din is-Subsezzjoni m'għandhiex tapplika, sa fejn kwalunkwe Stat Membru partikolari huwa konċernat, għall-attivitajiet li f'dak l-Istat huma konnessi, anke okkażjonalment, ma' l-eżerċizzju ta' awtorita' pubblika.**

**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea tista' teskludi ċerti attivitajiet mill-applikazzjoni ta' din is-Subsezzjoni.**

**<u>Eżerċizzju ta' Awtorita' Pubblika</u>**

Li jfisser dan l-Artik9lu huwa li għad hemm xi oqsma li huma meqjusa bħala li jkunu qegħdin isiru minn Stat f'dik li tissejjaħ "**l-eżerċizzju ta' l-awtorita' pubblika**".

Fi kliem ieħor, kull Stat għandu jedd li jieħu deċiżjoni u jgħid li hija bħala "**eżerċizzju ta' l-awtorita' pubblika**" u dik l-azzjoni ma tkunx sindakabbli, jiġifieri tiġi trattata mill-Qrati, għaliex tkun azzjoni uffiċjali ta' l-Istat.

Biex nieħdu eżempju, il-pulizja jeżerċitaw awtorita' pubblika, u għaldaqstant Stat Membru jista' ma jħallix barranin iservu fil-pulizija tiegħu.

Hemm eżempji oħra ta' eżerċizzju ta' awtorita' pubblika, u kien hemm anki każi fil-Qrati tagħna dwar dan li l-Qrati żammew li kienet eżerċizzju ta' awtorita pubblika u għalhekk ma kinitx sindikabbli minnhom. Għaldaqstant, ma hemm xejn ġdid f'dan l-Artikolu li ma kienx hemm qabel.

Madankollu, innutaw li hija fid-deskrizzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jiddeċiedu, permezz ta' liġijiet Ewropej, jekk għandhomx jeżentaw, jiġifieri ma jħallux li din is-subsezzjoni tkun tapplika għalihom, jew, fi kliem ieħor, l-Istat Membru ma jkunx jista' ma jħallix ċittadini barranin iservu, fl-eżempju li tajna, bħala pulizija.

Għaldaqstant, mhux dak kollu li Stat Membru jgħid li għandu x'jaqsam ma' "**l-eżerċizzju ta' l-awtorita pubblika**" jista jitqies hekk mill-istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, l-Istati Membri tilfu l-jedd li jiddeċiedu huma x'inhuwa jew x'jaqa' taħt il-kliem "**eżerċizzju ta' awtorita' pubblika**".

Qegħdin taraw min jikkmnanda fl-Unjoni Ewropea, jekk huwiex l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti tagħha jew l-Istati Membri?

**ARTIKOLU III-140**

**1. Din is-Subsezzjoni u l-miżuri adottati skond l-istess m'għandhomx jippreġudikaw l-applikabilità ta' disposizzjonijiet stabbiliti b'ligi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jipprovdu għal trattament speċjali għal ċittadini barranin fuq bażi ta' l-ordni pubbliku, is-sigurta' pubblika jew is-saħħa pubblika.**

**2. Ligi kwadru Ewropea għandha tikkordina d-disposizzjonijiet nazzjonali previsti fil-paragrafu 1.**

**Disposizzjonijiet Nazzjonali skond Liġi Ewropea**

Meta taqra l-ewwel darba dan l-Artikolu, jew aħjar l-ewwel subartikolu tiegħu, taħseb li huwa bħal speċi ta' ftit zokkor fuq il-pilloli morri l-oħra li nsibu f'din il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dak li jingħad fl-ewwel subartikolu jfisser li Stat Membru jista' jkollu xi liġijiet li, bħala eżempju, ma jħallux barranin li jkunu morda b'ċertu mard, speċjalment li jittieħed, li jmorru joqgħodu fit-territorju tagħhom. L-istess jista' jsir bħala eżempju, jekk xi ħadd ikun traffikant tad-drogi.

Dawn huma jeddijiet ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Madankollu innutaw li skond subartikolu (2), dawk il-liġijiet jew dispożizzjonijiet nazzjonali ma jistgħux isiru skond ma jkun jidhirlu xi Stat Membru, imma jridu jiġi koordinati, jiġifieri mmexxija minn liġijiet kwadru Ewropej.

Fi kliem ieħor, il-liġi li jista' jagħmel Stat Membru trid tkun bilfors skond ma jkun jingħad fil-liġi Ewropea u ma jkun jista' jagħmel xejn li ma jkunx jaqbel magħha.

**L-Eżempju tal-Greċja**

Biex nieħdu eżempju, il-Greċja kellha liġi li kull barrani li jinqabad bid-droga jitkeċċa għal għomru mit-territorju Griek. Kien hemm waħda, ċerta Donatella Calfa, li kienet inqabdet bid-drogi, u l-Qorti Griega kienet ordnat li din titkeċċa għal għomorha mit-territorju Griek.

Madankollu, din ħadet il-każ tagħha quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u minħabba li Calfa qalet li kien inkiser jedd mogħti lilha mill-Unjoni Ewropea, il-Qorti Griega kellha tibgħat il-każ quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwaru.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li l-liġi Griega kienet tmur kontra l-jeddijiet mogħtija mill-Unjoni Ewropea u għalhekk Calfa ma setgħetx titkeċċa għal għomorha mit-territorju Griek.

Hekk sewwa. Barrani jinqabad bid-droga fit-territorju tiegħek u ma tistax tkeċċih għal għomru, għaliex hekk tordna l-Unjoni Ewropea. X'ma tisplodix il-problema tad-droga u l-kriminalita' fl-Unjoni Ewropea, jew aħjar fl-Istati Membri tagħha.

## ARTIKOLU III-141

**1. Il-liġi kwadru Ewropea għandha tiffaċilita l-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Għandha tkopri:**

**a) ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali;**

**b) il-kordinazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jikkonċernaw il-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom.**

**2. Fil-każ tal-professjonijiet mediċi, paramediċi u farmaċewtiċi, s-suppressjoni progressiva ta' restrizzjonijiet għandha tkun dipendenti fuq il-kordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet fid-diversi Stati Membri.**

**Professjonisti Gradwati Milquta Wkoll**

M'hemmx x'jingħad dwar dan l-Artikolu li ma ntqalx aktar qabel, imma tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li l-jedd li wieħed imur jaħdem fejn irid m'huwiex biss għall-ħaddiema mpjegati komuni, imma japplika wkoll għal kull professjoni u ħaddiema li jaħdmu għal rashom.

Għaldaqstant, dawk li jaħdmu għal rashom flimkien ma' l-istudenti universitarji li ħasbu jew bellulhom li huma mhux se jintlaqtu mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea tqarrqu bil-kbir, għaliex anki xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-famiji tagħhom sejjer jintlaqat ħażin bil-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u bil-professjonisti barranin li jiġu jaħdmu hawn.

## ARTIKOLU III-142

**Soċjetajiet u ditti kostitwiti skond il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-Unjoni għandhom, għall-finijiet ta' din is-Subsezzjoni, jigu trattati bl-istess mod bħal persuni fiżiċi li huma ċittadini ta' Stati Membri.**

**"Soċjetajiet u ditti" tfisser kumpanniji jew ditti kkostitwiti taħt il-liġi ċivili jew kummerċjali, inklużi soċjetajiet koperattivi, u persuni ġuridiċi oħra rregolati mil-liġi pubblika jew privata, ħlief għal dawk li m'għandhomx l-iskop ta' profitt.**

**<u>Soċjetajiet u Ditti Barranin Trattati l-Istess</u>**

Dan ifisser li kull kumpanija u kull koperattiva jridu jiġu ttrattati l-istess daqs li kieku kienu ċittadini ta' Stati Membri.

Fi kliem ieħor, dak li rajna li jgħodd għaċ-ċittadini bħala nies li minkejja li jkunu ċittadini ta' Stat Membru jridu jiġu trattati l-istess daqs iċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor li jmorru fih jgħodd ukoll għall-kumpaniji, soċjetajiet u koperattivi.

Innutaw ukoll kif kollox u kull qasam huwa regolat minn din il-Kostituzzjoni u liġijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea, anki kumpaniji, soċjetajiet kummerċjali u koperattivi.

Għaldaqstant, il-kumpaniji, soċjetajiet u koperattivi Maltin u Għawdxin jistgħu jlestu għaliex jekk kumpaniji, soċjetajiet u koperattivi minn Stati Membri oħra jkunu jridu jiftħu xi fergħa hawn Malta f'kompetizzjoni diretta magħhom la huma u lanqas il-Gvern Malti ma jista' jagħmel xejn.

Il-Gvern Malti jrid jittrattahom bl-istess kundizzjonijiet li bihom jittratta lil dawk Maltinm, u ma jkunx jista' jiffavorixxi lil dawk Maltin għaliex jeħel il-multi li jkollhom iħallsuhom iċ-ċittadini Maltin permezz tat-taxxi tagħhom.

## ARTIKOLU III-143

**Stati Membri għandhom jagħtu lil ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra l-istess trattament bħaċ-ċittadini tagħhom fir-rigward ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' soċjetajiet jew ditti fis-sens tat-tifsira tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-142, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.**

**<u>Ċittadini Barranin Jixtru l-Isħma</u>**

Dan l-Artikolu qiegħed jagħti jedd lil kull ċittadin minn kull Stat Membru li jixtri jew ikollu isħma fil-kapital ta' soċjetajet u ditti kummerċjali daqs iċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru li s-soċjeta' kummerċjali tkun reġistrata fih.

Fi kliem ieħor, jekk hemm kumpanija li jkolha isħma tal-pubbliku, ma tixtax tgħid li dawk l-isħma jistgħu jinxtraw biss minn ċittadini Maltin, imma kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jrid jitħalla jixtri l-isħma mingħajr l-ebda xkiel u bl-istess kundizzjonijiet li jinxtraw minn ċittadin Malti.

Dan kollu jfisser li dawk il-kumpaniji jistgħu jispiċċaw kollha kkontrollati mill-barranin waqt li ċ-ċittadini Maltin ikollhom joqgħodu għal dak kollu li jiddeċiedu l-barranin mingħajr ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn.

**Subsezzjoni 3**
**Liberta' tal-provvista ta' servizzi**

## ARTIKOLU III-144

**Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu pprojbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li huma stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak tal-persuna li għaliha huma ddestinati s-servizzi.**

**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' testendi din is-Subsezzjoni għal ċittadini ta' Stat terz li jipprovdu servizzi u li huma stabbiliti fl-Unjoni.**

**<u>L-Ebda Xkiel għas-Servizzi Minn Kull Stat Membru</u>**

Dan huwa l-istess bħall-Artikoli ta' qablu li kienu dwar il-ħaddiema u l-kapital, waqt li dan l-Artikolu huwa dwar l-għoti ta' servizzi.

Innutaw li ċittadini li jagħtu servizz lanqas ma għandhom ħtieġa li jkunu joqgħodu f'dak l-Istat Membru li l-persuna li tkun qed tirċievi s-servizz tagħhom tkun toqgħod.

Fi kliem ieħor, persuna li tagħti servizz u tkun toqgħod fi Stat Membru ieħor tista' bil-liberta' kollha u mingħajr l-ebda xkiel tagħti s-servizz tagħha lil ċittadin Malti jew anki lil xi ħadd barrani f'Malta minkejja li ma tkunx toqgħod jew tkun stabbilita f'Malta.

Barra minn hekk, innutaw li l-istess jeddijiet li jingħataw liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jistgħu jingħataw ukoll lil kull ċittadin barrani ta' pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk ikun hemm xi ċittadin barrani li ma jkunx ċittadin ta' xi Stat Membru li jkun jipprovdi xi servizzi f'xi Stat Membru, huwa jista' jingħata wkoll il-jedd li joffri s-servizzi tiegħu f'kull Stat Membru ieħor.

Innutaw li dan isir b'liġi Ewropea. B'hekk, spiċċa kull kontroll li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** jista' jagħmel fit-territorju tiegħu fuq barranin, għaliex l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss tilfu l-jedd tagħhom li jikkontrollaw ċittadini ta' Stat Membri oħra, imma lanqas ċittadini ta' pajjiżi li m'humiex membri ma jistgħu jikkontrollaw huma għax tikkontrolla kollox l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-145

**Jitqiesu bħala "servizzi" għall-għanijiet tal-Kostituzzjoni s-servizzi pprovduti normalment bi ħlas, sakemm ma jkunux regolati mid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-liberta' ta' moviment ta' persuni, merkanzija u kapital.**

**"Servizzi" għandhom jinkludu b'mod partikolari:**
**a) attivitajiet ta' karattru industrijali;**

**b) attivitajiet ta' karattru kummerċjali;**
**ċ) attivitajiet ta' artiġjanat;**
**d) attivitajiet tal-professjonijiet liberi.**

**Mingħajr preġudizzju għas-Subsezzjoni 2 li tirrigwardja l-liberta' ta' stabbiliment, il-persuna li tipprovdi servizz tista' sabiex tagħmel dan, twettaq temporanjament l-attivita' tagħha fl-Istat Membru fejn huwa pprovdut is-servizz, taħt l-istess kondizzjonijiet li huma imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini proprji.**

**X'Inhuma Servizzi**

Artikolu ieħor li jkompli jfisser kif kull persuna li tipprovdi xi servizz fl-oqsma industrijali, kummerċjali, artiġġjanat u l-professjonijiet liberi għandha l-jedd li tagħmel dan f'kull Stat Membru taħt l-istess kundizzjonijiet li jkollhom iċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

B'hekk m'hemm kważi l-ebda qasam li fih xi ċittadin ta' Stat Membru jista' jiġi mwaqqaf milli jwettaq ix-xogħol, sengħa jew professjoni tiegħu fi Stat Membru ieħor.

Fabbriki, kummerċ, artiġġjanat u anki professjonisti jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom f'kull Stat Membru ieħor mingħajr l-ebda xkiel u anki mingħajr lanqas iħaddmu ħaddiem wieħed minn dak l-Istat Membru li jkunu marru fih.

**ARTIKOLU III-146**

**1. Il-liberta' tal-provvista ta' servizzi fil-qasam tat-trasport għandha tkun irregolata mis-Sezzjoni 7 tal-Kapitolu III dwar it-trasport.**

**2. Il-liberalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u assigurattivi konnessi mal-movimenti ta' kapital għandha titwettaq mal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital.**

**Trasport, Servizzi Bankarji u Assigurazzjoni**

Artikolu li jkompli jgħid x'għandu jiġri dwar it-trasport li narawh fid-dettal aktar tard meta naraw is-Sezzjoni msemmija kif ukoll is-servizzi msemmija fis-subartikolu 2.

Madankollu, dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tat-trasport iridu jlesti biex ikollhom kompetizzjon minn trasportaturi oħra minn Stati membri oħra li għandhom kull jedd li jagħtu servizz ta' trasport f'kull Stat Membru ieħor.

L-istess iridu jagħmlu dawk kollha li jaħdmu fis-suq bankarju u ta' l-assigurazzjoni. Kollha jridu jaċċettaw il-kompetizzjoni minn Stati Membri oħra. Jekk ma jkunux kompetittivi magħhom ikollhom jagħlqu għaliex hekk tirraġuna l-Unjoni Ewropea, jew aħjar il-mexxejja arroganti, federalisti u kolonjalisti tagħha.

## ARTIKOLU III-147

**1. Il-miżuri sabiex titwettaq il-liberalizzazzjoni ta' servizz partikolari għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' liġi kwadru Ewropea. Dawn għandhom jigu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**2. Fir-rigward tal-liġi kwadru Ewropea prevista fil-paragrafu 1, għandha tingħata prijorita' bħala regola ġenerali lil dawk is-servizzi li jolqtu direttament l-ispejjeż tal-produzzjoni jew li l-liberalizzazzjoni tagħhom tgħin biex tippromwovi l-kummerċ fil-merkanzija.**

**<u>Liġi Kwadru Oħra</u>**

Innutaw kif kull qasam ta' servizz partikolari jrid jiġi liberalizzat ħalli jkun hemm suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li huwa Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' liġi kwadru Ewropea, u mhux minn xi Stat jew Stati Membri.

Kollox deċiż mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet u l-mexxejja federalisti tagħha.

Innutaw ukoll kif il-priorita' għandha tingħata "**il dawk is-servizzi li jolqtu direttament l-ispejjeż tal-produzzjoni jew li l-liberalizzazzjoni tagħhom tgħin biex tippromwovi l-kummerċ fil-merkanzija."**

Din hija konferma oħra kemm għall-Unjoni Ewropea l-Alla falz tagħha huwa s-suq ħieles u li kemm jista' jkun jitnaqqsu l-ispejjes ħalli l-kummerċjanti tagħha jkomplu jħaxxnu bwiethom.

Qatt smajtu li tnaqqsu l-ispejjeż u l-kummerċjanti naqqsu l-prezzijiet, jew ma l-iċken għoli jgħolluhom ħafna aktar milli jkunu għolew l-spejjeż?

## ARTIKOLU III-148

**L-Istati Membri għandhom jippruvaw jipproċedu għal-liberalizzazzjoni ta' servizzi lil hinn mil-limitu meħtieġ mil-liġi kwadru Ewropea adottati skond l-Artikolu III-147(1), jekk is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tagħhom u s-sitwazzjoni tas-settur ekonomiku interessat jippermettu dan.**

**Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri konċernati.**

**<u>Liberalizzazzjoni Sħiħa</u>**

Waqt li kollox jiġi liberalizzat mill-Unjoni Ewropea skond il-liġijiet Ewropej tagħha, dan huwa l-inqas li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu, tant li l-istess Stati Membri mhux biss qiegħdin jiġu mħeġġa biex imorru aktar 'il quddiem minn dak mitlub minnhom, imma l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess jingħad li għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lil dawn l-Istati Membri.

Dan ifisser li sejra tinħoloq Unjoni Ewropea ta' dawk li jimxu aktar 'il quddiem u dawk li jkunu warajhom minħabba li ċ-ċirkostanzi ta' l-ekonomija tagħhom ma tkunx tippermettilhom.

Dan ifisser ukoll li l-Istati Membri fuq quddiem sejrin ikunu jistgħu jiddeċiedu kif għandhom jimxu u xi triq jieħdu l-Istati Membri l-oħra, għaliex huwa ċar daqs il-kristall li dawk fuq quddiem se jisfurzaw lill-oħrajn biex jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jilħquhom u jagħmlu dak li jagħmlu huma minkejja li dan jista', u aktarx iwassal, biex jiżdiedu piżijiet kbar fuq iċ-ċittadini ta' dawk l-Istati li ma jkunux fuq quddiem.

Imma l-aqwa li l-Unjoni Ewropea tilħaq il-miri, l-għan u l-prinċipju tagħha ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, u ma jimpurtahiex mit-tbatija li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha jkollhom jgħaddu minnha.

Taħsbu li wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jiġux ukoll regolamenti u dak kollu meħtieġ li l-Kummissjoni tkun tqis huwa meħtieġ mhux biss għas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Unjoni Ewropea, imma anki biex iġġiehel lill-Istati Membri li jkunu għadhom lura biex jilħqu lil dawk li jkunu fuq quddiem?

## ARTIKOLU III-149

**Sakemm ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu pprovduti servizzi ma jkunux ġew aboliti, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza jew ta' residenza għall-persuni kollha li jipprovdu servizzi fis-sens ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-144.**

**Barranin Daqs iċ-Ċittadini**

Artikolu li sempliċiment qiegħed jgħid li sakemm l-Istati Membri jneħħu xi restrizzjonijiet li jista' jkollhom sakemm dak is-settur jiġi liberalizzat għal kollox, huma jridu japplikaw l-istess restrizzjonijiet fuq iċ-ċittadini tagħhom bħal ma japplikawhom fuq ċittadini minn Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk, ma jkun hemm l-ebda differenza bejn iċ-ċittadini tagħhom u ċittadini minn Stati Membri oħra.

## ARTIKOLU III-150

**L-Artikoli III-139 sa III-142 għandhom japplikaw għall-kwistjonijiet koperti b'din is-Subsezzjoni.**

M'hemmx għalfejn nikkummentaw fuq dan l-Artikolu għaliex sempliċiment qiegħed japplika l-Artikoli III-139 sa III-142 għal din is-Subsezzjoni.

## SEZZJONI 3
## MOVIMENT LIBERU TA' MERKANZIJA

### Subsezzjoni 1
### Unjoni Doganali

### ARTIKOLI III-151

**1. L-Unjoni għandha tinkludi unjoni doganali li għandha tkopri l-kummerċ kollu fil-merkanzija u li għandha tinvolvi l-projbizzjoni bejn Stati Membri ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u tal-piżijiet kollha li jkollhom effett ekwivalenti, u l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi.**

**2. Il-paragrafu 4 u s-subsezzjoni 3 dwar il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi għandhom japplikaw għal prodotti li joriġinaw fi Stati Membri u għal prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi li huma f'ċirkolazzjoni libera fi Stati Membri.**

**<u>Kummenti fuq l-Għaqda Doganali</u>**

Dan l-Artikolu tajjeb li neżaminawh flimkien ħalli naraw xi jfisser u x'piżijiet jintefgħu fuq l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-ewwel subartikolu qiegħed jgħid li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha għaqda doganali, jiġifieri tad-dwana, li għandha tkopri, jew aħjar tkun fuq il-bdil tal-merkanzija kollha li tgħaddi kemm minn Stat Membru għal għand Stat Membru ieħor, kif ukoll id-dħul u l-ħruġ ta' merkanzija kollha bejn Stati Membri u pajjiżi li ma jkunux membri.

Dan ifisser li kif jingħad fl-ewwel subartikolu, kull merkanzija tista' tintbagħat minn Stat Membru għal kull Stat Membru ieħor daqs li kieku kienu qiegħda tiġi mibgħuta f'post ieħor fl-istess Stat Membru.

Huwa għalhekk li jingħad li għandu jkun hemm projbizzjoni bejn l-Istati Membri ta' dazju doganali u tal-piżijiet kollha li jkollhom l-istess effett. Dan ifisser li merkanzija tkun tista' tintbagħat f'kull Stat Membru ieħor mingħajr ma jista' jkun hemm xi dazju jew levies jew xi ostakli oħra li jfixkluha.

Dan ifisser li l-Istati Membri jkunu qegħdin jitilfu d-dħul mid-dazju li kellhom qabel, u biex ikomplu jżommu d-dħul tagħhom ikollhom jagħmlu taxxi oħra biex ipattu għat-telf mid-dazju.

Min-naħa l-oħra, hemm ukoll it-tariffa doganali komuni, li tfisser li jekk xi merkanzija tiġi mpurtata f'xi Stat Membru minn pajjiż li m'huwiex membru fl-Unjoni Ewropea, tiġi mpurtata u tiddaħħal f'liema Stat Membru tiddaħħal, dik il-merkanzija tħallas l-istess ammont ta' dazju.

Dan isir għaliex jekk id-dazju kien jinżamm minn dak l-Istat Membru li fih tkun iddaħħlet il-merkanzija u ikun hemm xi Stat Membru li jagħmel inqas dazju, il-

merkanzija tibda' tiġi mpurtata f'dak l-Istat Membru minħabba li jitħallas anqas dazju, imbagħad tkun tista' tintbagħat f'kull Stat Membru ieħor mingħajr ma jitħallas xi dazju ieħor.

B'hekk, dak l-Istat Membru li jkollu anqas dazju jkollu vantaġġ fuq l-Istati Membri l-oħra għaliex kulħadd jipprova, għalmenu minn dawk l-Istati li jkunu viċin tiegħu, li jimporta l-merkanzija għandu għaliex ikun jaqbillu, u huwa għalhekk li d-dazju doganali jrid ikun l-istess fl-Istati Membri kollha.

Madankollu, irridu niftakru li fil-każ ta' l-Unjoni Ewropea, id-dazju li jinġabar ma jmurx għall-Istat Membru li fih tkun daħlet il-merkanzija, imma jmur għall-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant l-ebda Stat Membru ma jista' jkollu xi vantaġġ fuq Stat Membru ieħor.

Dan ifisser ukoll li anki d-dazju li l-Istati Membri kienu jdaħħlu minn fuq merkanzija mpurtata minn pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea spiċċa fix-xejn, u għalhekk ikollhom ikomplu jżidu t-taxxi fuq iċ-ċittadini tagħhom biex jagħmlu tajjeb għal dak it-telf.

Kulħadd jista' jara li ddur fejn iddur, ma' l-Unjoni Ewropea dejjem huma l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom li jmorru minn taħt biex il-kbarat ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom minn fejn jixxalaw minn fuq dahar ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

**La Daħlu Jiċċirkolaw Kullimkien**

**3. Il-prodotti ġejjin minn pajjiż terz huma kkunsidrati f'ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru jekk għalihom ikunu saru il-formalitajiet ta' importazzjoni u tħallsu kwalunkwe dazji doganali jew piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti pagabbli f'dak l-Istat Membru, u jekk ma bbenefikawx minn rimbors totali jew parzjali ta' dawn id-dazji u piżijiet.**

Subartikolu li huwa ċar li jekk tkun iddaħħal xi prodott minn pajjiż terz f'xi Stat Membru u jkunu tħallsu d-dazji, tariffi u levies li jkun hemm fuqu, u ma jkun ingħata xejn lura mid-dazju, tariffi u levies, dak il-prodott jista' jittieħed f'kull Stat Membru ieħor liberament mingħajr ma jitħallas dazju, tariffi u levies oħra.

**M'hemmx Dazji bejn l-Istati Membri**

**4. Dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom jiġu pprojbiti bejn Stati Membri. Din il-projbizzjoni għandha wkoll tapplika għal dazji doganali ta' natura fiskali.**

Subartikolu ieħor li juri kif l-ebda dazju jew xi forma ta' ħlasijiet bħal ma huma tariffi u levies ma jistgħu jintalbu fuq prodotti li jkunu ġejjin minn Stat Membru ieħor, għaliex is-suq ta' l-Istati Membri kollha huwa meqjuż bħala suq wieħed.

**Id-Dazji Iffissati mill-Kunsill**

**5. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet li jiffissaw id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni.**

Dan l-Artikolu qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kunsill biex fuq proposta tal-Kummissjoni jagħmel kemm għandhom jitħallsu dazji fuq dawk l-affarijiet li jiġu mpurtati minn pajjiżi li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Jedd u setgħa oħra meħudha mingħand l-Istati Membri u mogħtija lil istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Li rridu niftakru huwa li waqt li ħafna minn dawn il-jeddijiet diġa' jeżistu, issa qegħdin jiddaħħlu bħala parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex b'hekk ikunu fl-aqwa liġi li kull Stat jista' jkollu, u huwa għalhekk li ħadd ma jista' jibqalu l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali li jiġi kkonfermat bil-qbil, jekk ikun hemm, ta' din il-Kostituzzjoni.

**<u>Gwidi għall-Kummissjoni</u>**

**6. Fit-twettiq tad-dmirijiet mogħtija lilha taħt dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiġi ggwidata:**

**a) mill-bżonn li jiġi promoss il-kummerċ bejn Stati Membri u pajjiżi terzi;**

**b) minn żviluppi fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa fejn dawn iwasslu għal titjib fil-kompetittivita' ta' l-impriżi;**

**c) mill-bżonnijiet tal-Komunita' f'dak li huwa l-provvista ta' materja prima u prodotti nofshom maħduma, filwaqt li tassigura li l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' prodotti lesti ma jiġux distorti;**

**d) mill-bżonn li jiġu evitati disturbi serji fl-ekonomiji ta' l-Istati Membri u li jiġi assigurat żvilupp razzjonali ta' produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fl-Unjoni.**

Dawn huma kriterji li suppost għandha timxi fuqhom il-Kummissjoni meta tqis il-passi li għandha tieħu skond is-setgħat mogħtija lilha minn dan l-Artikolu, imma nnutaw li l-Allat foloz tal-kompetizzjoni u s-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel huma dejjem l-għanijiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif anki skond dan l-Artikolu kollox irid jimxi skond il-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u fl-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u t-tkabbir tal-konsum, għaliex inkella l-industrijalisti l-kbar ta' l-Unjoni Ewropea ma jkomplux iħaxxnu bwiethom.

Ixtri u kkonsma għaliex jekk ma tagħmilx hekk l-Unjoni Ewropea inqas tiġbor taxxi, speċjalment fuq il-konsum permezz tat-taxxa inġusta u immorali tal-VAT tagħha, li tinsewx għandha sehemha minn dak li jiġbor kull Stat Membru.

Innutaw ukoll kif jingħad li għandhom jiġu evitati disturbi serji fl-ekonomija ta' l-Istati Membri, imma dan ifisser li disturbi li ma jkunux serji jistgħu jsiru. Madankollu, ma jingħadx kif dawn id-disturbi jkunu meqjusa serji u minn min. Min taħsbu li jiddeċiedi kollox?

**Subsezzjoni 2**
**Koperazzjoni Doganali**

**ARTIKOLU III-152**

**Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu miżuri sabiex tissaħħah il-koperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri u bejnhom u l-Kummissjoni.**

**<u>Id-Dwana bil-Liġi Ewropea</u>**

Artikolu ieħor li jgħid kif għandhom jiġu magħmula miżuri biex titmexxa 'l quddiem l-għaqda doganali ta' l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, innutaw li m'għadhomx l-Istati Membri li jikkontrollaw x'għandu jidħol jew ma jidħolx fit-territorju tagħha, jew kemm iħallas biex jidħol, imma dan il-jedd u setgħa ttieħdu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Kontroll assolut mill-Istat Federali at' l-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri li ma jistgħu jagħmlu xejn ħlief jobdu sakemm jibqgħu membri tagħha.

Trid li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea?

**Subsezzjoni 3**
**Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi**

## ARTIKOLU III-153

**Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet u l-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti huma pprojbiti bejn l-Istati Membri.**

**Ma Jista' Jinżamm Xejn bejn l-Istati Membri**

Innutaw li l-ebda restrizzjoni bejn l-Istati Membri ma tista' issir, waqt li l-istess Unjoni Ewropea tordna l-kwoti ta' kemm kull Stat Membru jista' jimporta affarijiet minn pajjiżi li m'humiex membri tagħha.

Jista' jittieħed l-eżempju tal-banana, li l-Unjoni Ewropea timpurtaha f'daqqa, jew kif kien isir u jingħad hawn Malta bil-"**bulk buying**" jew "**bil-goff**" imbagħad toħroġ il-kwota ta' kemm kull Stat Membru jista' jmissu minn dak li tixtri.

Mela l-bulk buying mill-Gvern Malti kien ħażin u mill-Unjoni Ewropea tajjeb. Jistgħu jkunu **QARRIEQA u IPOKRITI** aktar minn hekk?

F'każi oħra, l-Unjoni Ewropea mhux biss tagħmel kwota lil kull Stat Membru, imma tordna wkoll kemm għandu jitħallas dazju u kemm għandhom jitħallsu levies, li rridu niftakru li jmorru għandha biex il-mexxejja u l-uffiċjali tagħha jkollhom minn fejn jixxalaw minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-154

**L-Artikolu III-153 m'għandux jippekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew merkanzija in transitu ġġustifikati mill-moralita' pubblika, l-ordni pubbliku jew is-sigurta' pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, ta' l-annimali jew tal-pjanti; il- protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjeta' industrijali u kummerċjali. Dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx, madanakollu, jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.**

**Eċċezzjonijiet**

Dak li qiegħed jagħmel dan l-Artikolu huwa li jaqta' barra l-applikazzjoni ta' l-Artikolu ta' qablu għal ċerti affarijiet kif jingħad fl-istess Artikolu, imma fl-istess ħin qiegħed jagħmilha ċara li ma tistax issir diskriminazzjoni jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Biex nieħdu eżempju, Stat Membru jista' ma jħallix li jiġu mpurtati u mibjuha armi għaliex jistgħu jipperikolaw is-sigurta pubblika. Jista wkoll ma jħallix ċerti affarijiet minħabba li jqis li dawn ikunu kontra l-moralita' pubblika, bħal ma huma pubblikazzjonijiet pornografiċi.

Madankollu, dawn għandhom ikunu japplikaw għall-Istati Membri kollha u mhux għal xi wieħed jew aktar partikolari, għaliex inkella mhux tassew li jkunu jipperikolaw is-sigurta' pubblika jew il-moralita' pubblika, imma jkunu biss mezzi biex ssir diskriminazzjoni ma' ċerti Stati Membri.

**ARTIKOLU III-155**

**1. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw kull monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċjali sabiex jassiguraw li l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet li taħthom tiġi prokurata u mqiegħda fis-suq il-merkanzija ma tkun teżisti bejn ċittadini ta' Stati Membri.**

**Dan l-Artikolu għandu japplika għal kull korp li permezz tiegħu Stat Membru, bil-liġi jew fil-fatt, direttament jew indirettament jissorvelja, jiddetermina jew jinfluwenza b'mod apprezzabbli importazzjonijiet jew esportazzjonijiet bejn Stati Membri. Għandu bl-istess mod japplika għal monopolji delegati mill-Istat lil oħrajn.**

<u>**Ta' l-Istat Bilfors bħal tal-Privat**</u>

Dan l-Artikolu qiegħed jordna li kull fejn jeżisti xi monopolju ta' l-Istat, dan il-monopolju m'għandux ikollu xi kundizzjonijiet differenti milli jkollhom dawk kollha li jimpurtaw jew jesportaw merkanzija bħalma jkollu dak il-monopolju lejn l-Istati Membri l-oħra.

Dan għandu japplika wkoll fejn hemm monopolji oħra li jkun ta' l-Istat lil xi korporazzjoni, bħal ngħidu aħna t-Telemalta, l-Enemalta, It-Tarznari u organizzazzjonijiet oħra bħal dawn.

Huwa għalhekk li l-Gvern kellu jneħħi l-monopolji li kellu jew li kien ta lil korporazzjonijiet, għaliex l-Unjoni Ewropea tordna li kollox għandu jgħaddi għand il-privat u ma jkun hemm xejn ta' l-Istat.

Dan mhux biss ifisser li l-Istat jitlef id-dħul li jkollu minn dawn il-monopolji u kumpaniji tiegħu, imma b'xi mod, permezz ta' iktar taxxi, jkun irid iġib dak id-dħul li jkun tilef minħabba l-privatizzazzjoni kif tordna l-Unjoni Ewropea.

Anki l-pensjonijiet qegħdin naraw li l-Unjoni Ewropea trid li jiġu privatizzati, biex il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u pensjonijiet jagħmlu qliegħ minn fuq il-ħlas li jkollhom jagħmlu l-ħaddiema.

Min-naħa l-oħra, nafu l-periklu li hemm li jekk il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jew pensjoni jfallu, kif kien hemm ħafna li fallew, il-ħaddiema mhux biss jispiċċaw mingħajr pensjoni, imma jitilfu dak kollu li jkunu ħallsu f'għomorhom kollu.

Tridu li nibqgħu sejrin f'din it-triq ta' rvina li tordna l-Unjoni Ewropea? Jekk le triq waħda hemm. Infittxu nitilqu l-lejla qabel għada mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u minn taħt il-ħakma imperjali, kolonjali u illegali tagħha fuq Malta, kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

<u>Xejn Miżuri mill-Istati Membri</u>

**2. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jontroduċu kwalunkwe miżura ġdida li hija kontra l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew li tirrestrinġi l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli li jittrattaw il-projbizzjoni ta' dazji doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi bejn Stati Membri.**

Dan is-subartikolu ma huwa xejn ħlief ordni oħra lill-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li permezz tagħha ma jistgħu jagħmlu xejn li bih jippruvaw jagħtu vantaġġ lill-monopolji tagħhom, jew għad-dazju li jkunu tilfu billi jagħmlu xi taxxi oħra jew restrizzjonijiet kwantitattivi, jiġifieri jagħmlu limitu ta' kemm affarijiet jitħallew jinġiebu minn Stati Membri oħra, għaliex dan ifixkel l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan bejn l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

<u>Salvagwardji Agrikoli</u>

**3. Jekk monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċali jkollu regoli li huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-valorizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jittieħdu passi sabiex jassiguraw salvagwardji ekwivalenti għal-impjieg u l-livell ta' l-għajxien tal-produtturi interessati.**

F'dan is-subartikolu jidher l-interess ta' Stati Membri li għandhom is-settur agrikolu kbir, u għalhekk jieħdu ħafna sussidji minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istat Membri l-oħra.

Ara għas-setturi l-oħra m'hemmx salvagwardji għall-impjiegi u l-livell ta' għixien tal-produtturi u l-ħaddiema, imma japplika biss il-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, jew aħjar li min jiflaħ l-aktar iħawwel.

## SEZZJONI 4
## KAPITAL U PAGAMENTI

### ARTIKOLU III-156

**Fil-qafas ta' din is-Sezzjoni, ir-restrizzjonijiet kemm fuq il-moviment ta' kapital kif ukoll fuq pagamenti bejn Stati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti.**

**L-Ebda Restrizzjoni fuq il-Moviment ta' Kapital**

Dan l-Artikolu qiegħed jipprovdi għall-qasam tal-kapital dak li pprovdew l-Artikoli l-oħra dwar il-ħaddiema, merkanzija u servizzi.

L-ebda restrizzjoni biex persuna tieħu kapital minn Stat Membru għand Stat Membru ieħor jew anki terzi pajjiżi ma jistgħu jsiru.

Dan ifisser li jekk il-ħaddiema jibdew jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom, ikun faċli biex il-kapitalisti jieħdu l-kapital tagħhom u jinvestuh f'pajjiżi oħra fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu esplojtati għaliex ma jkollhomx gvernijiet u liġijiet li jħarsu l-ħaddiema tagħhom.

Huwa għalhekk li ħafna fabbriki qegħdin jagħlqu u jitilqu mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u miljuni ta' ħaddiema Ewropej jispiċċaw bla xogħol, għaliex l-Unjoni Ewropea għamlitha faċli għall-kapitalisti li jieħdu l-kapital tagħhom u jmorru f'pajjiżi oħra fejn ikunu jistgħu jesplojtaw lill-ħaddiema.

Din diġa' qegħdin narawha hawn Malta u aktar narawha aktar ma ndumu taħt il-jasar illegali kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx ukoll li kif kien intqal, **hekk ordnat l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir**.

### ARTIKOLU III-157

**1. L-Artikolu III-156 ma jippreġudikax l-applikazzjoni għal pajjiżi terzi ta' kull restrizzjoni li kienet teżisti fil-31 ta' Diċembru 1993 taħt liġi nazzjonali jew ta' l-Unjoni adottata fir-rigward tal-moviment ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvi investiment dirett - inkluż investiment fil-proprjetà immobbli - stabbiliment, għoti ta' servizzi finanzjarji jew ammissjoni ta' titoli fis-swieq kapitali. Fejn għandhom x'jaqsmu restrizzjonijiet li jeżistu taħt il-liġi nazzjonali fl-Estonja u l-Ungerija, d-data in kwistjoni għandha tkun il-31 ta' Diċembru 1999.**

**L-Unjoni Tista' Tadotta Restrizzjonijiet**

Innutaw li waqt li l-Unjoni Ewropea tapplika l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, u dan japplika wkoll għas-setturi li diġa' rajna, bejn l-Istati Membri, fl-istess waqt, hija tista' tordna li jkun hemm restrizzjonijiet u dazji biex ifixklu l-moviment ħieles tal-merkanzija, servizzi, kapital u ħaddiema ma pajjiżi terzi.

Innutaw li jekk kien hemm xi liġi nazzjonali li kienet teżisti fil-31 ta' Diċembru 1993 u, għall-Estonja u l-Ungerija fil-31 ta' Dicembru 1999, li kienet tapplika xi restrizzjonijiet dwar pajjiżi terzi, din tista' tibqa' tiġi applikata.

**Moviment ta' Kapital b'Liġi Ewropea**

**2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha ddaħħal fis-seħħ miżuri fuq il-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvi investiment dirett - inkluż investiment fil-proprjeta' immobbli - stabbiliment, għoti ta' servizzi finanzjarji jew ammissjoni ta' titoli fis-swieq kapitali.**

**Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jippruvaw jiksbu l-għan ta' liberta' ta' moviment tal-kapital bejn Stati Membri u pajjiżi terzi fil-miżura l-iktar wiesa' possibbli u mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni.**

Innutaw kif anki dan is-subartikolu bħal ma jingħad f'Artikoli oħra, jipprovdi biex kollox isir b'liġijiet Ewropej, naturalment maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Kull ma jsir ifsser biss aktar telfien ta' jeddijiet u setgħat ta' l-Istati Membri.

Innutaw ukoll li minkejja dak li kien ingħad aktar qabel li liġijiet nazzjonali li kienu jirrestrinġu l-moviment ta' kapital lejn pajjiżi terzi setgħu jibqgħu fis-seħħ, issa qiegħed jingħad li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jippuvaw jiksbu l-għan tal-moviment ħieles tal-kapital l-aktar wiesa' mhux biss bejn l-Istati Membri, imma anki ma' pajjiżi terzi.

Fl-istess waqt, liġi Ewropea tista' tagħmel restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Dan isir għal mill-anqas żewġ raġunijiet. Waħda biex jekk l-Unjoni Ewropea tkun trid tkun tista' tordna bojkott jew tnaqqis ta' investiment lejn xi pajjiż jew pajjiżi bħal ma kien sar mal-Jugoslavja miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

L-oħra hija biex jekk ikun hemm kumpaniji jew ċittadini barranin li jkunu jridu jixtru kumpaniji ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jew jixtru proprjeta' immobbli, jiġifieri artijiet u djar, l-Unjoni Ewropea tkun tista' twaqqafhom milli jagħmlu dan jew tillimita kemm ikunu jistgħu jixtru.

Innutaw kemm il-mexxejja kolonjalisti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea huma **IPOKRITI** u arroganti, għaliex filwaqt li ma ħallewx lil Malta li tirregola hija x-xiri ta' proprjeta' minn ċittadini ta' Stati Membri oħra minħabba ċ-ċokon tagħna, hija tista' tordna wkoll permezz ta' liġi Ewropea li barranin li ma jkunux ċittadini minn Stati Membri imma minn terzi pajjiżi ma jkunux jistgħu jixtru proprjeta' kemm tkun iddeċiediet Malta.

X'sejrin jgħidu l-membri parlamentari tagħna li jafu li s-setgħa leġislattiva skond il-Kostituzzjoni tagħna tinsab għandhom u għand il-Parlament Malti u mhux għand l-Unjoni Ewropea u b'hekk liġi Ewropea tkun qiegħda tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta?

Ma jistgħux iġibu skuża li riedu jdaħħluha għaliex jekk ma jridux idaħħluha ma jistgħux għaliex taqbeż fuqhom l-Unjoni Ewropea.

Mela la jdaħħluha bilfors kienet imposta kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux għaliex kienet tassew taqbel għal Malta, għax.kien hemm ħtieġa tagħha u riedu jagħmluha minn jeddhom bħala rappreżentanti tal-poplu Malti.

**Kollox Deċiż mill-Unjoni**

**3. Minkejja l-paragrafu 2, għandha tkun biss liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill li tista' tistabbilixxi miżuri li jikkostitwixxu pass lura fid-dritt ta' l-Unjoni fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

Dan is-subartikolu qiegħed jipprovdi u jagħti jedd u setgħa lill-Kunsill tal-Ministri biex ikun jista' jmur lura minn dak li jkun sar ma pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital.

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jkun qiegħed ibati minħabba l-moviment ħieles tal-kapital minn u lejn pajjiż jew pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea ma jista' jieħu l-ebda miżuri biex inaqqas dak il-moviment ħieles.

Hija biss l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill li jrid jiddeċiedi unanimament li jista' jaġixxi billi jagħmel liġi Ewropea li permezz tal-miżuri tagħha treġġa lura xi ftit mil-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi.

Ara hawnhekk il-fatt li l-Kunsill jinħtieġ deċiżjoni unanima tista' taħdem kontra dak l-Istat Membru li jkun qiegħed iġarrab ħsarat, għaliex jekk ikun hemm Stati Membri oħra li jkunu qed imorru tajjeb jistgħu ma jaqblux li jsiru restrizzjonijiet.

Qegħdin taraw kemm kien hemm qerq u affarijiet moħbija li issa qegħdin joħorġu fil-beraħ permezz ta' din il-Kostituzzjoni li l-Unjoni Ewropea qegħda tipproponi?

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar kolonjali li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin li jridu jmexxu skond l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-158

**1. L-Artikolu III-156 m'għandux jippreġudika d-dritt ta' Stati Membri:**

**a) li japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi fiskali tagħhom li tagħmel distinzjoni bejn il-kontribwenti li ma jkunux fl-istess posizzjoni għar-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew għar-rigward tal-post fejn il-kapital tagħhom jkun investit;**

**b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu ksur ta' disposizzjonijiet nazzjonali stabbiliti b'liġi jew b'regolament, b'mod partikolari fil-qasam tat-taxxa u fil-kontroll prudenzjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew biex jistabbilixxu proċeduri għad-dikjarazzjoni ta' movimenti tal-kapital għal għanijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew statistika, jew biex jieħdu miżuri li huma ġustifikati fuq bażi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurta' pubblika.**

**Xi Eċċezzjonijiet**

Dan is-subartikolu qiegħed iħalli li Stati Membri japplikaw xi provvedimenti tal-liġi tat-taxxa tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam investimenti, kif ukoll dwar arranġamenti li jistgħu jagħmlu istituzzjonijiet finanzjarji, bħal ma huma banek, dwar kontrolli prudenzjali, jiġifieri biex jitħarsu l-investimenti, kif ukoll dwar dikjarazzjonijiet dwar movement ta' kapital u ġbir ta' statistika.

**Restrizzjonijet Skond il-Kostituzzjoni**

**2. Din is-Sezzjoni ma tippreġudikax l-applikabilita' ta' restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment li huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni.**

Jekk kien hemm min ħaseb li l-Istati Membri setgħu jagħmlu restrizzjonijiet kemm iridu biex b'xi mod ifixklu istituzzjonijiet barranin milli jkunu jistgħu jaħdmu bl-iktar mod ħieles f'pajjiżhom biex jiffavorixxu dawk tagħhom kienu sejrin żball, għaliex xi passi ta' restrizzjonijiet jistgħu jittieħdu biss jekk ikunu kompatibbli, jiġifieri jaqblu ma' din il-Kostituzzjoni kif jingħad fis-subartikolu 2.

Qegħdin taraw kif l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea taħkem b'id tal-ħadid fuq l-Istati Membri tagħha u ma tħalli l-ebda tieqa, rewwieħa u lanqas ventilatur minn fejn l-Istati Membri jkunu jistgħu b'xi mod jgħinu lil xi ħadd jew xi istituzzjoni tagħhom aktar milli dawk ta' Stati Membri oħra?

**L-Ebda Diskriminazzjoni jew Restrizzjoni Moħbija**

**3. Il-miżuri u l-proċeduri previsti fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq il-liberta' ta' moviment tal-kapital u l-pagamenti kif definit fl-Artikolu III-156.**

Jekk kien hemm l-iċken dubju dwar dak li għedna għas-subartikolu 2 jitneħħa minn dan is-subartikolu 3, għaliex huwa ċar daqs il-kristall li bl-ebda mod ma jistgħu jiġu ttrattati aħjar istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet nazzjonali minn dawk ta' Stati Membri oħra.

Biex nieħdu eżempju, l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn li bl-iskuża, bħala eżempju, biex jikkontrollaw jekk il-flus ikunux ġejjin minn xi attivita' kriminali, ixekklu l-moviment ħieles tal-kapital.

Fi kliem ieħor, il-kontrolli li jkunu jridu jagħmlu ma jkunux tassew biex jaraw jekk il-flus ikunux ġejjin minn attivita' kriminali, imma jkunu qegħdin jintużaw bi skuża biex ifixklu l-moviment ħieles tal-kapital u għalhekk ma jistgħux jagħmluhom.

**Restrizzjonijiet bil-Permess tal-Kunsill**

**4. Fin-nuqqas ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea prevista fl-Artikolu III-157(3), il-Kummissjoni jew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mit-talba ta' l-Istat Membru konċernat, il-Kunsill, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddikjara li miżuri restrittivi ta' taxxa adottati minn Stat**

**Membru li jikkonċernaw pajjiż terz jew aktar, għandhom ikunu kkunsidrati bħala li huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni sakemm ikunu gustifikati b'wieħed mill-għanijiet ta' l-Unjoni u kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq applikazzjoni minn Stat Membru.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor klassiku ta' kif l-Istat Federali jindaħal f'kollox u kif l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sejrin ikomplu jitilfu kull jedd bil-Kostituzzjoni li l-Unjoni Ewropea trid tgħaddi.

Innutaw kif issa Stat Membru lanqas ma jista' jagħmel xi liġi dwar taxxa li tapplika għal pajjiżi terzi li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea, jekk ikun hemm xi liġi Ewropea kif maħsuba fl-Artiklu ta' qabel dan.

Jekk ma jkunx hemm xi liġi Ewropea, biex jagħmilha jkun irid il-permess tal-Kunsill, u jingħata permess mhux biss jekk dik il-liġi tkun taqbel mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, mhux biss trid tkun ġustifikata b'wieħed mill-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, imma trid tkun kompatibbli, jiġifieri taqbel, mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Anki l-fatt ta' l-unanimita' f'dan il-każ jista' jfixkel u jkun ta' ħsara għal dak l-Istat Membru, għaliex jekk Stati Membri oħra jkunu sejrin tajjeb speċjalment jekk il-pajjiż terz ikun ex-kolonja tagħhom ma tantx hemm ċans li jivvutaw favur.

Jista' għalhekk xi ħadd f'sensih jibqa' jgħid li l-Istati Membri saħħew is-Sovranita' tagħhom għaliex saru membri ta' l-Unjoni Ewropea meta' lanqas liġi dwar taxxa li jkollha x'taqsam ma' pajjiż terz li ma jkunx membru ma jista' jagħmel jekk ma tkunx skond kif fissirna fil-paragrafi ta' qabel?

Jidher jew le li pass wara pass wara pass l-Unjoni Ewropea ħadet il-jeddijiet u s-setgħat kollha mingħand l-Istati Membri biex saret Stat Federali u l-Istati Membri tilfu l-jeddijiet u s-setgħat kollha biex ikollhom jedd li jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**?

Tridu li nibqgħu f'dan il-kolonjaliżmu u jasar modern li daħħluna fiħ il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx li jissejħa Maltin jew infittxu nitilqu l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

## ARTIKOLU III-159

**Meta, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-operazzjoni ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jdaħħlu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' pajjiżi terzi għal perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jekk dawn il-miżuri huma strettament meħtieġa. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**L-Unjoni Tista' Tieħu Miżuri**

Dan l-Artikolu jfisser aktar teħid ta' jeddijiet u setgħat mingħand l-Istat Membri li huma ma jistgħux jieħdu l-passi msemmija, waqt li-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jstgħu jeħduhom.

Dan ikompli juri kemm għall-Istat Federali ta' l-Unjon Ewropea il-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan huwa l-Alla falz tagħha u ma jimpurtahiex mill-konsegwenzi li dan iġib speċjalment għall-ħaddiema.

Innutaw ukoll li waqt li l-Unjoni Ewropea trid ukoll li jkun hemm moviment ħieles ta' kapital, jekk dan il-moviment lejn jew minn pajjiżi terzi tqisu li anki biss ikun jhedded li jikkawża diffikultajiet serji għall-operazzjoni ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill jista' jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija.

Issa tajjeb li niftakru li meta l-Gvern Malti kien għamel restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' kapital barra minn Malta, kienu qamu l-irwiefen kollha, kemm hawn Malta u anki saret kritika minn barra.

Imma ara issa għaliex dan qiegħda tgħid li tista' tagħmlu l-Unjoni Ewropea ħadd ma qal xejn, anzi ħafna **IPOKRITI** qegħdin jgħidu li din hija Kostituzzjoni tajba minkejja li tagħti lill-Unjoni Ewropea l-istess jeddijiet li kien jeżerċita' l-Gvern Malti meta' għamel restrizzjonijiet fuq il-ħruġ tal-kapital minn Malta.

Jista' jkun hemm **ĠUDIET** u **QUISLINGS** ta' l-Unjoni Ewropea li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin, ipokriti, wiċċhom mingħajr żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija aktar minn hekk?

**ARTIKOLU III-160**

**Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-257, fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet marbuta miegħu, il-liġi Ewropea għandha tiddefinixxi qafas għal miżuri amministrattivi fir-rigward ta' moviment ta' kapital u ta' pagamenti, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew qligħ ekonomiku li jappartjenu għal, jew li jkunu proprjeta' ta' jew miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, minn gruppi jew minn entitajiet mhux statali.**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti Ewropej jew deċiżjonijiet Ewropej sabiex jimplimenta l-liġi Ewropea prevista fl-ewwel paragrafu.**

**L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu d-disposizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.**

**Iffriżar ta' Kapital bl-Iskuża tat-Terroriżmu**

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropej magħmula mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-Kummissjoni qiegħda tifrex is-swaba tagħha anki fil-

kontroll tal-kapital bl-iskuża tat-terroriżmu, qasam li dejjem kien id-dominju ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Innutaw ukoll kif il-Kunsill tal-Ministri jingħad li "**għandu**", jiġifieri bilfors, u mhux "**jista**", fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej biex jimplimenta l-liġijiet imsemmija.

Għalfejn l-Unjoni Ewropea trid tindaħal fil-qasam kriminali meta kull Stat għandu l-liġijiet tiegħu li jikkontrollaw l-affarijiet imsemmija f'dan l-Artikolu waqt li huwa wkoll marbut li jagħmel dawk l-affarijiet jekk ikun ordnat biss mill-Ġnus Magħquda?

Dan qiegħed isir biss biex l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tkompli tieħu aktar jeddijiet u setgħat mingħand l-Istati Membri waqt li tordna dak li jridu jagħmlu l-Istati Membri minkejja li jista' ma jkunx fl-interess tagħhom li jagħmluh.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea tista', bl-iskuża tat-terroriżmu, tordna l-iffriżar ta' kontijiet bankarji ta' nies u organizzazzjonijiet barranin li jkunu fi Stat Membru, minkejja li ma jkun ġie ordnat xejn mill-Ġnus Magħquda.

Dan ifisser ukoll li Stat Membru li jkollu jobdi bilfors dawn l-ordnijiet mhux biss jintlaqat finanzjarjament, imma jista' jkun ukoll espost għal tpattija u terroriżmu minħabba l-passi li jkun ħa skond l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li l-Unjoni Ewropea qiegħda tindaħal minflok il-Ġnus Magħquda għaliex tkun tista' tordna li jsiru l-affarijiet imsemmija bl-iskuża tat-terroriżmu meta suppost li hija l-Ġnus Magħquda li għandha l-kompetenza li tagħmel dan.

Dan mhux biss ifisser li jista' jiġri wkoll li bħal ma ġara fil-każ tal-gwerra ta' l-Iraq li issa anki s-Segretarju tal-Ġnus Magħquda qal il kienet gwerra illegali, imma jesponi wkoll lill-Istati Membri għad-danni li jkunu kkaġunaw minħabba l-ordnijiet illegali ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif ma hemm l-ebda kriterji dwar min u kif jiġi deċiż jekk dak il-kapital ikunx ġej mit-terroriżmu, u għaldaqstant, sejra tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi dawn l-affarijiet meta suppost hija l-Ġnus Magħquda.

Fi kliem ieħor, hija l-Unjoni Ewropea minflok il-Ġnus Magħquda li qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa kollha biex jekk jidrilha li xi persuna jew xi istituzzjoni jkollha kapital li jkun ġej mit-terroriżmu tordna l-iffriżar ta' dak il-kapital.

Qegħdin taraw kif jekk toqgħodu taħsbu ftit tindunaw mhux biss kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tieħu l-jeddijiet u s-setgħat kollha mingħand l-Istati Membri, mhux biss qiegħda tipprova tieħu l-jeddijiet u s-setgħa mingħand il-Ġnus Magħquda, imma permezz tad-deċiżjonijiet tagħha tkun tista' twassal għal tpattija fuq xi Stat Membri.

Dak huwa dak li aħna esposti għalih minħabba s-sħubija tagħna fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Poplu Malti, hemm bżonn li nqumu waħda sewwa fuq tagħna, nibgħatu l-Unjoni Ewropea tixxejjer u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu minkejja dak li jistgħu jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

**SEZZJONI 5**
**REGOLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI**

**Subsezzjoni 1**
**Regoli li japplikaw għal impriżi**

**ARTIKOLU III-161**

**1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit fuq bażi ta' inkompatibbilta' mas-suq intern:**

**kull akkordju bejn impriżi, kull deċizjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u kull prattika miftiehma li jistgħu jolqtu il-kummerċ bejn Stati Membri u li għandhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni ta' kompetizzjoni fis-suq intern, u b'mod partikolari dawk li:**

**a) direttament jew indirettament jiffissaw prezzijiet ta' xiri jew ta' bejgħ jew xi kondizzjonijiet oħra ta' kummerċ;**

**b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-iżvilupp teknoloġiku, jew l-investiment;**

**ċ) iqassmu s-swieq jew l-għejjun ta' provvista;**

**d) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal operazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra fil-kummerċ, u b'hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;**

**e) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, m'għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.**

**2. Akkordji jew deċiżjonijiet pprojbiti skond dan l-Artikolu għandhom ikunu nulli u bla effett.**

**3. Il-paragrafu 1 jista' madanakollu, jiġi ddikjarat inapplikabbli fil-każ ta:**

**- kull akkordju jew kategorija ta' akkordji bejn impriżi;**

**- kull deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi;**

**- kull prattika miftiehma jew kategorija ta' prattiċi miftiehma,**

**li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' merkanzija jew għall-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku, waqt li jippermettu li l-konsumatur ikollu sehem ġust mill-benefiċċju li jirriżulta, u li:**

**a) ma jimponux fuq l-impriżi konċernati restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli biex jintlaĦqu dawn l-għanijiet;**

**b) ma jippermettux lil dawn l-intrapriżi l-possibilta' li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.**

**Att dwar il-Kompetizzjoni**

Dan l-Artikolu huwa ċar biżżejjed li ma jinħtieġx l-ebda tifsir, imma li rridu nfakkru huwa li dan l-Artikolu kien jeżisti qabel u kien ġie mdaħħal kważi kelma b'kelma fl-Att dwar il-Kompetizzjoni ta' Malta, ħafna żmien qabel ma sirna membri, għaliex kif kien intqal, **la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk**, u la konna qed nistennew biex insiru membri kellna ndaħħlu dawn il-provvedimenti anki qabel ma dħalna.

Madankollu, tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li għalkemm il-kliem "**impriża**" u "**intrapriża**" huma tajbin it-tnejn, għaliex waħda hija mnissla mit-Taljan "**impresa**" u l-oħra mill-Ingliż "**enterprise**", f'dan l-Artikolu jintużaw it-tnejn.

Dan ifisser li dawk li għamlu t-traduzzjoni lanqas biss qagħdu attenti biex għalmenu jużaw l-istess kelma fl-istess Artikolu, imma l-aqwa li tħallsu l-eluf kbar ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni bil-Malti. Anzi issa hdejn li kienet qabel ward u zgħar, għaliex jekk taraw kif qalbuha qabel iġġibu għajnejkom wara widnejkom.

## ARTIKOLU III-162

**Kull abbuż minn impriza waħda jew iktar ta' posizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu għandu jiġi pprojbit bħala inkompatibbli mas-suq intern sa fejn jista' jolqot l-kummerċ bejn Stati Membri.**

**Dan l-abbuż jista' b'mod partikolari, jikkonsisti f'li:**

**a) direttament jew indirettament jiġu imposti prezzijiet inġusti ta' xiri jew ta' bejgħ jew kondizzjonijiet inġusti oħrajn ta' kummerċ;**

**b) jiġu limitati l-produzzjoni, is-swieq jew l-iżvilupp tekniku b'mod li jippreġudika l-konsumaturi;**

**ċ) jiġu applikati kondizzjonijiet mhux simili għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet kummerċjali oħra, u b'hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;**

**d) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, m'għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.**

**Abbuż minn Pożizzjoni Dominanti**

Il-kummenti li għamilna għall-Artikolu ta' qabel jgħoddu wkoll għal dan l-Artikolu.

Waqt li l-Artikolu ta' qabel kien jittratta dwar ftehim bejn l-impriżi biex, bħala eżempju, jikkontrollaw il-prezzijiet tas-suq, dan l-Artikolu jittratta dwar abbuż minn kumpanija li tkun f'pożizzjoni dominanti, jiġifieri jkollha ħafna mis-suq tagħha.

Biex niftehmu aħjar, dik il-kumpanija tant ikollha bejgħ tal-prodotti tagħha fis-suq li tkun meqjusa bħala li hija tista' tikkontrollah u anki taqta' barra kompetituri tagħha.

L-Artikolu jiftiehem sewwa mingħajr ma hemm ħtieġa li noqgħodu nfissru aktar.

**ARTIKOLU III-163**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti Ewropej biex jagħti effett lill-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-161 u III-162. għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**Dawn ir-regolamenti Ewropej għandhom ikunu maħsuba b'mod partikolari:**

**a) biex jassiguraw il-ħarsien tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-161(1) u fl-Artikolu III-162 billi jipprovdu għal multi u pagamenti ta' penali għal dewmien;**

**b) biex jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-161(3), b'kont meħud tal-bżonn li tiġi assigurata sorveljanza effettiva min-naħa l-waħda, u biex tiġi simplifikata kemm jista' jkun l-amministrazzjoni, min-naħa l-oħra;**

**ċ) biex jiddefinixxu, jekk meħtieġ, fil-fergħat varji ta' l-ekonomija, il-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-161 u III-162;**

**d) biex jiddefinixxu r-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan is-subparagrafu;**

**e) biex jiddeterminaw ir-relazzjoni bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri min-naħa l-waħda, u din is-Subsezzjoni jew ir-regolamenti Ewropej adottati skond dan l-Artikolu min-naħa l-oħra.**

**Regolamenti mill-Kunsill**

Innutaw kif minkejja li Malta u Stati oħra daħħlu dawn l-Artikoli fil-liġijiet tagħhom, qiegħed jinżamm il-jedd u s-setgħa mill-Unjoni Ewropea li tagħmel regolamenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikoli ta' qabel.

Innutaw ukoll kif qiegħed jiddaħħal il-ħlas ta' multi u penali jekk ikun hemm dewmien ta' żmien, kif ukoll għall-fergħat ta' l-ekonomija li għalihom japplikaw l-Artikoli msemmija.

Mhux biss, imma x'għandu jsir mill-Kummissjoni u mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fl-applikazzjoni ta' dawn il-provvedimenti, kif ukoll ir-relazzjoni li għandu jkun hemm bejn dawn il-provvedimenti u regolamenti Ewropej u anki l-liġijiet ta' l-Istati Membri.

Kollox regolat mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzzjonijiet tagħha. Mhux biss dwar kif għandhom isiru r-regolamenti, imma anki l-multi li għandhom jitħallsu.

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali u li l-Kostituzzjoni tagħha sejra tkun biss konferma ta' dan?

## ARTIKOLU III-164

**Sal-bidu fis-seħħ tar-regolamenti Ewropej adottati skond l-Artikolu III-163, l-awtoritajiet fl-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-ammissibilta' ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma u dwar l-abbuż ta' posizzjoni dominanti fis-suq intern skond il-liġi nazzjonali tagħhom u l-Artikoli III-161, b'mod partikolari il-paragrafu 3, u l-Artikolu III-162.**

**<u>Aktar Regolamenti Ewropej</u>**

Innutaw kif huwa biss sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regolamenti Ewropej li l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jirregolaw l-affarijiet imsemmija.

Dan għaliex kif dejjem għedna, la darba l-Unjoni Ewropea tidħol f'xi qasam, dak il-qasam jispiċċa mingħand l-Istati Membri u tkun biss l-Unjoni Ewropea li tirregolah.

Barra minn hekk, il-liġijiet ta' l-Istati Membri diġa' huma skond ma ordnat l-Unjoni Ewropea permezz ta' diversi regolamenti tagħha u skond ma qatgħet kemm-il darba l-Qorti ta' l-istess l-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant, diġa' kollox f'dan il-qasam huwa regolat skond ma ddeċiediet l-istess Unjoni Ewropea.

Madankollu, dan ma jfissirx li m'għadx isiru regolamenti oħra, fejn il-kompetenza, jedd u setgħa biex tiddeċiedi dwar l-affarijiet imsemmija jngħataw esklussivament lill-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-165

**1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-162, il-Kummissjoni għandha tassigura l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-161 u III-162. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, u bil-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, li għandhom jagħtuha l-għajnuna tagħhom, il-Kummissjoni għandha tinvestiga kull ksur suspettat ta' dawn il-prinċipji. Jekk issib li kien hemm ksur, għandha tipproponi miżuri xierqa sabiex twaqqfu.**

**<u>Il-Kummissjoni Seqer fuq l-Istati Membri</u>**

Innutaw kif minkejja li xi r-regolamenti msemmija fl-Artikoli ta' qabel jistgħu jkunu għadhom ma sarux, madankollu l-prinċipji jridu jitħarsu xorta waħda, u l-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tinvestiga każi ta' suspett ta' ksur ta' dawn il-prinċipji.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll kif l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri huma marbuta li jagħtuha kull għajnuna li tkun tinħtieġ biex hija tkun tista' tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha dwar l-allegat ksur ta' dawn il-prinċipji.

Innutaw id-differenza bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom, għaliex waqt li r-relazzjonijiet normalment huma bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea, u l-gvern jordna lill-awtoritajiet biex jikkoperaw, hawnhekk għandna relazzjonijiet diretti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, fejn huma mistennija li jikkoperaw mal-Kummissjoni u ma joqgħodux jistennew l-ordnijiet mill-Gvern ta' l-Istat Membru.

Fi kliem ieħor, l-Istat Membru u l-Gvern ta' l-Istat Membru qiegħed jinqabeż u l-Kummissjoni tikkordina direttament ma' l-awtoritajiet kompetenti minflok mal-Gvern li jawtorizza l-koperazzjoni meħtieġa.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea xorta waħda qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa fuq l-Istati Membri tagħha u l-awtoritajiet tagħhom direttament li jridu mhux biss jagħmlu dak kollu ordnat minnhom, imma li l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha għandha s-setgħa fuqhom, għaliex dak li jfisser dan is-subartikolu.

Innutaw ukoll kif il-Kostituzzjoni qiegħda tħajjar lill-Istati Membri biex jispjunaw fuq xulxin, u l-Kummissjoni sejra tkun tista' bil-jedd u s-setgħa kollha tinvestiga dak li jidrilha għaliex ma tafdax lill-Istati Membri. Xejn aktar u xejn anqas.

Jista' jibqa' xi dubju li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss huwa aqwa u fuq l-Istati Membri, imma saħansitra l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri huma obbligati li jgħinu lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea anki meta' din tkun qiegħda tinvestiga affarijiet li jistgħu jolqtu ħażin lill-istess Stat Membru tagħhom?

**<u>Deċiżjoni Ewropea mill-Kummissjoni</u>**

**2. Jekk il-ksur previst fil-paragrafu 1 ma jieqafx, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni Ewropea motivata li tirreġistra l-ksur tal-prinċipji. Il-Kummissjoni tista' tippubblika d-deċiżjoni tagħha u tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa, li tagħhom għandha tiddetermina hi l-kondizzjonijiet u d-dettalji, biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.**

Kif jista' jkun hemm min jgħid li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għadhom sovrani meta jekk ma jimxux ma dak li tordna biċċa Kummissjoni li ma hija mtella mill-ebda ċittadin ta' xi Stat Membru tkun tista' tordna mhux biss lill-Istat Membru partikolari biex jieħu l-passi bil-kundizzjonijiet u dettalji li tordnalu hija kontra min tkun iddeċiediet li qiegħed jikser dawn il-prinċipji, imma anki Stati Membri oħra biex jieħdu passi anki kontra Stat Membru li ma jkunx mexa mad-deċiżjonijiet u l-ordnijiet tagħha?

**<u>Regolamenti mill-Kummissjoni</u>**

**3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej dwar il-kategoriji ta' akkordji li fir-rigward tagħhom il-Kunsill adotta regolament Ewropew skond l-Artikolu III-163, it-tieni paragrafu, (b).**

Subartikolu ieħor li jkompli jagħti aktar jeddijiet u setgħat lill-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea liema jeddijiet u setgħat jittieħdu mingħand l-Istati Membri.

Qegħdin taraw f'liema jasar kolonjali reġgħu daħħluna l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li jridu jżommuna fih bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea u li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin?

Meta tridu nitilqu u ħadd u xejn ma jista' jżommna għaliex għandna kull jedd u setgħa li nitilqu minn kull forma ta' kolonjaliżmu. Is-**SOVRANITA'** hija dejjem tal-poplu u f'idejn il-poplu u mhux ghand u f'idejn il-politiċi.

**ARTIKOLU III-166**

**1. Fil-każ ta' impriżi pubbliċi u impriżi li l-Istati Membri jagħtuhom drittijiet speċjali jew esklużivi, l-Istati Membri la għandhom jiddekretaw u lanqas iżommu fis-seħħ xi disposizzjoni kuntrarja ghall-Kostituzzjoni, b'mod partikolari l-Artikolu I-4(2) u l-Artikoli III-161 sa III-169.**

**<u>L-Ebda Kumpanija tal-Gvern kontra l-Kostituzzjoni</u>**

Qegħdin taraw għaliex il-Gvern kellu jilliberalizza kollox u għaliex kumpaniji bħat-Telemalta, l-Enemalta, Water Services Corporation, Tarznari, u kull kumpanija jew korporazzjoni kellha titqiegħed f'kompetizzjoni ma' kumpaniji oħra u jispiċċa s-sussidju kollu minkejja li mhux biss dawn kienu u għadhom jipprovdu servizzi essenzjali għall-poplu Malti u Għawdxi, imma anki dħul finanzjarju li minħabba fh kienu jistgħu jitnaqqsu t-taxxi?

Tinsewx li issa dawn il-kumpaniji u korporazzjonijiet ma jistax jibqalhom kuxjenza soċjali, għaliex iridu jaħdmu biss fuq il-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li jemmnu fih il-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li m'għandhom l-ebda kuxjenza soċjali.

Dawk li qegħdin jirċievu l-kontijiet u ma jistgħux iħallsuhom u qiegħed jinqatalhom id-dawl, l-ilma, it-telefon, u affarijiet oħra, li aktar 'il quddiem ikomplu jagħfsu fuq iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin issa ndunaw li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom qalbhom ħadra u ma għandhom l-ebda kuxjenza soċjali.

Issa tafu għaliex il-kontijiet tad-dawl elettriku, ilma u telefon għolew u splodew 'il fuq, għaliex l-Unjoni Ewropea ma tħallix li jingħata l-ebda sussidju.

Issa tafu għaliex il-petrol, pitrolju, diesel, dqiq, laħam, frott u l-prodotti l-oħra kollha qegħdin jogħlew u se jkomplu jisplodu 'l fuq.

Tajjeb ukoll li lil min jgħidilkom li z-zokkor qiegħed jiġi sussidjat u għalhekk għadu ma għoliex għidulu li l-ewwel nett aktar 'il quddiem sejjer jogħla ħafna, kif ukoll li s-sussidju qiegħdin inħallsuh aħna stess mit-taxxi tagħna u mhux l-Unjoni Ewropea.

Dan is-sussidju qegħdin inħallsuh biex il-produtturi taz-zokkor ta' l-Unjoni Ewropea jingħataw sussidju għaliex m'humiex kompetittivi, waqt li aħna m'għandna l-ebda produtturi taz-zokkor u ma nistgħux nimpurtaw zokkor mis-suq internazzjonali għaliex inkella xorta waħda jkollna nħallsu d-dazju u levies li jmorru għall-Unjoni Ewropea.

Ara għal dawn tajjeb is-sussidju, imma għall-bdiewa u l-industriji tagħna mhux tajjeb minkejja li ħafna ħaddiema tilfu u aktar sejrin jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

L-Unjoni Ewropea ma jimpurtahiex mit-tbatijiet li jkollhom jgħaddu minnhom il-ħaddiema u l-fqar. Jekk m'għandhomx minn fejn iħallsu jibqgħu mingħajr is-servizzi li llum huma meqjusa essenzjali.

Jekk il-ħaddiema u l-fqar m'għandhomx biex jixtru l-ikel u jħallsu l-ilma u d-dawl elettriku jibqgħu bil-ġuħ, bil-għatx u fid-dlam, għaliex l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti ħodor tagħha bil-qalb xierfa tagħhom huma mingħajr l-ebda kuxjenza.

**Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali**

**2. Impriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom il-karattru ta' monopolju fiskali għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet ma xxekkilx it-twettiq, bil-liġi jew fil-fatt, tad-dmirijiet partikolari mogħtija lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux jintlaqat sa dak il-limitu li jkun kuntrarju għall-interessi ta' l-Unjoni.**

Dan is-subartikolu jkompli ma dak ta' qablu, u juri kif dak li għedna dwar l-Enemalta, Telemalta, Water Services Corporation, korporazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet oħra huwa kollu minnhu.

**Il-Kummissjoni Argużin**

**3. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u għandha, meta meħtieġ, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej xierqa.**

Subartikolu li qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex mhux biss tagħmel kull regolament li tqis meħtieġ, imma tkompli taħkem u tkun bħall-argużin fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

## Subsezzjoni 2
## Għajnuniet mill-Istati Membri

## ARTIKOLU III-167

**1. Salv kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma li twassal ghal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija għandha, sa fejn tolqot l-kummerċ bejn Stati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.**

**Għajnuna mill-Istat Regolata mill-Unjoni**

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu għajnuna lill-kumpaniji biex jagħmlu investiment u jħaddmu jew ikomplu jħaddmu l-ħaddiema jekk fl-opinjoni ta' l-Unjoni Ewropea dawn ikunu qegħdin jgħawġu l-kompetizzjoni b'dik l-għajnuna?

Kif jistgħu Stati Membri u pajjiżi li għad għandhom l-industriji ġodda jikkompetu ma industriji ta' l-Istati Membri l-kbar li ilhom mijiet ta' snin jiżviluppaw u jieħdu l-għajnuna biex żviluppaw għal dak li għandhom u huma llum?

Barra minn hekk, illum hemm kompetizzjoni ħarxa minn pajjiżi oħra, speċjalment fl-Asja, fejn il-ħaddiema huma mħallsa bis-soldi u m'għandhom l-ebda jeddijiet bħal ma għandhom il-ħaddiema f'pajjiżi aktar żviluppati.

Huwa għalhekk li l-kumpaniji barranin telqu minn Malta u anki l-kumpaniji Maltin qegħdin jagħlqu u jitfgħu l-ħaddiema 'l barra, għaliex bil-kompetizzjoni kif inhija speċjalment minn ħaddiema fl-Asja u f'pajjiżi fejn il-ħaddiema huma mħallsa bis-soldi bilfors iridu l-għajnuna.

Huwa għalhekk ukoll li l-kumpaniji Ewropej kollha qegħdin jitilqu mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u jmorru f'pajjiżi ta' l-Asja fejn il-ħaddiema jitħallsu bis-soldi u jaħdmu daqs bgħula mingħajr l-ebda jeddijiet ta' xejn.

Dik hija l-Unjoni Ewropea li bil-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha qiegħda twassal biex miljuni ta' ħaddiema jitilfu xogħolhom u ħobżhom għaliex il-mexxejja tagħha bil-qalb ħadra u xierfa tagħhom m'għandhom l-ebda kuxjenza.

L-Unjoni Ewropea tħalli li tingħata xi għajnuna, imma din hija ftit, trid tingħata biss skond il-qies ordnat mill-Unjoni Ewropea, mhux lill-industrija kollha, u sakemm tħalli l-Unjoni Ewropea.

**Għajnuna Kompatibbli**

**2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern:**

**a) Għajnuna li jkollha karattru soċjali, mogħtija lil konsumaturi individwali, sakemm dik l-għajnuna tingħata mingħajr diskriminazzjoni relatata ma' l-oriġini tal-prodotti konċernati;**

Fi kliem ieħor, tista' tingħata xi ftit għajnuna sakemm dik tingħata lil konsumaturi individwali u mhux lil kumpaniji jew korporazzjonijiet, u sakemm dik l-għajnuna ma sservix biex, bħala eżempju jekk nieħdu lill-Malta, jinxtraw prodotti u servizzi Maltin minflok minn Stati Membri oħra.

Għajnuna bħal din ma tista' tingħata bl-ebda mod għaliex inkella tkun qiegħda ssir diskriminazzjoni ma prodotti bħalhom magħmula fi Stati Membri oħra.

Bħala eżempju, jekk il-Gvern minħabba sitwazzjoni ekonomika ħażina ħafna jagħti sussidju fuq it-tqieq, dan irid jingħata lill-konsumaturi mhux biss fuq dqieq magħmul mill-produtturi Maltin imma jrid jingħata wkoll fuq dqieq impurtat minn Stati Membri oħra biex b'hekk ma ssir l-ebda diskriminazzjoni mal-produtturi tagħhom.

## Dizastri Naturali u Ġrajjiet Eċċezzjonali

**b) Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali;**

Hekk jonqos issa wkoll, li l-poplu jkun sofra minn diżastru naturali, bħal ma ġara Birkirkara u Ħal-Qormi bix-xita li għamlet, u ma jingħatax għajnuna biex itaffu l-ħsarat u t-tbatijiet li jkunu ġarrbu.

U x'inhuma ġrajjiet eċċezzjonali, għaliex imkien ma jingħad x'inhuma jew x'jista' jitqies bħala ġrajja eċċezzjonali. Ma jingħadx x'inhuma apposta ħalli tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi jekk dik il-ġrajja kienitx eċċezzjonali jew le u jekk iċ-ċittadini għandhomx jingħataw għajnuna jew le.

## Għajnuna Speċjali għall-Ġermanja

**ċ) Għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja milquta mid-divizjoni tal-Ġermanja, sa fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex tikkumpensa għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati minn dik id-divizjoni. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tħassar dan il-punt.**

Tajjeb hekk hux tassew. Il-Ġermanja li hija l-aktar Stat Membru industrijalizzat u fuq quddiem ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss tingħata għajnuna speċjali, imma saħansitra din l-għajnuna tiddaħħal ukoll fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Waqt li huwa veru li l-Ġermanja tal-Lvant kienet tinħtieġ għajnuna bħal ma wara kollox jinħtieġu Stati Membri oħra, imma issa ilha erbatax-il sena li ingħaqdet mal-Ġermanja tal-Punent biex reġgħet saret Ġermanja waħda, u għalhekk spiċċat l-iskuża ta' l-effetti tal-qasma tal-Ġermanja. La saru Ġermanja waħda, la baqa' Ġermanja tal-Punent u lanqas tal-Lvant, mhux hekk?

Qegħdin taraw kif fejn iridu dejjem jinstabu skużi biex ikomplu jħallu lil min iridu jingħata għajnuna? Ara lil Malta ma ħallewx li tkompli tingħata għajnuna kemm neħtieġu minkejja l-problemi kbar li għandna.

**<u>Għajnuna li tista' Tingħata</u>**

**3. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern:**

**a) għajnuna biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għajxien hu baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm nuqqas serju ta' impjiegi, u ta' reġjuni previsti fl-Artikolu III-424, minħabba s-sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali tagħhom;**

**b) għajnuna biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' progett importanti ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja disturbi serji fl-ekonomija ta' Stat Membru;**

**ċ) għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ tant li jkollha effett kuntrarju għall-interess komuni;**

**d) għajnuna biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx kondizzjonijiet ta' kummerċ u kompetizzjoni fl-Unjoni tant li jkollha effett kuntrarju għall-interess komuni;**

**e) kategoriji oħra ta' għajnuna bħal dawn li jistgħu jiġu speċifikati minn regolamenti jew minn deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Kummissjoni.**

Innutaw kif minkejja li jingħad li tista' tingħata xi għajnuna kif imsemmija mis-subartikolu 3, l-istess subartikolu jagħmilha ċara li din l-għajnuna ma tistax taffettwa l-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni, lanqas jekk din tkun biex tmexxi 'l quddiem il-kultura u l-ħarsien tal-patrimonju nazzjonali.

L-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan jikkmanda kollox u f'kull ħaġa mingħajr l-ebda rispett.

Madankollu, jekk taħsbu li l-Istat jista' jaqbad u jagħti għajnuna kemm irid għar-raġunijiet imsemmija qegħdin taħsbu ħażin, għaliex hemm diversi linji gwida dwar kif, kemm, għalkemm żmien, liema industriji jew setturi, reġjuni, għal-liema raġunijiet, u ħafna dettalji oħra li wieħed isibhom fil-linji gwida.

Għaldaqstant, illum diġa' kulħadd qiegħed jinduna, u aktar 'il quddiem aktar kulħadd ikompli jinduna, kemm Malta ma tistax tibqa' tagħti għajnuna li kienet tagħti qabel biex iġġib u żżomm l-industriji hawn Malta.

Tinsewx li għall-Unjoni Ewropea, l-ewwel u qabel kollox jiġi l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li huwa l-aqwa prinċipju tagħha.

## ARTIKOLU III-168

**1. Il-Kummissjoni, f'operazzjoni ma' Stati Membri, għandha żżomm taħt eżami kostanti s-sistemi tagħhom ta' għajnuna li jeżistu f'dawn l-Istati. Għandha tipproponilhom kull miżura xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tas-suq intern.**

**Il-Kummissjoni Għassa fuq l-Għajnuna**

Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa, anzi qiegħda tiġi obbligata li trid iżżomm il-ħin kollha għajnejha fuq kull għajnuna li jkunu qegħdin jagħtu l-Istati Membri, u dan dejjem fil-limiti u l-qies permess, u tieħu l-miżuri li jidrilha xierqa biex il-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ma jiġix affettwat mill-iżviluppi li jkun hemm.

Dak li jingħad li hija tipproponilhom kull miżura xierqa tfisser li l-ewwel tagħmel il-proposti tagħha u jekk ma jagħmluhomx imbaghad tordnalhom jagħmluhom jew jibdew jitwaħħlu l-multi.

**Il-Kummissjoni Tieħu Kull Deċiżjoni**

**2. Jekk, wara li tagħti notifika lill-partijiet konċernati sabiex dawn jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern b'qies għall-Artikolu III-167, jew li din l-għajnuna qed tiġi użata ħażin, għandha tadotta deċiżjoni Ewropea li tirrikjedi lill-Istat Membru konċernat jabolixxi jew ibiddel din l-għajnuna f'terminu ta' żmien li għandu jiġi determinat mill-Kummissjoni.**

Innutaw kif il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tordna lil kull Stat Membru biex ibiddel jew jieqaf milli jagħti xi għajnuna li jkun qiegħed jagħti, u dan skond ma tiddeċiedi l-istess Kummissjoni.

Jekk l-Istat Membru ma jobdix hemm il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u l-ġbir lura ta' l-għajnuna mogħtija bl-imgħaxijiet skond ir-rata stabbilita mill-istess Unjoni Ewropea kull tant żmien minn meta tkun ingħatat l-għajnuna sakemm tinġabar kollha lura, anki jekk mingħand min tinġabar lura jfalli u jitfa' lill-ħaddiema kollha 'l barra.

**L-Istati Membri Jittellgħu l-Qorti**

Ikompli jingħad li,
**Jekk l-Istat Membru konċernat ma jħarisx din id-deċiżjoni Ewropea fiż-żmien preskritt, il-Kummissjoni jew kull Stat Membru ieħor interessat jistgħu, b'deroga mill-Artikoli III-360 u III-361, jirreferu l-kwistjoni direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

Fi kliem ieħor, mhux biss il-Kummissjoni tista' tieħu l-Qorti tagħha stess, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea li nafu li l-lealta tagħha hija lejn l-Unjoni Ewropea lil Stat Membru li ma jobdix l-ordni tagħha, imma qiegħda ġġelled lill-Istati Membri bejniethom stess billi Stat Membru ieħor jista' jibgħat il-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk, minflok ma l-Istati Membri jiftehemu kif għandhom jgħinu lill-industriji tagħhom biex jikkompetu mal-kumplament tad-dinja, huma jiġu mħeġġa mill-istess Unjoni Ewropea biex jieħdu passi kontra xulxin.

Qegħdin taraw kif il-mexxejja ħodor, mingħajr qalb u mingħajr kuxjenza ta’ l-Unjoni Ewropea jaħdmu biex iġelldu lill-Istati Membri bejniethom għaliex kif jgħid il-qawl, “**fi ġlieda bejn tnejn jirbaħ it-tielet wieħed**”? Jiġġieldu l-Istati Membri bejniethom u tirbaħ l-Unjoni Ewropea.

**<u>L-Istati Membri Jittallbu</u>**

**Fuq applikazzjoni magħmula minn Stat Membru, il-Kunsill jista’ jadotta b’mod unanimu deċiżjoni Ewropea li dik l-għajnuna li dak l-Istat qed jagħti jew għandu l-intenzjoni li jagħti għandha tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, b’deroga mill-Artikolu III-167 jew mir-regolamenti Ewropej previsti fl-Artikolu III-169, jekk din id-deċiżjoni tkun ġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali. Jekk, fir-rigward ta’ l-għajnuna in kwistjoni, il-Kummissjoni tkun diga’ bdiet il-proċedura prevista fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, il-fatt li l-Istat Membru konċernat ikun għamel l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill għandu l-effett li jissospendi dik il-proċedura sakemm il-Kunsill ikun għarraf il-posizzjoni tiegħu.**

**Jekk, madanakollu, il-Kunsill ma jkunx ħa l-posizzjoni tiegħu fi żmien tliet xhur minn meta tkun saret l-applikazzjoni msemmija, l-Kummissjoni għandha taġixxi.**

Din il-parti ta’ dan is-subartikolu hija tassew interessanti għaliex turina affarijiet differenti.

Min-naħa, turina kif il-Kunsill tal-Ministri li huwa istituzzjoni oħra ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li jgħid jekk dik l-għajnuna li tkun qiegħda tingħata minn xi Stat Membru tkunx taqbel mas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan jew le.

Min-naħa l-oħra turina li Stat Membru jrid jinforma lill-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea qabel huwa jagħti xi għajnuna biex din tara jekk dik l-għajnuna tkunx taqbel mas-suq intern jew, fi kliem ieħor, tkunx taqbel mal-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li huwa l-Alla falz ta’ l-Unjoni Ewropea.

Naraw ukoll li biex tingħata din l-għajnuna, il-Kunsill irid ikun qies li dik l-għajnuna mhux biss tkun meħtieġa minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, u għalhekk huwa l-Kunsill li jiddeċiedi jekk hemmx u x’inhuma dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, imma huwa ċar li jekk ma jkunx hemm dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kif jiddeċiedi l-Kunsill l-għajnuna ma tkunx tista’ tingħata.

Ma rridux ninsew lanqas li kif rajna aktar qabel, minkejja li l-Kunsill tal-Ministri huwa magħmul minn Ministri ta’ l-Istati Membri, il-lealta’ tal-Kunsill u tal-Ministri hija lejn l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri saru lsiera ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha u ma jistgħu jagħmlu xejn jekk ma jkollhomx il-permess ta’ l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha?

Hawnhekk ukoll qiegħda tingħalaq tieqa jew ventilatur li Stati Membri setgħu jużaw biex jilħqu jagħtu xi għajnuna jew jippruvaw iġibu l-qbil tal-Kunsill tal-Ministri u b'hekk jaqbżu l-Kummissjoni.

Dan għaliex jekk il-Kummissjoni kienet tibda' proċeduri biex twaqqaf xi għajnuna li jkun qiegħed jagħti xi Stat Membru, dak l-Istat Membru kien iressaq applikazzjoni quddiem il-Kunsill tal-Ministri biex jipprova jġib il-qbil tagħhom.

Madankollu, jekk il-Kunsill tal-Ministri jdum aktar minn tliet xhur ma jieħu deċiżjoni, il-Kummissjoni li tkun bdiet il-proċeduri u tkun waqqfithom qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tkompli l-proċeduri li tkun bdiet kontra dak l-Istat Membru.

<u>**L-Ebda Għajnuna Qabel il-Permess mill-Kummissjoni**</u>

**3. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata mill-Istati Membri, fi żmien biżżejjed biex jippermettilha tissottometti l-kummenti tagħha, b'kull pjan għall-għoti jew it-tibdil ta' l-għajnuna. Jekk tikkunsidra li proġett bħal dan ma jkunx kompatibbli mas-suq intern skond it-termini ta' l-Artikolu III-167, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istat Membru konċernat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-mizuri proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali.**

Minn dan is-subartikolu kulħadd jista' jinduna li qabel ma xi Stat Membru jagħti xi għajnuna lil xi settur ta' l-ekonomija tiegħu, dak l-Istat Membru jrid jinforma lil-Kummissjoni minn żmien qabel biex il-Kummissjoni tkun tista' tara jekk dik l-għajnuna tkunx tista' tingħata u jekk tkunx taqbel mal-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk dak l-Istat Membru jara li jekk iddum ma tingħata l-għajnuna jkollu kumpaniji li sejrin ifallu u jkollu problema kbira ta' nuqqas ta' xogħol għaliex il-ħaddiema jintefgħu 'l barra, u jfettillu jibda' jagħti l-għajnuna qabel ma tagħtih permess il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni mhux biss tista tordnalu li jieqaf, imma jekk tiddeċiedi li dik l-għajnuna ma tistax tingħata, **huwa jkun irid jiġbor dik l-għajnuna lura bl-imgħaxijiet skond ir-rati ppubblikati kull sitt xhur mill-Unjoni Ewropea u minn meta' ingħatat dik l-għajnuna sakemm tinġabar**.

L-istess isir jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li dik l-għajnuna li jkun ta dak l-Istat Membru ma tkunx taqbel mal-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha, u kull min ikun irċieva xi għajnuna **jkollu jagħtiha lura bl-imgħaxijiet minn meta jkun ingħata dik l-għajnuna sakemm jagħtiha kollha lura anki jekk ifalli u jitfa' l-ħaddiema kollha 'l barra.**

Qegħdin taraw kemm l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea taħkem b'id tal-ħadid fuq l-Istati membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom u kemm l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn jekk mhux bil-permess ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja ħodor, ta' qalb xierfa u mingħajr kuxjenza tagħha?

**Għajnuna bir-Regolamenti tal-Kummissjoni**

**4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej dwar il-kategoriji ta' għajnuna mill-Istat li l-Kunsill, skond l-Artikolu III-169, ikun iddetermina li jistgħu jiġu eżentati mill-proċedura prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.**

Setgħa oħra mogħtija lill-Kumissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħmel regolamenti fuq dak li jkun iddeċieda l-Kunsill tal-Ministri dwar xi għajnuna jew kategoriji ta' għajnuna li tkun tista' tingħata u li ma jkunx hemm għalfejn tgħaddi mill-proċedura msemmija fil-paragrafu, jew aħjar subartikolu 3.

Fi kliem ieħor, ikunu għajnuniet żgħar li ma jħallux effett fuq is-suq ħieles, jew l-effett tant ikun żgħir li jista' ma jingħatax kasu.

Għaldaqstant, għajnuna żgħira bħal din titħalla li tingħata mingħajr ma toqgħod tiġi notifikata lill-Kummissjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet u żamma ta' reġistri għal żmien twil, normalment għal 10 snin minn meta tkun ingħatat l-aħħar għajnuna, biex il-Kummissjoni tkun tista' tara li kollox ikun sar skond ir-regolamenti tagħha.

Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni tista' tiġi tinvestiga għajnuna li tkun ingħatat sa għaxar snin qabel biex tara jekk ikunx uinkiser xi regolament biex tieħu passi kontra dak il-ksur.

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fih il-**ĠUDIET** li ttradewna u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin li lesti jżommuna fl-Unjoni Ewropea u jmexxu skond ma jordnawlhom il-mexxejja kolonjalisti ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-169

**Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-167 u III-168 u għad-determinazzjoni b'mod partikolari tal-kondizzjonijiet li taħthom l-Artikolu III-168(3) għandu japplika u l-kategoriji ta' għajnuna eżentati mill-proċedura prevista f'dak il-paragrafu. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**Regolamenti Ewropej mill-Kunsill**

Xejn kummenti ħlief li dan l-Artikolu qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa biex isiru r-regolamenti meħtieġa biex tkun tista' tingħata l-għajnuna msemmija f'dawk l-Artikoli flimkien mal-kundizzjonijiet li tista' tingħata taħthom.

Dawn m'hemmx l-iċken dubju li huma aktar jeddijiet u setgħat mogħtija lill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li qabel kienu ta' l-Istati Membri skond il-liġi internazzjonali meta kienu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**.

## SEZZJONI 6
## DISPOSIZZJONIJIET FISKALI

## ARTIKOLU III-170

**1. Ebda Stat Membru m'għandu jimponi, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' kwalunkwe tip ogħla minn dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti domestiċi simili.**

**Barra minn hekk, ebda Stat Membru m'għandu jimponi fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' dan it-tip li tagħti protezzjoni indiretta lil prodotti oħra.**

**<u>Ebda Taxxa fuq Prodotti minn Stati Membri Oħra</u>**

Fi kliem ieħor, l-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel xi taxxa fuq prodotti li jiġi minn Stati Membri oħra aktar milli jħallsu l-istess prodotti maħduma f'dak l-istess Stat Membru.

Huwa għalhekk li l-gvern kellu jdaħħal it-taxxa tal-VAT u taxxi oħra fuq prodotti Maltin u Għawdxin, għaliex ma setgħax jintaxxa prodotti bħalhom li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra jekk ma jintaxxax bl-istess mod u qies il-prodotti Maltin u Għawdxin.

Jekk jitqies li l-prodotti Maltin u Għawdxin ikollhom aktar spejjeż minħabba li anki l-materja prima trid tinġieb minn barra waqt li ħafna Stati Membri oħra għandhom il-materja prima huma stess, tidher l-inġustizzja għaliex dan il-fatt ma jitqiesx meta jiġu mposti t-taxxa skond l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma minħabba li l-prodotti Maltin jiġu għaljin aktar, it-taxxa ingusta u immorali tal-VAT fuqhom tkun akbar u aktar jikber is-sehem ta' l-Unjoni Ewropea minnha u għalhekk aktar jaqblilha.

L-istess jista' jingħad għal meta jiġu esportati, għaliex waqt li Stati Membri oħra sempliċiment jibgħatuhom bit-trakkijiet jew bil-ferrovija, aħna bilfors irridu nibgħatuhom bil-baħar jew bl-ajru bi spejjeż akbar.

Kif jistgħu jkunu kompetittivi l-prodotti Maltin u Għawdxin jekk il-kumpaniji ma jingħatawx xi forma ta' għajnuna jew jekk ma jitħallewx li jġibu l-materja prima min pajjiżi fejn din hija orħos milli hija mingħand l-Istati Membri l-oħra mingħajr ma jħallsu d-dazji u levies ordnati mill-Unjoni Ewropea?

Mhux ta' b'xejn li l-fabbriki f'Malta u Għawdex qegħdin jagħlqu kollha u jibgħatu l-ħaddiema 'l barra għaliex ma jistgħux ilaħħqu ma l-ispejjeż u t-taxxi mposti minħabba l-Unjoni Ewropea.

Imma għal-Unjoni Ewropea ma jimpurtax li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom. L-aqwa li l-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha jibqa' mingħajr ma jittiefes.

Barra minn hekk, it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT hija ordnata bilfors mill-Unjoni Ewropea għaliex hija għandha sehemha minnha. Katar ma tkun kbira aktar iddaħħal.

**Differenza fit-Taxxi**

**2. Meta jiġu esportati prodotti minn Stat Membru lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, kull ħlas lura ta' tassazzjoni indiretta m'għandux jeċċedi t-tassazzjoni interna imposta fuqhom kemm direttament u kemm indirettament.**

Dak li qiegħed jingħad hawnhekk huwa li t-taxxi msemmija ma jistgħux jingħataw lura aktar mit-taxxi mposti fuqhom f'dak l-Istat Membru għaliex b'hekk ikunu qegħdin jingħataw għajnuna l-prodotturi.

B'hekk ikunu jistgħu jbiegħu l-prodotti tagħhom b'irħas u għall-Unjoni Ewropea dan ikun ifisser kompetizzjoni inġusta u tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha.

Ara hawnhekk ma jingħatax każ li, kif għedna qabel, il-produtturi Maltin għandhom aktar spejjeż biex iġibu l-materja prima u jibgħatu lura l-prodotti lesti milli għandhom il-produtturi fuq il-kontinent li jistgħu iġorru l-materja prima u l-prodotti mingħajr ma jkolhom jużaw it-trasport bil-baħar jew bl-ajru bħal ma jkollhom jagħmlu l-produtturi Maltin.

**Bil-Permess tal-Kunsill fuq Proposta tal-Kummissjoni**

**3. Fil-każ ta' piżijiet li ma humiex taxxi fuq il-valur tal-bejgħ, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta, remissjonijiet u rimborsi fir-rigward ta' esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra ma jistgħux jingħataw u piżijiet kompensatorji fir-rigward ta' importazzjonijiet minn Stati Membri ma jistgħux jiġu mposti sakemm id-disposizzjonijiet kontemplati ma jkunux ġew approvati minn qabel għal perijodu limitat minn deċiżjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.**

Dan ifisser ma jista' jingħata xejn lura mit-taxxa inġusta u immorali tal-VAT, sisa u taxxi oħra indiretti, meta l-affarijiet jiġu esportati lejn Stati Membri oħra.

Lanqas ma jistgħu jiġu mposti xi taxxi kompensatorji, jiġifieri li jikkumpensaw għal xi differenzi li jista' jkun hemm fit-taxxi bejn Stati Membri differenti jekk ma jkunx hemm permess mill-Kummissjoni.

Jekk min-naħa l-oħra jkun intalab il-permess tal-Kummissjoni li fuq proposta tagħha jkun qabel il-Kunsill tal-Ministri, dan il-permess jista' jingħata imma biss għal żmien limitat u r-remissjonijiet u rimborsi msemmija ma jkunux jistgħu jingħataw lura qabel ma jkun hemm dan il-permess.

Kif tistgħu taraw, l-Istat Membri ma jistgħu jagħmlu xejn jekk qabel ma jkollhomx il-permess ta' xi istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-171

**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ, id-dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta sakemm din l-armonizzazzjoni hija meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Armonizzazzjoni tat-Taxxi**

Jedd u setgħa oħra meħuda mingħand l-Istati Membri u mogħtija lill-Kunsill tal-Ministri li huwa istituzzjoni oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif dan l-Artikli qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill li tagħmel liġijiet Ewropej biex permezz tagħhom il-liġijiet kollha ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa tal-VAT, dazji, sisa u kull forma oħra ta' taxxa jiġu armonizzati, dejjem bl-iskuża ta' l-Allat foloz tal-kompetizzjoni u tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha.

Fi kliem ieħor, il-liġijiet kollha tat-taxxi fl-Istati Membri jsiru jaqblu ma xulxin u minkejja li jista' jkollhom kliem differenti, fil-fatt il-livell jew ħlas tat-taxxa jkun l-istess fl-Istati Membri kollha.

Dan ifisser ukoll li minkejja li hawn Malta jkollna pagi ħafna anqas milli jkollhom ħaddiema f'pajjiżi oħra, jekk l-Unjoni Ewropea tordna li għandha titħallas VAT ta' 25%, anki aħna hawn Malta jkollna nħallsu VAT ta' 25%. L-istess jgħodd għal-taxxi oħra, fosthom l-inome tax jew it-taxxa tad-dħul u kull taxxa oħra

Għad hawn xi **ĠUDA** u xi **QUISLING** li jgħid li l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx fit-taxxi?

Min kienu dawk ir-rappreżentanti Maltin li marru għal-laqgħat tal-Konvenzjoni dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li qablu ma ħniżrijiet bħal dawn u oħrajn li nsibu f'din il-Kostituzzjoni?

Hekk ikun il-qerq u l-gideb ta' dawk il-**ĠUDIET** li riedu jqarrqu bil-poplu Malti u Għawdxi biex jisirqulu l-vot tiegħu ħalli jilħqu l-għan moqżież tagħhom li jerġgħu jġibu lil Malta kolonja tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u lill-poplu Malti lsir tagħha.

L-istess jingħad u japplika għal dawk il-**QUISLINGS** li lesti jmexxu hawn Malta skond l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li jkunu ta' ħsara u jaħqru lill-poplu Malti.

## SEZZJONI 7
## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

## ARTIKOLU III-172

**1. Minbarra fejn hu previst mod ieħor fil-Kostituzzjoni, dan l-Artikolu għandu japplika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-130. Liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu miżuri għall-approssimazzjoni tad-disposizzjonjiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal disposizzjonijiet fiskali, għal dawk dwar il-moviment liberu ta' persuni jew għal dawk dwar id-drittijiet u l-interessi ta' persuni impjegati.**

**<u>Liġijiet Ewropej għas-Suq Intern</u>**

L-Artikolu msemmi huwa dwar is-suq intern, fejn l-Unjoni Ewropea tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel dak kollu meħtieġ biex jintlaħaq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tagħmel liġijiet Ewropej biex iqarrbu l-liġijiet, regolamenti u l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, il-mexxejja mingħajr qalb u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea sejrin ikunu jistgħu jagħmlu dak kollu li jridu bl-iskuża li dak li qegħdin jagħmlu huwa meħtieġ biex jintlaħaq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Dak huwa li tfisser din il-parti ta' dan l-Artikolu. Xejn aktar u xejn anqas.

Barra minn hekk, innutaw kif m'għadhomx l-Istati Membri li jagħmlu l-liġijiet kif jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom, imma hija l-Unjoni Ewropea li tordna x'għandhom jagħmlu għall-vantaġġi tagħha u l-funzjonament tas-suq bejn l-Istati Membri, għaliex dak huwa li jfisser is-suq intern.

**<u>Kriterji</u>**

**3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha sottomessi taħt il-paragrafu 1 li jikkonċernaw is-saħħa, s-sigurta' il-protezzjoni ambjentali u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala l-bażi tagħha livell għoli ta' protezzjoni, b'mod partikolari b'kont meħud ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan il-għan.**

Għalkemm ma naqblux mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex din tissottometti lill-Kostituzzjoni tagħna għaliha u hija l-aħħar pass fit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, dan huwa subartikolu li ma jistax jingħad li għandu xi għanijiet ħżiena, għaliex jipprova jħares l-ambjent.

Madankollu, aktar kienet titwemmen li l-Unjoni Ewropea għandha l-ambjent għal qalbha u trid tħarsu, u aktar kien ikun tajjeb li, bħala eżempju, ma jitħallewx jintużaw

fliexken u affarijiet oħra tal-plastik milli tħallihom jintużaw, inittnu l-ambjent, u tintaxxa liċ-ċittadini talli jkollhom jużawhom għaliex ma jkollhomx għażla.

Qegħdin taraw kif il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tindaħal u tiddeċiedi dak li jkunu jridu l-mexxejja ta' qalb xierfa u ħadra u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea fl-oqsma kollha msemmija minkejja li l-eżempju li semmejna juri li l-Unjoni Ewropea mhux tassew għandha għal qalbha l-ambjent?

**Erġajna bl-Armonizzazzjoni**

**4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea jew permezz ta' regolament Ewropew tal-Kummissjoni, Stat Membru jqis li hu meħtieġ li jżomm fis-seħħ disposizzjonijiet nazzjonali ġustifikati b'esigenzi importanti previsti fl-Artikolu III-154, jew li jirrelataw għall-protezzjoni ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll bir-ragunijiet li għalihom għandhom jinżammu.**

Innutaw li tissemma armonizzazzjoni permezz ta' liġi Ewropea, eċċ. Armonizzazzjoni tfisser li l-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri jkollhom l-istess effett, għalkemm jistgħu ma jkunux jużaw l-istess kliem.

Jekk minkejja li jkun hemm il-liġijiet u regolamenti Ewropej imsemmija l-Istati Membri jqisu li għad hemm ħtieġa tal-liġijiet u regolamenti nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u jagħtuha r-raġunijiet għaliex għandhom iżommuhom biex hija tkun tista' tiddeċiedi jekk taqbilx jew le.

M'hemmx l-iċken dubju li jekk il-Kummissjoni ma taqbilx, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jżommu dawk il-liġijiet u regolamenti tagħhom minkejja l-ħsara li tista' ssirilhom fl-ambjent u fl-ambjent tax-xogħol tagħhom.

Nista' nieħdu l-eżempju tal-każ tal-fliexken tal-plastik li minkejja li l-Unjoni Ewropea taf li Malta żgħira u li l-miljuni ta' fliexken tal-plastik kienu sejrin jikkawżaw problemi kbar għall-ambjent, xorta waħda ma aċċettatx li Malta tħalli jintużaw biss fliexken tal-ħġieġ. Kieku tassew l-Unjoni Ewropea kellha għal qalbha l-ambjent kienet taċċetta t-talba ta' Malta.

Imma kif tistgħu taraw, l-Allat foloz tal-kompetizzjoni u tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan jirbħu fuq il-ħarsien ta' l-ambjent u l-ambjent tax-xogħol, għaliex kieku ħalliet li nħallu jidħlu biss fliexken tal-ħġieġ, il-produtturi fi Stati Membri oħra ma kienux ikunu jistgħu jibgħatu l-prodotti tagħhom hawn Malta.

Fl-istess waqt ma kienx ikun hemm għalfejn il-gvern jagħmel taxxa fuq il-fliexken biex taparsi jitħares l-ambjent biex tpatti għan-nuqqas ta' dħul minħabba t-tneħħija ta' taxxa fuq prodotti li jiġu minn Stati Membri oħra.

Nistgħu nieħdu wkoll l-eżempju dwar il-ħaddiema barranin fejn minkejja ċ-ċokon tagħna u tas-suq tax-xogħol tagħna, Malta ma tħallitx li tagħmel restrizzjonijiet fuq ħaddiema barranin, u tista' tagħmel xi ħaġa jekk tant ikunu ġew ħaddiema barranin li jkun hemm kriżi kbira fil-qasam tax-xogħol u wara li tkun talbet lill-Unjoni Ewropea li tagħtina, jekk tagħtina, permess.

**L-Istati Membri Sottomessi għall-Kummissjoni**

**5. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea jew permezz ta' regolament tal-Kummissjoni, Stat Membru jqis li jeħtieġ idaħħal disposizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol minħabba problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-disposizzjonijiet previsti u r-raġunijiet għalihom.**

Dan is-subartikolu huwa bħal dak ta' qablu, imma nnutaw li Stat Membru mhux biss irid jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel, mhux biss irid jagħti r-raġunijiet għaliex ikun irid idaħħal dawk dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol, imma jrid isejjes ir-raġunijiet tiegħu fuq provi xjentifiċi.

Dan ifisser li mhux biss hija l-Kummissjoni li tiddeċiedi jekk dak l-Istat Membru jistax idaħħal id-disposizzjonijiet nazzjonali li kif għedna jridu jkunu msejsa fuq provi xjentifiċi, imma jekk ma tagħtihx permess il-Kummissjoni xorta waħda ma jkun jista' jagħmel xejn.

Anki jekk jingħata l-permess, dan ikun wara li l-Kummissjoni tkun ikkunsidrat id-dettalji kollha, forsi titlob xi dettalji oħra, tista' ddum sena sakemm tiddeċiedi kif jingħaq fis-subartikolu li jmiss, imma sakemm tiddeċiedi, il-ħsara li tkun qiegħda ssir tkompli ssir lil dak l-Istat Membru u l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol tiegħu.

Għad hawn xi ħadd li għadu jaħseb li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta biċċa Kummissjoni li ma hija mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri sejra tkun tista' tiddeċiedi jekk il-Gvern u l-Parlament ta' Stat Membru li l-membri parlamentari tiegħu huma mtellgħin bil-vot taċ-ċittadini tiegħu jistgħax jagħmel xi ħaġa li huma jqisu meħtieġa għalihom?

Għalkemm għad hawn min jgħid li s-sovranita' tissaħħah meta inti taqsamha ma ħaddieħor, hawn xi ħadd li huwa f'sensih u għad għandu s-sens tar-raġuni li għadu jaħseb u jgħid bħalu?

**Deċiżjoni mill-Kummissjoni**

**6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifiki previsti fil-paragrafi 4 u 5, tadotta deċiżjoni Ewropea li tapprova jew tirrifjuta d-disposizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiex jew le mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata kontra l-kummerċ bejn Stati Membri u jekk jikkostitwux jew le xkiel għall-funzjonament tas-suq intern.**

**Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni f'dan it-terminu ta' żmien, id-disposizzjonijiet nazzjonali previsti fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jitqiesu li ġew approvati.**

**Meta ġustifikat mill-komplessita' tal-kwistjoni u fin-nuqqas ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem il-Kummissjoni tista' tavża l-Istat Membru konċernat li t-**

**terminu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu huwa mġedded għal perijodu ieĦor ta' mhux iżjed minn sitt xhur.**

L-ewwel nett għalfejn intużat il-kelma "**mmaskrata**" meta għandna l-kelma "**moħbija**"? Imma ejja ma ninħlewx fuq hekk u nkomplu l-kritika tagħna.

Dan is-subartikolu qiegħed jorbot b'rabta ċoff lill-Kummissjoni li wara li tkun eżaminat id-dispożizzjonijiet li dak l-Istat Membru jkun irid idaħħal u wara li tara li dawn ma jkunux xi ħaġa li permezz tagħhom tkun qiegħda tingħata xi għajnuna moħbija li tgħawweġ il-kummerċ, hija tkun tsta' tiddeċiedi jekk tħallix lil dak l-Istat Membru jagħmilhom jew le.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan fi żmien sitt xhur, u jekk l-Istat Membru ma jingħatax tweġiba fi żmien sitt xhur, huwa għandu jqis li l-Kummissjoni tkun qablet magħhom. Madankollu, innutaw li għedna li l-Kummissjoni hija marbuta b'rabta ċoff.

Dan għaliex it-tielet paragrafu ta' dan is-subartikolu qiegħed jgħid li jekk il-Kummissjoni tqis li din il-kwistjoni hija komplikata, u jekk hija tqis li m'hemmx periklu għas-saħħa tal-bniedem, hija tista' tgħid lil dak l-Istat Membru li ż-żmien m'huwiex sitt xhur, imma ttawwlu **b'sitt xhur oħra**, jiġifieri jsir **sena**. Innutaw li kollox jiġi deċiż mill-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-abbozz tal-Kostituzzjoni tas-sena l-oħra ma kienx hemm kemm jista' jkun twil dan il-perjodu, imma issa kellhom jemendawh u għamluh għal mhux aktar minn sitt xhur oħra għaliex ċerti Stati Membri ndunaw li l-Kummissjoni setgħet ittawwal dan il-perjodu kemm trid.

Dan is-subartikolu jfisser ukoll li jekk il-Kummissjoni ma tkunx trid tieħu deċiżjoni, biex ma ngħidux li tkun trid tpattiha lil dak l-Istat Membru għal xi ħaġa oħra, tista' ddum sitt xhur mingħajr ma tieħu deċiżjoni, u b'hekk, għalkemm wara sitt xhur id-dispożizzjonijiet nazzjonali jidħlu fis-seħħ, xorta tkun saret ħsara lil dak l-Istat Membru għal sitt xhur sħaħ.

Dan ifisser biss li minkejja li l-Istati Membri suppost huma **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u saħħew is-sovranita' għaliex qegħdin jaqsmuha ma' ħaddieħor, fil-fatt huwa l-kuntrarju għaliex ikollhom jistennew anki sena sakemm il-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi jekk huma jistgħux idaħħlu d-disposizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-ħarsien ta' l-ambjent u x-xogħol.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**<u>Il-Kummissjonii Tista' Tordna Bdil</u>**

**7. Meta, skond il-paragrafu 6, Stat Membru huwa awtorizzat izomm fis-seħħ jew idaħħal disposizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.**

Innutaw li waqt li jingħad li l-Kummissjoni wara li tapprova li dak l-Istat Membru jdaħħal xi miżuri mitluba minnu għandha immedjatament teżamina jekk tiproponix xi addattament għal dik il-miżura.

Għaldaqstant, għalkemm tkun approvat il-miżuri ta' dak l-Istat Membru, hija tista' tipproponi bdil fiha skond ma jkun jidrilha.

<u>**Saħħa Pubblika bil-Permess tal-Kummissjoni**</u>

**8. Meta Stat Membru jqajjem problema speċifika dwar is-saħħa pubblika f'qasam li kien is-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' armonizzazzjoni, għandu jressaqha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix miżuri xierqa.**

Dan is-subartikolu għandu x'jaqsam mas-saħħa pubblika. Jekk l-Unjoni Ewropea tkun diġa' ħadet passi ta' armonizzazzjoni, u nfakkru li armonizzazzjoni tfisser li għalkemm il-liġijiet ta' l-Istati Membri jista' jkollhom kliem differenti imma l-effetti tagħhom ikunu l-istess, jekk Stat Membru jkollu xi problema jrid iressaqha quddiem il-Kummissjoni qabel jieħu xi passi.

Innutaw li waqt li jingħad li l-Kummissjoni għandha immedjatament teżamina jekk għandhiex tipproponi xi miżuri, u għalkemm immedjatament tfisser mingħajr dewmien, m'hemm f'kemm żmien trid tingħata d-deċiżjoni mill-Kummissjoni.

Biex nieħdu eżempju dwar is-saħħa pubblika, Stat Membru jista' jħoss li jkun hemm theddida għas-saħħa pubblika jekk fi Stat Membru ieħor ikun hemm xi mxija ta' xi marda perikoluża u jkun irid jagħmel restrizzjonijiet fuq nies li jkunu ġejjin minn dak l-Istat Membru. L-istess jista' jingħad dwar mard ta' annimali, bħal ma kien hemm bil-marda tal-baqra l-miġnuna jew il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

Minkejja l-periklu li dan il-mard jista' jġib miegħu, dak l-Istat ma jistax jieħu passi qabel ma huwa jkun informa lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni u din tkun awtorizzatu li jieħu passi.

Anki jekk għall-grazzja ta' l-argument naċċettaw li l-Istat Membri jista' jieħu xi mużuri, ikun irid jinforma bihom lill-Kummissjoni li għandħa s-setgħa li tara jekk dik hijiex meħtieġa jew jekk l-Istat Membru ħax passi aktar milli l-Kummissjoni tqis li kellu jieħu.

Dan juri bl-aktar mod ċar kemm għall-Unjoni Ewropea, lanqas jekk ikun hemm kwistjoni ta' saħħa pubblika ma jinteressaha, għaliex il-prinċipju tal-moviment ħieles tal-persuni, prodotti, kapital u servizzi jiġi qabel is-saħħa pubblika taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u l-ebda Stat Membru ma jista' jieħu xi passi jekk ma jkollux il-permess tal-Kummissjoni.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea meta lanqas kwistjonijiet tas-saħħa pubblika ma jistgħu jagħmlu xejn dwarhom jekk ma jkollhomx il-permess tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li nfakkru li ma hija mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

**Jittella Quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

**9. B'deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-360 u III-361, il-Kummissjoni u kull Stat Membru jistgħu jressqu l-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jekk jikkunsidraw li Stat Membru ieħor qed jabbuża mill-poteri previsti f'dan l-Artikolu.**

Innutaw kif dan is-subartikolu qiegħed jagħti jedd lill-Kummissjoni u kull Stat Membru biex jekk jidrilhom li Stat Membru jkun qiegħed jabbuża minn dan l-Artikolu jkunu jistgħu jressqu l-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk nistgħu niftakru fil-kwistjonijiet kbar li kien hemm bejn Franza u r-Renju Unit, fejn minħabba l-marda tal-baqra l-miġnuna, Franza kienet waqqfet l-importazzjoni tal-laħam mir-Renju Unit, u kif il-kwistjoni spiċċat quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għaliex minkejja t-theddid tal-Kummissjoni u tal-Qorti, Franza xorta waħda ma rieditx li tħalli li jiġi mpurtat laħam mir-Renju Unit.

Tinsewx li jekk il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi u l-Istat Membru ma jobdix, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Qorti biex dak l-Istat jitwaħħal multa jew multi sakemm jobdi dak li jkun ġie ordnat jagħmel.

**Miżuri Mhux Ekonomiċi Proviżorji Biss**

**10. Il-miżuri ta' armonizzazzjoni previsti f'dan l-Artikolu għandhom, f'fażijiet xierqa, jinkludu klawżola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu, għal raguni/jiet mhux ekonomiċi previsti fl-Artikolu III-154, miżuri provviżorji soġġetti għal proċedura ta' kontroll ta' l-Unjoni.**

Dan is-subartikolu qiegħed jawtorizza lill-Istati Membri li jistgħu jieħdu, f'każi xierqa li m'hemmx dubju li jridu jkunu każi ta' emerġenza, u għal raġunijiet imsemmija fl-Artikolu III-43, passi proviżorji, imma nnutaw li dawn huma proviżorji u dejjem ikunu suġġetti għal kontrolli mill-Unjoni Ewropea, sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk għandux isir xi ħaġa jew le.

Fi kliem ieħor, minn waħda jingħad li l-Istati Membri jistgħu jieħdu xi passi, imma mbagħad dawk il-passi jistgħu jitwaqqfu jekk l-Unjoni Ewropea ma taqbilx magħhom.

Qegħdin taraw kif kull jedd ta' l-Istati Membri spiċċa għal kollox għaliex anki fejn huma jistgħu jieħdu xi passi, il-passi li jkunu ħadu jistgħu jiġu mħassra mill-Unjoni Ewropea?

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali li daħħluna fih il-**ĠUDIET** li ttradew lill-poplu Malti u li jridu jżommuna fih il-**QUISLINGS** li lesti li jiggvernaw liil Malta u lilna skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Jekk le nfittxu nitilqu l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu u nerġgħu nieħdu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna ma **l-Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** tad-dinja.

## ARTIKOLU III-173

**Bla preġudizzju għall-Artikolu III-172, liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri għall-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jolqtu direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

<u>**Ir-Regolament tas-Suq Intern f'Idejn l-Unjoni Ewropea**</u>

Dan ifisser li l-Kunsill qiegħed jingħata s-setgħa biex jagħmel kull liġi kwadru Ewropea biex l-Istati Membri jiġu ordnati jqarrbu l-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi tagħhom dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jingħataw il-jeddijiet u s-setgħat kollha biex jagħmlu dak li jidrilhom, liema jeddijiet u setgħat jittieħdu mingħand Istati Membri li jkollhom jobdu u joqgħodu għal dak kollu li jkunu ordnati jagħmlu?

## ARTIKOLU III-174

**Meta l-Kummissjoni issib li differenza bejn id-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri qed tikkawża distorsjoni fil-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern u li hemm bżonn li d-distorsjoni li tirriżulta tiġi eliminata, għandha tikkonsulta ma' l-Istati Membri konċernati.**

**Jekk din il-konsultazzjoni ma tirriżultax fi ftehim, il-liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex id-distorsjoni in kwistjoni tiġi eliminata. Tista' tiġi adottata kull miżura oħra xierqa prevista fil-Kostituzzjoni.**

<u>**Aktar Ordnijiet mill-Kummissjoni**</u>

Fi kliem ieħor, jekk il-Kummissjoni jkun jidrilha li dak li jkun hemm fil-liġijiet u regolamenti ta' Stat jew Stati Membri jkun qiegħed jgħawweġ il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tikkonsulta lil dak l-Istat jew Stati Membri biex ineħħu jew jirranġaw l-liġijiet tagħhom, u jekk ma jobdux tkun tista' tagħmel liġi Ewropea u tieħu kull miżuri oħra xierqa maħsuba fil-Kostituzzjoni biex dak l-Istat jew Stati jiġu mġielha jibdlu l-liġijiet u regolamenti tagħhom.

Tistgħu taraw bl-aktar mod ċar li għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr ebda rażan tagħha huwa aqwa minn dak kollu li jkunu jaħsbu u jridu l-Istati Membri tagħha.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-175

**1. Meta jkun hemm raġuni għal biża' li l-adozzjoni jew l-emenda ta' disposizzjoni nazzjonali stabbilita b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva ta' Stat Membru tista' tikkawża distorsjoni fis-sens ta' l-Artikolu III-174, Stat Membru li jixtieq jipproċedi biha għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni. Wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tindirizza lill-Istati Membri konċernati rakkomandazzjoni dwar il-mizuri adatti sabiex tiġi evitata d-distorsjoni in kwistjoni.**

### Il-Kummissjoni Iġġelled lill-Istati Membri

Dan is-subartikolu qabel kienet saret taħwida sħiħa fih meta dawk li tħallsu eluf kbar ta' liri minn fuqna kienu qalbuh għall-Malti, għaliex ġabuh jgħid u kitbu meta "**ma jkun hemm ebda biża**" minflok "**meta jkun hemm biża**".

Imma barra dan, jekk minkejja li dik id-disposizzjoni nazzjonali tkun sejra tikkawża tgħawwiġ fil-kompetizzjoni u dak l-Istat Membru minħabba s-sitwazzjoni tiegħu jkun irid ikompli għaddej biha, irid jikkonsulta lill-Kummissjoni li wara konsultazzjoni ma l-Istati Membri l-oħra tagħmel rakkomandazzjoni dwar miżuri biex jiġi evitat it-tgħawwiġ.

Innutaw li jingħad lill-Istati Membri konċernati, u għaldaqstant, dan ifisser li barra mir-rakkomandazzjoni lill-Istat Membru li l-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva tiegħu tkun sejra tikkawża tgħawwiġ, tista' tagħti jedd lill-Istati Membri l-oħra li jieħdu xi passi biex jevitaw it-tgħawwiġ.

B'hekk, il-Kummissjoni sejra tkun tista' ġġelled l-Istati Membri bejniethom għaliex taf tajjeb il-qawl li jgħid li "**fi ġlieda bejn tnejn jirbaħ it-tielet**"

### Stramberija

**2. Jekk Stat Membru li jixtieq idaħħal jew jemenda d-disposizzjonijiet proprji tiegħu ma jħarisx ir-rakkomandazzjoni indirizzata lilu mill-Kummissjoni, Stati Membri oħra m'għandhomx ikunu meħtieġa, skond l-Artikolu III-174, li jemendaw id-disposizzjonijiet proprji tagħhom sabiex jeliminaw dik id-distorsjoni. Jekk l-Istat Membru li ma jkunx ta każ tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jikkawża distorsjoni detrimentali għalih innifsu biss, l-Artikolu III-174 m'għandux japplika.**

Huwa ovvju li jekk Stat Membru ma jkunx għamel dak li qaltu l-Kummissjoni, u dan jista' jagħmlu biss għaliex jekk tinnutaw qiegħed jingħad li l-Kummissjoni tagħmel "**rakkomandazzjoni**" u mhux direttiva, regolament jew tieħu deċiżjoni, għaliex f'dak il-każ l-Istat Membru huwa marbut li jobdi, l-Istati Membri l-oħra ma jkunux obbligati li jemendaw id-dispożizzjonjiet tagħhom.

Huwa stramb li jingħad li b'dak li jagħmel Stat Membru jkun qiegħed jikkawża tgħawwiġ li jġib biss ħsara għalih, għaliex ħadd ma jista' jemmen li Stat Membru jagħmel affarijiet li jkunu sejrin jiswewlu ta' ħsara għalih innifsu minflok lil Stati Membri oħra.

Tgħid qiegħed jingħad hekk għaliex bil-passi li l-Kummissjoni tordna jew tħalli li jittieħdu mill-Istati Membri l-oħra jwasslu biex minflok aħjar dak l-Istat Membru li jkun irid jieħu l-passi jispiċċa agħar minflok aħjar?

Fuq kollox, kulħadd jaf li jekk Stat Membru ma jagħtix każ tar-rakkomandazzjonijiet, wara jaslu d-deċiżjonijiet mill-Kummissjoni li jridu jiġu obduti jew inkella l-Istat Membru jittella quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif tistgħu taraw, l-ebda Stat Membru ma jista' ma jobdix lill-Kummissjoni, għaliex b'mod jew ieħor jiġi sfurzat biex jobdi sa' l-inqas punt u virgola sakemm idum membru ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jew sakemm iċ-ċittadini jirvellaw kontra l-ħakma kolonjali mposta fuqhom mill-mexxejja federalisti minn Brussell.

## ARTIKOLU III-176

**Fil-kuntest ta' l-istabbiliment u tal-funzjonament tas-suq intern, miżuri għall-introduzzjoni ta' strumenti Ewropej biex jipprovdu protezzjoni uniformi għad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali fl-Unjoni u għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' awtorizzazzjoni, kordinazzjoni u sorveljanza ċentralizzati fl-Unjoni kollha għandhom jiġu stabbiliti f'liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej.**

**Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-arrangamenti tal-lingwa għall-istrumenti Ewropej. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

### Proprjeta' Intellettwali Regolata b'Liġijiet Ewropej

Waqt li kien hemm xi żviluppi f'dan il-qasam, s'issa għadu ma sar xejn biex, bħala eżempju, ma jkunx hemm ħtieġa li kull min ikun irid japplika għall-"**privattivi**", bl-Ingliż "**patents**", joqgħod japplika f'kull Stat Membru.

Ara fejn jidħlu l-interessi ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma huma s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha, il-moviment ħieles tal-ħaddiema biex ifarrku lill-ħaddiema ta' dak l-Istat membru fejn imorru jaħdmu, u affarijiet oħra li rajna aktar qabel, dak sar u sar ħafna biex jintlaħqu l-għanijiet federalisti tagħha.

### Ilsna Nazzjonali Diskriminati

It-tieni parti ta' dan is-subartikolu tħasseb ftit, għaliex qiegħed jingħad li liġi Ewropea għandha tistabilixxi l-arranġamenti tal-lingwa għall-istrumenti Ewropej. Xi jrid jitfisser b'din il-parti?

Tgħid irid jitfisser li l-arranġamenti sejrin isiru biex ma jintużawx l-ilsna uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea u jintużaw biex l-ilsna ewlenin bħal ma huma l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, Taljan u Spanjol?

Xi jgħidu l-politiċi tagħna?

Lesti li jaċċettaw ħniżrijiet bħal dawn?

Fuq kollox m'għandhom jaċċettaw xejn għaliex jekk jaċċettaw il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jiksru l-**ĠURAMENT** li ħadu meta saru membri parlamentari waqt li l-President tar-Repubblika jkun qiegħed jikser ukoll il-**ĠURAMENT** tal-Ħatra tiegħu.

Lesti l-Għaqdiet tal-Malti li jridu jmexxu 'l quddiem l-ilsien Malti jaċċettaw ħniżrijiet bħal dawn li qegħdin jiġu proposti fil-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Lesti ċ-ċittadini Maltin jaċċettaw dawn il-ħniżrijiet li jkollhom jużaw ilsien ieħor minflok il-Malti meta l-Malti suppost li huwa wkoll wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea?

## KAPITOLU II

## POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

## ARTIKOLU III-177

**Għall-finijiet ta' l-Artikolu I-3, l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinkludu, kif previst fil-Kostituzzjoni, l-adozzjoni ta' politika ekonomika li hija bbażata fuq il-kordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, is-suq intern u d-definizzjoni ta' għanijiet komuni, u mmexxija skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuh b'kompetizzjoni libera.**

### Politika Ekonomika Komuni

Innutaw kif qiegħed jiddaħħal fil-Kostituzzjoni li l-politika ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri trid tkun waħda komuni, għaliex hekk ifisser fil-prattika mill-qrib.

Innutaw ukoll kif qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li kollox għandu jkun suġġett għall-ekonomija ta' suq miftuh b'kompetizzjoni ħielsa, jiġifieri suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u mingħajr l-ebda każ tat-tbatijiet li din il-politika ġġib speċjalment fuq il-ħaddiema u fuq dawk li l-anqas li jistgħu jħallsu. Dak huwa l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea.

Għad hawn xi ħadd li għadu jemmen li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma jindaħalx f'kull qasam anki fil-politika ekonomika ta' l-Istati Membri kif jingħad bl-aktar mod ċar f'dan l-Artiklu?

### Ewro u Politika Monetarja Komuni Bilfors

**Flimkien ma' dan ta' qabel, u kif previst fil-Kostituzzjoni u skond il-proċeduri stabbiliti hemmhekk, dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu munita unika, l-euro, u d-definizzjoni u l-kondotta ta' politika monetarja unika u politika tal-kambju unika, u l-għan primarju tat-tnejn għandu jkun li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet u, mingħajr preġudizzju għal dan il-għan, li tiġi sostnuta l-politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni, skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuh b'kompetizzjoni libera.**

Innutaw kif kollox l-istess fl-Istati Membri kollha. Munita waħda, politika monetarja waħda, politika tal-kambju waħda, u l-prinċipju tas-suq miftuh u ħieles mingħajr l-ebda xkiel.

Dawn l-affarijiet isiru biss fi Stat Federali bħal ma hija l-Istati Uniti ta' l-Amerika fejn l-affarijiet imsemmija kollha jiġu deċiżi mill-awtoritajiet federali, għaliex kif tafu l-Istati Membri kollha jużaw id-dollaru Amerikan, kif għandhom ukoll l-istess affarijiet imsemmija fil-paragrafu li qegħdin naraw.

Hawnhekk niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux "**il-kondotta**", imma t-"**tmexxija**", jiġifieri kif titmexxa l-politika monetarja.

**<u>Għanijiet</u>**

**Dawn l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinvolvu l-ħarsien tal-prinċipji ta' gwida li ġejjin: prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kondizzjonijiet monetarji tajbin u bilanċ stabbli ta' pagamenti.**

Jekk tiftakru dak li jingħad fl-aħbarijiet tiftakru kif fl-Istati Membri kollha l-prezzijiet splodew il-fuq u kif għoliet il-ħajja speċjalment mad-dħul ta' l-ewro. Staqsu liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fejn daħħlu l-ewro u jgħidulkom kif kieku jistgħu jerġgħu jdaħħlu l-munita nazzjonali li kellhom qabel.

Araw ukoll l-aħbarijiet u tindunaw ukoll kemm hemm Stati Membri li m'humiex jimxu mal-kundizzjonijiet monetarji, bilanċ stabbli tal-pagamenti u kif il-finanzi pubbliċi tagħhom qegħdin jiksru r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Ftakru kif l-Irlanda kellha tibdel l-estimi finanzjarji jew budget tagħha, waqt li l-Ġermanja u Franza ingħataw biss twissija għaliex l-Irlanda hija pajjiż żgħir meta mqabbel ma l-oħrajn u għalhekk ikollu joqgħod għal kollox waqt li l-oħrajn jeħilsuha lixxa.

Qegħdin taraw kif anki fl-Unjoni Ewropea hemm il-preferenzi fejn il-kbar jgħadduha lixxa waqt li ż-żgħar jeħlu f'kollox?

**<u>Malta</u>**

Tajjeb ukoll li hawnhekk infakkru kif Gvern tal-Ħaddiema li kien irnexxilu jagħmel dawn l-affarijiet li huma l-għanijiet imsemmija f'din il-parti ta' dan l-Artikolu kien ikkritikat talli kien għamel hekk, imma li jkunu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jsiru, dik ma tlaqqat l-ebda kritika.

Hekk tkun l-ipokrezija ta' dawk il-**ĠUDIET** lagħaqa u servili li dejjem riedu li Malta qatt ma tkun **Indipendenti, Ħielsa u Sovrana** imma dejjem rieduha li tkun kolonja tal-barrani biex huma jmexxu bħala **QUISLINGS** skond l-ordnijiet tal-barrani.

## SEZZJONI 1

## POLITIKA EKONOMIKA

### ARTIKOLU III-178

**L-Istati Membri għandhom isegwu l-politika ekonomika tagħhom sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni, kif definit fl-Artikolu I-3, u fil-kuntest tal-linji gwida wiesa' previsti fl-Artikolu III-179(2). L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaġixxu skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u skond il-prinċipji previsti fl-Artikolu III-177.**

**<u>Il-Politika Ekonomija ta' l-Istati Membri għall-Unjoni</u>**

Hawnhekk tistgħu taraw kif l-Istati Membri huma marbuta li jmexxu kull politika tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri ta' l-Unjoni Ewropea u mhux l-għanijiet u l-miri tagħhom, kif huma marbuta wkoll biex mhux iħarsu l-interessi tagħhom u taċ-ċittadini tagħhom, imma l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar il-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, u nnutaw li huma ma jistgħux isegwu l-politika ekonomika tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom, imma biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni.

Jistgħu jibqu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta jridu jaħdmu għall-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea u mhux għall-għanijiet tagħhom biex itejjbu s-sitwazzjoni taċ-ċittadini tagħhom?

**<u>L-Alla Falz tas-Suq Ħieles Mingħajr Ebda Rażan</u>**

Innutaw ukoll kif anki hawnhekk qiegħed jerġa' jissemma għal darb'oħra l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, li jwassal għall-esplojtazzjoni u l-faqar tal-ħaddiema, it-telfien ta' xogħolhom u ħobżhom, kif ukoll it-tifrik tal-kundizzjonijiet ta' xogħolhom.

Imma għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-ewwel jiġi l-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, u mhux il-ħaddiema, xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

Tridu li nibqgħu f'dan il-madmad u jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea? It-tweġiba tafuha.

### ARTIKOLU III-179

**1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-politika ekonomika tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkordinawhom fil-Kunsill, skond l-Artikolu III-178.**

**Ma Jistgħux Jieħdu Deċiżjoni Għalihom**

Dan is-subartikolu jkompli jikkonferma kif l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn li jkun jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom jekk ma jkunu jaqbel ukoll għall-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali u l-Istati Membri l-oħra.

Lanqas ma jistgħu jieħdu xi deċiżjoni għalihom waħidhom, imma jridu jikkordinaw il-politika ekonomika tagħhom fil-Kunsill tal-Ministri għaliex il-politika ekonomika hija meqjusa bħala kwistjoni ta' interess komuni jew, fi kliem ieħor, ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra wkoll.

**Linji Gwida mill-Kunsill**

**2. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jifformula abbozz għal-linji gwida wiesa' tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni, u għandu jirrapporta ir-riżultati tiegħu lill-Kunsill Ewropew.**

**Il-Kunsill Ewropew, fuq bażi tar-rapport mill-Kunsill, għandu jiddiskuti konklużjoni dwar il-linji gwida wiesa' tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni. Fuq bażi ta' din il-konklużjoni, il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi dawn il-linji gwida wiesa' għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bir-rakkomandazzjoni tiegħu.**

Mhux biss l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu li jridu u jridu jikkordinaw il-politika ekonomika tagħhom fil-Kunsill tal-Ministri, imma l-Kunsill tal-Ministri li huwa istituzzjoni oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bil-lealta' tiegħu lejn l-Unjoni Ewropea, irid jagħmel linji gwida wiesha biex l-Istati Membri jimxu fuqhom.

Hawnhekk qiegħed jingħad linji wiesa', imma tinsewx li jkunu kemm ikunu wiesa', xorta waħda l-Istati Membri jridu jimxu bilfors magħhom.

Tilfu jew le l-Istati Membri l-jedd li jagħmlu dak kollu li jkun jaqbel lilhom u liċ-ċittadini tagħhom kif kellhom kull jedd qabel saru membri u mhux dak li jaqbel għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**L-Iżvilupp Ekonomiku ta' l-Istati Membri Kontrollat**

**3. Sabiex tiġi assigurata kordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politika ekonomika u konverġenza sostnuta tar-rendimenti ekonomiċi ta' l-Istati Membri, il-Kunsill, fuq bażi ta' rapporti sottomessi mill-Kummissjoni, għandu jagħmel kontroll ta' l-iżviluppi ekonomiċi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni, kif ukoll tal-konsistenza tal-politika ekonomika mal-linji gwida wiesa' previsti fil-paragrafu 2, u għandu jagħmel regolarment stima globali.**

**Għall-għanijiet ta'din is-sorveljanza multilaterali, l-Istati Membri għandhom jgħaddu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar miżuri importanti meħuda minnhom fil-qasam tal-politika ekonomika tagħhom u informazzjoni oħra li jqisu neċessarja.**

Innutaw kif l-Istati Membri jridu jkunu taħt sorveljanza, jiġifieri taħt għassa l-ħin kollu mill-Kunsill tal-Ministri biex jaraw li dak li jkunu ordnati jagħmlu fil-politika ekonomika tagħhom skond il-linji gwida jkunu qegħdin jagħmluh.

Innutaw ukoll kif il-Kunsill tal-Ministri sejjer ikun jista' jagħmel il-kontrolli kollha li jidhirlu biex jikkontrolla l-iżviluppi ekonomiċi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni.

Fi kliem ieħor, ma jistgħux jiżviluppaw kif iridu jew kif jaqbel għaċ-ċittadini tagħhom, imma skond kif iħallihom u jordnalhom il-Kunsill tal-Ministri

Innutaw ukoll kif l-Istati Membri jridu jibgħatu kull informazzjoni mitluba minnhom mill-Kummissjoni biex hija tkun ċerta' li huma qegħdin jimxu eżatt ma dak li jkunu ordnati jagħmlu mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u ma jieħdu l-ebda passi jekk qabel ma jkollhomx il-permess ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri nġiebu qishom tfal żgħar li jkollhom l-istituzzjonijiet kollha u speċjalment il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għassa fuqhom biex jew jobdu dak li jkunu ordnati jagħmlu jew inkella jaqilgħu kastig.

<u>**Diversi Affarijiet Imposti mill-Kunsill fuq l-Istati Membri**</u>

**4. Meta jiġi stabbilit, taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 3, li l-politika ekonomika ta' Stat Membru mhiex konformi mal-linji gwida wiesa' previsti fil-paragrafu 2 jew li hemm ir-riskju li jipperikolaw il-funzjonament xieraq ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kummissjoni tista' tindirizza twissija lill-Istat Membru konċernat. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jindirizza r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Istat Membru konċernat. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.**

**Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

Dan is-subartikolu juri diversi affarijiet. L-ewwel nett innutaw kif il-Kummissjoni tista' tagħti twissija lil xi Stat Membru li ma jkunx mexa mal-linji gwida fil-politika ekonomika tiegħu, waqt li fuq rakkomandazzjoni tagħha, il-Kunsill jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri jistgħu anki jiġu mċanfra fil-pubbliku billi l-Kunsill tal-Ministri fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jippubblika r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Mela jekk ir-rakkomandazzjoni tiġi ppubblikata jfisser la ma tkun rakkomandazzjoni xejn, għaliex rakkomandazzjoni tehodha jekk trid u mhux ikollhok tobdiha bilfors jew tiġi ppublikata biex iħammrulek wiċċhek.

Innutaw ukoll li kif għedna aktar qabel, il-linji gwida ma huma gwida xejn, għaliex kieku kienu biss gwida timxi magħhom jekk trid u mhux jew timxi magħhom jew jittieħdu dawn il-passi kollha kontrik.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri nġiebu qishom tfal zgħar ta' l-iskola bil-kastig lest għalihom fejn l-għalliem kien jagħtihom il-kastig u jibgħathonm fir-rokna biex it-tfal l-oħra jidħqu bihom.

Imma l-aktar ħaġa li juri dan is-subartikolu huwa kif il-jedd tal-veto spiċċa, għaliex mhux biss il-vot jittieħed b'maġġoranza kwalifikata, imma l-vot tar-rappreżentant ta' dak l-Istat Membru lanqas jitqies u jiġi njorat.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri jispiċċaw injorati mill-istess istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea? Tridu li nibqgħu taħt dan il-jasar impost fuqna mill-barrani?

Ejjew inqumu waħda sewwa fuq tagħna u nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u lill-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** l-qaddejja tiegħu jixxejru u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna l-lejla qabel għada minn taħt il-ħakma illegali, imperjalista u kolonjali tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

## L-Istati Membri Irrapurtati u Umiljati

**5. Il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jirrapportaw lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali. Il-President tal-Kunsill jista' jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jekk il-Kunsill ikun għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.**

Qegħdin taraw kif lanqas il-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri ma tkun biżżejjed, imma jkomplu jiġi redikolati billi l-President tal-Kunsill ikun mistieden imur quddiem il-Parlament Ewropew biex l-Istat jew Stati Membri li jkunu mwissija jkomplu jiġu mħammġa u umiljati anki quddiem il-Parlament Ewropew?

## Sorveljanza b'Liġi Ewropea

**6. Il-liġi Ewropea tista' tistabbilixxi regoli dettaljati għall-procedura ta' sorveljanza multilaterali prevista fil-paragrafi 3 u 4.**
Innutaw kif is-sorveljanza ma ssirx biss fuq dak li hawn miktub f'din il-Kostituzzjoni, imma għandha ssir ukoll liġi Ewropea biex tagħmel regoli dettaljati biex tkun tista' ssir is-sorveljanza fuq l-Istati Membri.

Kollox isir b'liġijiet u regolamenti Ewropej ħalli dejjem tingħata l-impressjoni liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li l-Istati Membri huma xi ħaġa anqas mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u spiċċaw jew spiċċalhom il-jedd li jagħmlu liġijiet nazzjonali biex imexxu l-ekonomija u kull settur ieħor kif ikun jaqbel lilhom u liċ-ċittadini tagħhom.

Jista' xi ħadd ikun f'sensih u jibqa' jgħid li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea saħħu s-sovranita' tagħhom bis-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, jekk huwa ċar daqs il-kristall li tilfu l-jeddijiet u s-setgħat li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu skond il-liġi internazzjonali?

## ARTIKOLU III-180

**1. Mingħajr preġudizzju għal xi proċedura oħra prevista mill-Kostituzzjoni, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika, b'mod partikolari jekk jinħolqu diffikultajiet serji fil-provvista ta' ċerti prodotti.**

### Deċiżjoni Ewropea mill-Kunsill

Anki dan l-Artikolu juri l-arroganza ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea meta' ma jkunux l-Istati Membri li jiddeċiedu li jieħdu xi passi minħabba sitwazzjoni ekonomika ħażina jew jekk ikun hemm nuqqas ta' xi prodotti, imma jkun il-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-Kummissjoni.

Fi kliem ieħor, jekk il-Kummissjoni ma tqisx li jkun hemm sitwazzjoni ekonomika ħażina jew nuqqas ta' prodotti, hija ma tagħmilx proposta lill-Kunsill, u minkejja s-sitwazzjoni ħażina jew nuqqas ta' prodotti, l-Istati Membri ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn għajr isofru l-ħsara li tkun qiegħda ssirilhom.

Innutaw li ma jingħadx jekk id-diffikultajiet ikunux fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew f'kemm-il Stat Membru jridu jkunu biex jitqiesu li huma serji, kif lanqas ma jingħad kemm iridu jkunu kbar biex jitqiesu li huma serji. Lanqas ma jingħad x'inhuma l-prodotti.

Kollox isir apposta biex ikunu l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jiddeċiedu kollox. Issa kulħadd jista' jara xi tfisser sħubija fl-Istat Federali arroganti, imperjalista u kolonjalista tal-mexejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

### L-Istati Membri Jittallbu

**2. Meta Stat Membru jkun f'diffikultajiet jew ikun mhedded serjament b'diffikultajiet serji kkawżati minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tiegħu, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti, taħt ċerti kondizzjonijiet, għajnuna finanzjarja ta' l-Unjoni lill-Istat Membru konċernat. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni adottata.**

L-ewwel nett innutaw li Stat Membru jrid ikun sab ruħu f'diffikultajiet serji jew ikun mhedded serjament b'diffikultajiet serji kkawżati minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tiegħu biex il-Kummissjoni tagħmel prpoposta lill-Kunsill tal-Ministri biex dak l-Istat Membru jingħata xi forma ta' għajnuna.

Innutaw li din l-għajnuna ma tingħatax mingħajr kundizzjonijiet, imma tingħata taħt ċerti kundizzjonijiet.

Innutaw ukoll li la jingħad x'inhuma grajjiet eċċezzjonali u lanqas x'jistgħu jkunu l-kundizzjonijiet li taħthom tingħata xi għajnuna.

B'hekk, kollox ikun f'idejn il-Kummissjoni li ma hija mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li tiddeċiedi jekk xi Stat Membru jkunx f'diffikultajiet serji, x'inhuma ġrajjiet eċċezzjonali, u xi jkunu l-kundizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna.

Anki d-diċenza umana tgħidlek li jekk pajjiż ikun f'diffikultajiet minħabba diżastri naturali għandek tgħinu u ma toqgħodx tagħmillu kundizzjonijiet biex tagħtih l-għajnuna, tara jekk ikunx ħabib tiegħek, u jekk ikunx hemm xi ġrajjiet eċċezzjonali.

Imma għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza tagħha la teżisti diċenza umana u lanqas kuxjenza, għaliex kieku ma toqgħodx tagħmel dawn l-affarijiet u kundizzjonijiet biex tagħti l-għajnuna lil min ikun jinħtieġa.

## ARTIKOLU III-181

**1. Facilitajiet ta' overdraft jew kull tip ieħor ta' faċilita' ta' kreditu mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri (minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "banek ċentrali nazzjonali") a favur ta' istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri għandhom jiġu pprojbiti, bħalma jkun ix-xiri direttament minn għandhom mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' titoli ta' debitu.**

**<u>Indħil fis-Setur Bankarju</u>**

Dan ma huwa xejn għajr indħil f'settur ieħor, jiġifieri s-settur bankarju, mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa ċar daqs il-kristall li ma jistgħu jingħataw l-ebda faċilitajiet ta' overdraft u faċilitajiet oħra msemmija lil-istituzzjonijiet imsemmija f'dan is-subartiklu.

Kieku dawn il-limitazzjonijiet kienu limitati għall-Bank Ċentrali Ewropew tista' tinftiehem, imma li lanqas il-bank ċentrali ta' Stat Membru ma jista' jagħti xi kreditu lill-istituzzjonijiet imsemmija barra l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex isalvahom hija kbira u turi l-arroganza mingħajr l-ebda limitu tal-mexxejja mingħajr kuxjenza u ta' qalb ħadra ta' l-Unjoni Ewropea.

**Eżempji**

Fi kliem ieħor, jekk l-Enemalta, il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma, kumpaniji u impriżi oħra tal-Gvern, Kunsilli Lokali, u korpi oħra jkun jintieġu li jkollhom overdraft, dawn ma jistgħux jingħataw din il-faċilita’.

Mhux biss, imma lanqas ma jistgħu l-banek ċentrali ta’ l-Istati Membri jew il-Bank Ċentrali Ewropew jixtru titoli ta’ debitu biex b’hekk il-kumpaniji u istituzzjonijiet oħra li hemm imsemmija jkunu jistgħu jdaħħlu l-flus biex ikomplu jaħdmu. Dan huwa dak li jfisser dan is-subartiklu. Xejn aktar u xejn anqas.

Għall-Unjoni Ewropea jekk inti m’għandekx flus biex taħdem jew tħallas il-pagi u tixtri l-materja prima jew mur fuq is-suq u ssellef, jekk ituk, jew aqbad u żarma u ma jimpurtahiex kemm se jitilfu xogħolhom u ħobżhom il-ħaddiema u jekk huwiex sejjer ikun hemm effetti ħżiena ħafna fuq il-poplu kollu.

Dik hija l-Unjoni Ewropea li l-mexxejja tagħha għandhom qalbhom ħadra u xierfa u li ma għandhom l-ebda kuxjenza.

**Kollox tal-Privat**

**2. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika għal istituzzjonijiet ta’ kreditu ta’ proprjeta’ pubblika li, fil-kuntest tal-provvista ta’ riżervi minn banek ċentrali nazzjonali, għandhom jingħataw l-istess trattament minn banek ċentrali nazzjonali u mill-Bank Ċentrali Ewropew bħal istituzzjonijiet privati ta’ kreditu.**

Dan is-subartikolu jkompli juri dak li trid u tordna l-Unjoni Ewropea, jiġifieri li kollox irid ikun tal-privat jew jaħdem bħall-privat.

Innutaw li waqt li l-istituzzjonijiet imsemmija fis-subartikolu 1 huma kollha, barra minn dawk ta’ l-Unjoni Ewropea, istituzzjonijiet ta’ xi Gvern, dawk imsemmija fis-subartikolu 2 minkejja li jistgħu jkunu istituzzjonijiet pubbliċi, ikunu qegħdin jaħdmu bħala istituzzjonijiet privati ta’ kreditu.

Fi kliem ieħor, istituzzjonijiet ta’ kreditu bħal ma huma banek pubbliċi li jingħataw l-istess kreditu bħal ma jingħataw banek privati, ma jistgħux ikollhom kuxjenza bħal ma kellhom il-Banek Maltin qabel, imma jridu jimxu strettament fuq linji kummerċjali u ma jistgħux b’xi mod ikunu qegħdin jgħinu billi, bħala eżempju, ma jitolbux imgħax kummerċjali lil min jissellef. Dan jidher aktar ċar mill-Artikolu li jmiss.

Dik hija l-kuxjenza, anzi n-nuqqas ta’ kuxjenza tal-mexxejja ta’ qalb ħadra u xierfa ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU III-182**

**Kull miżura jew disposizzjoni, mhux ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta’ prudenza, li tistabbilixxi aċċess privileġġjat minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta’ l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn**

**pubbliċi, korpi oħrajn regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri għall-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu pprojbiti.**

**l-Ebda Privileġġ Għall-Istituzzjonijet tal-Gvern**

Innutaw kif anki dan l-Artikolu jkompli juri kif l-ebda privileġġ ma jista' jingħata lil xi istituzzjonijiet pubbliċi, u għalkemm l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma ttrattati l-istess, dan l-Artikolu m'hemmx dubju li qiegħed ikompli jneħħi kull privileġġ li xi gvern ta' xi Stat Membru seta' jingħata li jivvantaġġjah fuq il-privat, għaliex għall-Unjoni Ewropea kollox għandu jkun tal-privat u jitmexxa mill-privat.

Dan għaliex l-Unjoni Ewropea trid tfarrak kull istituzzjoni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri tagħha biex imbagħad jingħataw lill-privat biex b'hekk l-Istati Membri tagħha ma jkollhomx fuqhiex jistrieħu għad-dħul tagħhom.

Tinsewx li aktar ma l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jkunu b'saħħithom, aktar jistgħu jkunu ta' theddida għall-Unjoni Ewropea u għall-mexxejja tagħha, u għalhekk il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jagħmlu kemm jistgħu biex inaqqsu s-saħħa tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

Madankollu, għall-Unjoni Ewropea m'hemmx problemi, għaliex jekk hija tkun tinħtieġ malajr tagħmel xi regolament biex iddaħħal taxxi u aktar flus minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Aċċess privileġġjat ifisser li dawk l-istituzzjonijiet jingħataw aċċess għall-fondi b'kundizzjonijiet aħjar milli jingħataw lill-privat. Bħala eżempju, jingħataw fondi b'inqas imgħax jew anki jekk ma jkollhomx x'jagħmel tajjeb għal-self li jingħataw.

## ARTIKOLU III-183

**1. L-Unjoni m'għandhiex tidħol responsabbli għal jew tassumi l-impenji ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' kull Stat Membru, mingħajr preġudizzju għal garanziji finanzjarji reċiproċi għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku. Stat Membru m'għandux jidħol responsabbli għal jew jassumi l-impenji ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħrajn regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stat Membru ieħor, bla preġudizzju għal garanziji finanzjarji reċiproċi għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku.**

**L-Istati Membri ma Jistgħux Jagħtu Garanzija**

Fi kliem ieħor, la l-Unjoni Ewropea ma tista' tidħol risponsabbli biex tagħmel tajjeb għal xi piżijiet li jkun daħal għalihom xi Stat Membru, u lanqas l-Istati Membri ma jistgħu jidħlu risponsabbli għall-piżijiet magħmula mill-awtoritajiet imsemmija, ħlief għall-eċċezzjonijiet imsemmija fejn ikunu ingħataw garanzija finanzjarji għal proġett bejn l-Unjoni Ewropea u Stat Membru.

Dan ifisser li, biex nieħdu eżempju, il-Gvern ma jistax jidħol risponsabbli għal xi dejn li jista' jagħmel jew ikun bi ħsiebu jagħmel xi Kunsill Lokali.

L-istess huwa dwar, bħala eżempju, it-Tarznari, l-Enemalta, l-Airmalta, is-Sea Malta, il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, u kull impriża oħra pubblika.

Dan ifisser ukoll li mhux biss il-Gvern ma jistax jibqa' jagħti s-sussidji, imma minħabba li ma jistax jiggarantixxi jew jidħol risponsabbli għad-dejn tagħhom, huma jkollhom jgħollu kollox biex ma jagħmlux telf u jisselfu b'imgħax kummerċjali.

Huwa għalhekk ukoll, barra affarijiet oħra, li d-dawl, ilma, gass, u kull servizz ieħor qiegħed jogħla u sejjer ikompli jogħla, għaliex is-sussidji jridu jitneħħew kollha u għaliex l-istituzzjonijiet iridu jissellfu b'imgħax kummerċjali u jaħdmu fuq linji kummerċjali b'mod li jagħmlu l-qligħ u mhux telf.

Dan barra t-taxxi ordnati mill-Unjoni Ewropea fuq affarijiet bħal ma huma il-petrol, diesel, elettriku, gass eċċ.

Tinsewx li l-għoli tad-dawl, ilma, gass u affarijiet oħra sejrin jikkawżaw għoli fil-prezzijiet ta' affarijiet oħra bħal ma huwa l-ħobż, biex ma nsemmux l-għoli tal-laħam, zokkor, qmugħ u prodotti oħra tal-ħajja li diġa' għolew u sejrin ikomplu jogħlew m'għola s-smewwiet minħabba s-sħubija fl-Unjoni Ewropea kaġun tal-politika ħażina u mingħajr kuxjenza tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha.

**<u>Il-Projbizzjonijiet b'Regolamenti u Deċiżjonijiet Ewropej</u>**

**2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jispeċifikaw definizjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli III-181 u III-182 u f'dan l-Artikolu. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

It-tieni subartikolu jkompli juri l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea meta qiegħed jipprovdi li għandha tkun il-Kummissjoni li tagħmel proposta lill-Kunsill tal-Ministri biex jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej biex jirregola dak li jingħad fis-subartikolu wieħed u fl-Artikoli III-181 u III-182 li għadna kif rajna qabel dan.

Qegħdin taraw kif kollox huwa regolat mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u kif l-Istati Membri spiċċawlhom kważi l-jeddijiet u s-setgħat kollha li ħadithom l-Unjoni Ewropea?

Jistgħu jibqgħu jissejħu **Stati Inidipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta tilfu dawn il-jeddijiet kollha?

## ARTIKOLU III-184

**1. L-Istati Membri għandhom jevitaw deficit eċċessiv tal-gvern.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel kontroll ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-budget u ta' l-ammont tad-dejn pubbliku fl-Istati Membri sabiex tidentifika żbalji kbar. B'mod partikolari għandha teżamina għall-ħarsien tad-dixxiplina tal-budget fuq bażi taż-żewġ kriterji li ġejjin:**

**a) jekk il-proporzjon tad-defiċit pubbliku ippjanat jew attwali għall-prodott gross domestiku jeċċedix valur ta' referenza, sakemm:**

**i) jew il-proporzjon ikun naqas sostanzjalment u kontinwament u jkun laħaq livell li jiġi qrib il-valur ta' referenza, jew**

**ii) l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun biss eċċezzjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza;**

**b) jekk il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-prodott gross domestiku jeċċedix valur ta' referenza, sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos biżżejjed u joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass soddisfaċenti.**

**Il-valuri ta' referenza huma speċifikati fil-Protokoll dwar il-proċedura għad-defiċit eċċessiv.**

**L-Ebda Budget b'Defiċit Eċċessiv mill-Istati Membri**

Dan huwa Artikolu ftit tekniku, imma m'hemmx għalfejn wieħed joqgħod iħabbel moħħu ż-żejjed, għaliex kull ma jgħid dan l-Artikolu huwa li l-Kummissjoni għandha tgħasses bħal seqer fuq l-Istati Membri biex tara li ma jonfqux aktar milli jdaħħlu, jew inkella l-infiq ikun fil-limiti mwaqqfa mill-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li l-gvern Malti qala' tumakka minħabba li ilu żmien twil jonfoq aktar milli jdaħħal, b'mod li waqt li meta daħal fil-gvern kien sab madwar erba mija u ħamsin miljun lira mfaddla bħala riservi, mhux biss tajjarhom u berbaqhom, imma s'issa għamel dejn ta' kważi elf u erba mitt miljun lira barra li kull sena jonfoq ħafna aktar milli jdaħħal.

Issa ma rridux ninsew ukoll li għandna nagħtu sehemna lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, li barra minn somma kull sena skond ma jkun jipproduċi pajjiżna, nibgħatulha wkoll id-dazji, levies, u parti mit-taxxa immorali u nġusta tal-**VAT** li ma tħarisx lejn id-dħul tal-persuna imma tħares biss lejn l-infieq.

**Stati Membri Irrapurtati mill-Kummissjoni**

**3. Jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġiet taħt kriterju wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu wkoll jieħu in kunsiderazzjoni jekk id-defiċit pubbliku jeċċedix l-infiq pubbliku fuq l-investiment u jieħu in kunsiderazzjoni l-fatturi kollha l-oħra rilevanti, inkluża l-posizzjoni ekonomika u tal-budget ta' l-Istat Membru fuq skond medju.**

**Il-Kummissjoni tista' wkoll tipprepara rapport jekk, minkejja s-sodisfazzjon tal-ħtiġiet li joħorġu mill-kriterji, tqis li hemm riskju ta' defiċit eċċessiv fi Stat Membru.**

**4. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju stabbilit skond l-Artikolu III-192 għandu jifformula opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni.**

**5. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li defiċit eċċessiv fi Stat Membru jeżisti jew jista' jseħħ, għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru konċernat u għandha tinforma l-Kunsill b'dan.**

Innutaw kif il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex tkun tista' tagħmel rapport anki jekk tqis li jkun hemm riskju li l-Istat Membru jonfoq aktar milli jdaħħal b'mod li jaqbeż il-limiti magħmula mill-Unjoni Ewropea, kif il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jifforma opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni, u kif il-Kummissjoni għandha tindirizza opinjoni lil dak l-Istat Membru.

Madankollu, kulħadd jaf li l-opinjoni tal-Kummissjoni ma hija opinjoni xejn, għaliex jekk dak l-Istat Membru ma jimxix magħha, jittieħdu passi oħra kontra dak l-Istat Membru.

Fi kliem ieħor, l-opinjoni tal-Kummissjoni hija biss l-ewwel pass li tieħu l-Kummissjoni, imbagħad tieħu passi oħra biex dak l-Istat Membru jobdi l-ordnijiet li jingħata u jirranġa l-budget u d-defiċit tiegħu minkejja li dawk il-passi jkunu jfissru tbatijiet kbar fuq iċ-ċittadini tiegħu.

**Rakkomandazzjoni (Ordni) bl-Istat Membru Konċernat Injorat**

**6. Il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jkun ikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru konċernat jista' jixtieq li jagħmel u wara stima globali, jiddeċiedi jekk jeżistix defiċit eċċessiv. F'dak il-każ għandu jadotta, mingħajr dewmien mhux ġustifikat, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru konċernat biex dik is-sitwazzjoni tiġi fi tmiem f'perijodu stipulat. Bla ħsara għall-paragrafu 8, dawk ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu magħmula pubbliċi.**

**Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bĦala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

Dan is-subartikolu huwa ċar biżżejjed u jgħid dak li għandu jsir jekk Stat Membru jkun meqjus li jkun sejjer jonfoq ħafna aktar milli jdaħħal.

Innutaw kif dawk ir-rakkomandazzjonijiet, li ma huma rakkomandazzjonijet xejn għaliex l-Istat Membru jkollu jagħmilhom bilfors.

Dawn ma jiġux magħmula pubbliċi mhux għaliex l-Unjoni ma tkunx trid tħammar wiċċ dak l-Istat Membru, imma għaliex ikunu sejrin jinqarsu bil-kbir iċ-ċittadini tiegħu u jekk ikunu jafuhom jeħduha kontra l-Unjoni Ewropea u l-impożizzjonijiet tagħha.

Innutaw ukoll l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea fejn id-deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza kwalifikata u l-vot tar-rappreżentant ta' dak l-Istat Membru ma jingħatax kas tiegħu u jiġi njorat.

Fi kliem ieħor, ikun qiegħed jiġi njorat l-Istat Membru u ċ-ċittadini tiegħu, għaliex ir-rappreżentant tiegħu jkun qiegħed jirrappreżenta lil dak l-Istat Membru u ċ-ċittadini tiegħu u mhux lilu nnifsu.

Anki hawn Malta qegħdin naraw l-effetti tar-rakkomandazzjonijiet, jew aħjar l-impożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, meta qegħdin naraw iż-żjiediet kbar fit-taxxi kollha flimkien ma' l-attakki fuq is-servizzi soċjali kollha biex jitnaqqas l-infiq tal-Gvern, speċjalment minħabba d-dejn u l-infieq aktar mid-dħul li dejjem kellu dan il-gvern.

Huwa għalhekk li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibqgħu mhux ippubblikati, ħalli ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jeħduha kontra l-gvern ta' dak l-Istat Membru u mhux kontra l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha li jkunu ordnaw lill-gvern ta' dak l-Istat Membru jieħdu dawk il-passi.

Dan huwa dak li tfisser sħubija fl-Unjoni Ewropea, u min jipprova jgħid li l-Gvern mhux qiegħed jimxi fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea u qiegħed jieħu l-passi minn jeddu jrid iqarraq biex jiskuża lill-Unjoni Ewropea. Tinsewx li l-ordnijiet mhux dejjem isiru pubbliċi.

**<u>Deċiżjonijiet mill-Kunsill</u>**

**7. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta d-deċiżjonijiet u rrakkomandazzjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafi 8 sa 11.**

**Għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru koncernat.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oĦra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni**

**ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

Innutaw kif kull darba huma l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar x'għandu jagħmel l-Istat Membru li jkun qiegħed jonfoq aktar milli jdaħħal, u kif ir-rappreżentant tiegħu jiġi njorat u l-vot tiegħu ma jagħtux kasu.

**<u>Iħammru Wiċċ l-Istat Membru</u>**

**8. Meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi li ma kien hemm ebda azzjoni effettiva bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fil-perijodu stabbilit, il-Kunsill jista' jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.**

Huwa ċar li jekk l-Istat Membru ma jieħux il-passi skond kif ikunu rrakkomandawlu, jew aħjar ordnawlu, ir-rakkomandazzjonijet jiġu ppubblikati biex bħal speċi jħammrulu wiċċu ma kulħadd.

Kieku tassew huma rakkomandazzjonijiet u mhux ordnijiet, ma kienux jagħmlu hekk, għaliex rakkomandazzjoni teħodha jekk trid u mhux bilfors. Barra minn hekk, għalfejn jekk jissejħu rakkomandazzjonijiet ikunu ppubblikati?

**<u>Theddid lill-Istat Membru mill-Kunsill</u>**

**9. Jekk Stat Membru jibqa' jonqos milli jdaħħal fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti notifika lill-Istat Membru biex jieħu, f'terminu ta' żmien speċifikat, miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit li huwa meqjus meħtieġ mill-Kunsill sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.**

**F'dan il-każ, il-Kunsill jista' jitlob lill-Istat Membru konċernat biex jissottometti rapporti skond skeda ta' żmien speċifikata sabiex jiġu eżaminati l-isforzi ta' aġġustament ta' dak l-Istat Membru.**

Dan is-subartikolu jkompli juri kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ma jibqgħux **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, għaliex kieku ma jkunx hemm l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jindaħlu x'jagħmlu u ma jagħmlux.

Innutaw dak li għedna aktar qabel li r-rakkomandazzjonijiet ma huma rakkomandazzjonijiet xejn, għaliex warajhom tiġi deċiżjoni Ewropea li l-Istat Membru jkollu jobdi bilfors.

Rakkomandazzjonijiet taċċettahom u tagħmilhom jekk trid.

Tidher jew le l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-qerq tagħhom?

<u>**Ordnijiet Arroganti u Multi lill-Istat Membru**</u>

**10. Sakemm Stat Membru jonqos li jħares id-deċiżjoni Ewropea adottata skond il-paragrafu 9, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japplika jew, skond il-każ, jirrinforza miżura jew miżuri fost dawn li ġejjin:**

**a) li jeħtieġ lill-Istat Membru konċernat biex jippubblika informazzjoni addizzjonali, li għandha tiġi speċifikata mill-Kunsill, qabel ma joħorġu l-bonds u t-titoli;**

**b) li jistieden lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment biex jerġa' jikkunsidra l-politika ta' self tiegħu lill-Istat Membru konċernat;**

**ċ) li jeħtieġ lill-Istat Membru konċernat biex jagħmel depożitu li ma jrendix imgħax ta' ammont xieraq ma' l-Unjoni sakemm il-Kunsill jikkunsidra li d-defiċit eċċessiv ġie korrett;**

**d) li jimponi multi ta' ammont xieraq.**

**Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-miżuri adottati.**

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membi jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta jekk ma jobdux l-ordnijiet ta' l-Istat Federali arroganti ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss jittieħdu l-passi msemmija kontrihom, imma anki jiġu mmultati?

Innutaw ukoll kif Stat Membru jista' jiġi ordnat li anki jagħmel depożitu li tiegħu ma jieħux imgħax biex ikun żgurat li jobdi l-ordnijiet li jingħata mill-Kunsill.

Sewwa jgħid il-qawl Malti li "**l-ħmar il-magħkuż idur għalih id-dubbien**", għaliex aktar ma jkollu problemi aktar l-Unjoni Ewropea tordnalu li jagħmel depożitu mingħajr ma jingħata imgħax għalih.

L-Istati Membri u l-Gvernijiet tagħhom ġabuhom qishom persuna akkużata b'reat quddiem il-Qorti li tingħata l-liberta' proviżorja billi tiddepożita somma l-Qorti

Jekk ikun qiegħed isibha diffiċli u jkun qiegħed jonfoq aktar milli jdaħħal, kif jista' jagħmel depożitu li biex tkompli tagħqad ikun mingħajr imgħax?

Dan mhux aktar sejjer jaggrava s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu?

Jista' xi ħadd jibqa' jgħid li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta' jkollhom joqgħodu għal din l-umiljazzjoni kollha qishom xi tfal żgħar?

Tridu li aħna nibqgħu fl-Unjoni Ewropea meta nistgħu naslu f'din l-umiljazzjoni u l-ordnijiet tal-barrani arroganti kolonjalista ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea speċjalment meta nafu kemm il-Gvern jonfoq ħafna aktar milli jdaħħal?

<u>**Kollox f'Idejn il-Kunsill**</u>

**11. Il-Kunsill għandu jħassar xi uħud mill-miżuri jew il-miżuri kollha previsti fil-paragrafu 6 u fil-paragrafi 8 sa 10 jekk jikkunsidra li d-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru konċernat ikun ġie korrett. Jekk il-Kunsill ikun, qabel, għamel rakkomandazzjonijiet pubbliċi, għandu jiddikjara pubblikament, malli d-deċiżjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 8 tkun ġiet irrevokata, li ma jeżistix iktar defiċit eċċessiv fl-Istat Membru konċernat.**

Innutaw li jekk il-Kunsill iqis li l-infieq ikun ġie rranġat, jista' ma jneħħix il-miżuri kollha li jkun ħa kontra dak l-Istat Membru, imma xi ftit minnhom skond kif ikun jidhirlu.

Umiljazzjoni waħda wara l-oħra għall-Istati Membri mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri u l-gvernijiet tagħhom stmati bħal tfal li jekk joqgħodu kwieti u jobdu jagħtuhom iċ-ċejċa.

Il-fatt li jekk il-Kunsill ikun għamel ir-rakkomandazzjonijiet pubbliċi għandu jiddikjara pubblikament li d-deċiżjoni li jkun ħa qabel tkun ġiet revokata huwa biss kif titlob id-diċenza, għaliex la qabel ir-rakkomandazzjonijiet kienu pubbliċi, anki r-revoka tagħhom għandha tkun pubblika.

**12. Id-drittijiet biex isiru r-rikorsi previsti fl-Artikoli III-360 u III-361 ma jistgħux jiġu eżerċitati fil-kwadru tal-paragrafi 1 sa 6 jew il-paragrafi 8 u 9.**

**13. Disposizzjonijiet oħra dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura prevista f'dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-proċedura għad-defiċit eċċċessiv.**

Fi kliem ieħor, trid issir referenza għall-Protokoll imsemmi biex tkun taf l-affarijiet kollha li jistgħu jsiru u kif trid issir il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu.

Sistema ta' l-Unjoni Ewropea biex inti tibqa' għaddej u ma toqgħodx tfittex x'jgħid dan il-Protokoll ħalla tilħaq tinsieh.

Dan huwa l-qerq li jimxi bih il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma biex nagħtu ħjiel, għalkemm dawn l-Artikolu narawhom aktar 'il quddiem, Artikolu III-360 huwa dwar kif jekk Stat Membru jonqos minn xi ħaġa f'din il-Kostituzzjoni, u għalhekk anki jekk ma jobdix l-ordnijiet dwar id-defiċit tiegħu fiż-żmien mogħti mill-Kummissjoni, din tista' tressqu quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu III-361 huwa dwar kif Stat Membru ieħor jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Anki l-Istati Membri jridu jġelldu bejniethom, għaliex kif għedna aktar qabel, il-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewroppea jafu li "**fi ġlieda bejn tnejn jirbaħ it-tielet**".

## Liġi Ewropea tibdel il-Protokoll

**Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri xierqa biex jissostitwixxu l-imsemmi Protokoll. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Fi kliem ieħor, minkejja li l-Protokoll huwa parti mill-Kostituzzjoni u jrid ikun hemm il-qbil ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom fejn huma sejrin jiġu kkonsultati, il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li jkun jista' jibdel dan il-Protokoll u b'hekk ikun qiegħed jieħu s-setgħa mingħand l-Istati Membri li ma jkunux jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom u taċ-ċittadini tagħhom għal xi bdil li jkun sejjer isir.

Qegħdin taraw l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li waqt li jitolbu li jkun hemm qbil fuq xi ħaġa, dik l-istess ħaġa tkun qiegħda tagħtihom il-jedd u s-setgħa biex ikunu jistgħu jbiddluha kif u meta jridu permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha stess u mhux billi terġa' tikkonsulta lill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom?

## Aktar Tibdil fil-Protokoll

**Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu regoli u definizjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-imsemmi Protokoll. Għandu jagixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

M'hemmx kummenti ħlief li bħal ma rajna f'Artikoli oħra, kollox isir mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux mill-Istati Membri.

Qegħdin taraw min jikkmanda fl-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea, jekk hijiex l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri?